

# “Inxteħtu fl-Art Iqimuh”

Sussidju għall-Avvent

2014

# "INXTEĦTU FL-ART IQIMUH"

(Mt 2:11)

*Sussidju teoloġiku-liturġiku-pastorali għall-Avvent*

*Segreterija Pastorali*

*Djoċesi ta' Għawdex*
*2014*

# DAĦLA



Fin-*Novo Millennio Ineunte*, il-Papa qaddis Ġwanni Pawlu II kien afferma li kull ħidma tal-Knisja titlaq mill-"Primat tal-Grazzja" (n.28). Hu jistqarr li l-ħajja tat-talb hi fundamentali għax tfakkarna kontinwament fil-primat ta' Kristu f'ħajjitna u fil-primat tal-ħajja interjuri u tal-qdusija bħala l-għażla fundamentali tagħna.

Il-Pjan Pastorali Djoċesan 2013-2016 jaqbad fuq din l-affermazzjoni tal-Papa u jinnota "li l-ħajja tagħna tagħmel sens veru meta hi f'relazzjoni ma' Alla. Il-ħajja tal-grazzja tikber fina jekk inniżżlu l-għeruq tagħna fi Kristu permezz tat-talb." (n.30)

F'dan is-Sussidju tal-Avvent ppruvajna nagħtu post speċjali lit-talb, kemm fl-artikli teoloġiċi kif ukoll fil-proposti pastorali.

It-titlu li tajna lil dan is-sussidju jesprimi l-atteġġjament ta' adorazzjoni mhux biss tal-Maġi imma wkoll tal-komunità Nisranija quddiem il-misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla. Fost oħrajn, qed noffru xi skemi ta' adorazzjoni, mibnija fuq il-ħajja ta' xi persuni li għexu ħajja qaddisa, li jistgħu jintużaw mhux biss f'dan iż-żmien imma wkoll matul is-sena liturġika kollha.

Ix-xbieha ta' dan is-Sussidju turi l-Adorazzjoni tal-Maġi, ikona Russa, circa 1895-1905 (ara http://www.liveauctioneers.com/item/898840).

Nittamaw li din l-għajnuna pastorali sservi ta' strument sempliċi biex l-operaturi pastorali u l-komunitajiet ekkleżjali jikbru dejjem aktar fl-għaqda ma' Kristu.

Nixtieq nirringrazzja lid-diversi kontributuri li offrew xi materjal għas-Sussidju, u wkoll lil Noel Formosa li qara l-kotra tal-artikli għall-ortografija.

**Dun Giovanni Curmi**
*Segretarju Pastorali*
28 ta' Novembru 2014

# L-Ewwel Taqsima: Tħabbira tal-Avvent



## 1. IL-KEBBIES TAL-FANALI

**Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex**

Wieħed mill-isbaħ mumenti tal-Viżta Pastorali li qiegħed nagħmel huma ż-żjajjar fil-familji. Hemmhekk qed niltaqa' mar-realtà umana. Nintebaħ li mhux kulma jleqq huwa deheb, għax għalkemm minn barra d-djar tagħna huma sbieħ, f'xi wħud minnhom hemm drammi u esperjenzi li jafu jtaqqlu l-qalb.

Għandi f'moħħi dik l-anzjana li qed tgħix waħidha. It-toqol tas-solitudni tagħha huwa mżewweġ ma' biża' li jibda dieħel f'darha ma' nżul ix-xemx, peress li żmien ilu xi għefiered daħlu girfulha l-ftit maħżun li kellha.

Qed niftakar f'dik il-familja fejn hemm persuna b'diżabilità li tiddependi għal kollox mill-oħrajn. Mingħajr ebda ħjiel ta' dubju, il-ġenituri jgħixu għal dan il-wild. Ix-xena tal-missier jakkarezza b'dawk l-idejn ġolfi tiegħu tibqagħli impressa. Għalkemm il-ġenituri huma totalment dedikati u jagħmlu l-ilma jiżfen, huma wkoll jinħakmu mill-ansjetà u t-tħassib dwar il-futur ta' din il-persuna għażiża għalihom.

Fejn hemm persuna marida, il-familja kollha tkun mgħaffġa fil-morsa tal-mard. Hija sitwazzjoni wiegħra meta tkun taf li x-xjenza medika tkun qatgħet qalbha minn xi ħadd li huwa demmek u laħmek. Nistħajjel li tkun tara d-dell tal-mewt wara kull kantuniera.

F'familja oħra osservajt li, waqt li ż-żewġt ulied li għadhom żgħar kienu medhijin jilagħbu, il-missier kellu ħarsa miksura għax ftit xhur ilu martu għamlet il-bagalja u telqet. It-tfal għadhom ma ntebħux bil-gravità tas-sitwazzjoni; imma l-missier jaf li ma għandux il-ħila li waħdu jagħti trobbija. Huwa konxju wkoll kemm ser ikun diffiċli għalih jgħix waħdu.

F'parroċċa minnhom, dħalt għand koppja li ma kinux miżżewġin, għax it-tnejn kellhom fuq spallejhom storja ta' falliment fiż-żwieġ. Ħasbu li minħabba l-qagħda tagħhom ma kontx ser nidħol għandhom! Illum dik il-mara mietet. Sabni s-sieħeb tagħha u stqarrli li ż-żjara li kont għamiltilhom taffitilhom ħafna mill-piż.

Dawn huma biss ftit mid-daqqiet tal-pinzell li jimlew il-kwadru tal-ħajja tagħna, li hija taħlita ta' dwal u dellijiet. Dawk li ma jċedux għat-tentazzjoni li jingħalqu f'torri tal-avorju jew fis-sagristiji, imma jagħżlu li jimxu fit-triq, hekk kif jibdew imiddu l-passi malajr jintebħu li madwarna hemm veduta li ssaħħar imma hemm ukoll xeni ta' tbatija tremenda; fostna u magħna hemm ħeġġa biex ngħożżu u nkattru t-tajjeb li għandna, imma hemm ukoll il-gwaj li kapaċi jniżżel lill-bniedem għarkupptejh. F'ċirkustanzi simili, naħseb li bħali ħafna oħrajn jagħmlu l-istess mistoqsija li jistaqsi l-Koħelet: "Xi qligħ għandu l-bniedem mit-taħbit tiegħu kollu?" (1:2).

F'dan il-kuntest soċjali ma rridux naqtgħu qalbna. Kif jikteb il-ħassieb Franċiż Emmanuel Mounier, "il-qtigħ il-qalb u l-biża' mill-ġejjieni fihom infushom huma diġà għamliet ta' mard… Li wieħed jaċċetta jew jirrifjuta t-tama, ikun ifisser li qed jaċċetta jew jirrifjuta li jkun bniedem". Għalhekk, dak kollu li jqawwilna t-tama rridu noħorġuh fid-dieher, anki jekk nafu li xi drabi dak li nistgħu nserrħu fuqu jagħtina tamiet limitati. Madwarna hemm ħafna tajjeb, speċjalment fiż-żgħażagħ, u meta

nintebħu bih, jaf ikun riżorsa ta' enerġija pożittiva. Ma għandna naħlu ebda sulfarin li nistgħu nqabbduh biex inkeċċu d-dlam.

Lil dawk li għandhom il-ftila tat-tama tagħhom qiegħda tnin jew forsi wkoll mitfija, infakkarhom li llum il-komunità Kattolika qed tagħti bidu għaż-żmien tal-Avvent – żmien li jista' jqabbad fina t-tama. Ma nistagħġibx li mhux kulħadd jaf li l-Avvent huwa skola fejn il-bniedem jiġi stimulat biex ikattar it-tama tiegħu. Mhux qed nirreferi għat-tama rħisa li nixtru mill-vetrini tal-ħwienet jew minn stabbilimenti kummerċjali; imma l-Avvent ilaqqagħna ma' Ġesù Kristu u għalhekk jgħinna niġu wiċċ imb wiċċ mat-tama li għandu Alla, li mhux biss qatt ma jaqta' qalbu mill-bniedem (anki jekk il-bniedem jaf jaqta' jiesu minnu), imma għandu l-kuraġġ li dejjem isib modi ġodda kif jikkomunika magħna l-bnedmin. Alla jibqa' jittama li meta jħabbtilna fuq il-bieb, aħna nifthulu biex jidħol joqgħod magħna u jkun l-*Għimmanu-El*, "Alla magħna". Alla jħabbat fuq kull "bieb". Mhu ser jaqbeż ebda bieb. Ma hemm ebda sitwazzjoni umana li Alla sejjer jiskarta.

Nistaqsu lil min huwa mġarrab biex ikollna idea ta' x'issarraf il-preżenza tiegħu magħna. Hija preżenza li ddewwaqna l-imħabba, il-ħlewwa, it-tjubija ta' Alla; fuq kollox hija preżenza li meta nħossuna waħidna, toffrilna kenn u kumpanija. Hija preżenza li lil min ikun tilef kull tama, tgħinu jerġa' jibda jsib sens f'ħajtu.

Meta fl-ewwel Milied Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja, nistħajlu li bagħat fostna l-*kebbies tal-fanali*, biex ninqeda bit-titlu ta' poeżija sabiħa ta' Anton Buttigieg, il-poeta tan-natura. Nistħajjel li aħna l-bnedmin, mingħajr eċċezzjoni, għandna qalb li mhux lakemm tkun sodisfatta għal kollox, għax dejjem jonqosna xi ħaġa. Dan l-"inkwiet" jew nuqqas ta' serħan il-moħħ joktor meta jagħfsu fuqna problemi ta' saħħa dgħajfa, relazzjonijiet imxellfa, piżijiet finanzjarji, falliment morali u spiritwali, u iktar. F'waqtiet iebsin bħal dawn, il-poeta Għawdxi Anton Buttigieg ma jitlifx it-tama, tant li jikteb li "kull filgħaxija, kif mal-għabex tnin u tmut saħħet il-jum, jiġi Majsi bis-sellum u jixgħel taħt it-tieqa fanal ċkejken li tal-lejl itaffi d-diqa".

Ma nafx min kien Majsi; imma żgur li jixbah lil Kristu, li meta d-dalma dallmet qalb il-bniedem, qabad is-sellum u niżel mis-sema u xegħel taħt it-tieqa ta' kull wieħed minna fanal ċkejken li tal-lejl itaffi d-diqa. Għandi xewqa kbira li matul dan l-Avvent, int li qed taqra, tiltaqa' ma' Majsi, il-kebbies tal-fanali… u li inti bħal Kristu wkoll tkebbes it-tama fl-oħrajn.

# It-Tieni Taqsima: Teoloġija Biblika



## 2. IS-SALMI BĦALA TALB GĦAL KULĦADD

Mons Lawrenz Sciberras

Fl-ewwel sessjoni tal-Konċilju Vatkan II, mela kien għadu ħaj il-papa l-lum qaddis San Ġwann XXIII saru ħafna u ħafna interventi wħud minnhom jaħarqu tassew dwar il-ħtieġa ta' tibdil fil-liturġija. Fost dawn kien hemm l-użu tal-vernakular, jiġifieri li l-liturġija tibda ssir bl-ilsien tal-post. Fost ir-riformi msemmija kien hemm fervent qawwi minn diversi isqfijiet dwar it-tnaqqas tar-reċita tas-salmi ta' kuljum, mela tnaqqas fil-brevjar tal-qassis u magħhom ta' dawk kollha li jgħidu ta' kuljum l-ufiċċju. Fost tant interventi kien hemm il-kardinal Stefan Wyszynski, l-primat tal-Polonja. Dan wera preokkupazzjoni tassew kbira minħabba l-imsemmija riforma. Beża' minnha.

Il-kardinal tkellem bil-Latin u dan kien wieħed tassew imqanqal, u tkellem minn esperjenza personali tiegħu, kif ukoll ta' sħabu l-qassisn tal-Polonja li għaddew mill-kampijiet atroċi tal-konċentrament ta' Lager u Gulag. Dak il-brevjar kompla l-kardinal, li donnu kien jidher tant difettus, għalihom kien tassew dik ir-rabta konkreta biex iżommu l-għaqda sħiħa ma' Kristu u mal-Knisja. Dejjem skont Wyszynski ma kienx il-każ li wieħed inaqqas jew iċekken it-talba tas-salterju meta l-ostilità kontra l-Knisja kienet tant qawwija u feroċi. F'dan il-każ kien hemm aktar bżonn ta' talb assidwu, kostanti, profond u meditat.

Il-konklużjoni tal-kardinal hija waħda tassew qawwija u li taqta'; iżda kienet osservazzjoni ta' eżami qawwi ta' kuxjenza għaliex huma kliem ta' xhud dirett. "Ma għandu jonqos qatt nies lesti biex jiskużaw lilhom infushom u ma jgħidux il-brevjar u dan għaliex ma għandhomx ħin biex jitolbu". Ħadd ma għandu anqas biss jaħseb li jnaqqas id-doveri tiegħu minħabba dawk li jirraġunaw hekk. Iżda hemm ukoll nies li jaħdmu sew il-ġurnata kollha u bi tbatija fil-għalqa tal-Mulej, u dawn qatt ma ħallew barra biex jitolbu bl-uffiċċju Divin.

Wieħed mill-isqfijiet preżenti kien Albino Luciani, isqof ta' Vittorio Veneto, il-futur Papa Ġwanni Pawlu I. Dan l-isqof tant impressjona ruħu bl-intervent qawwi tal-kardinal li wassal dan il-kliem lill-qassisin tad-djocesi tiegħu. Albino Luciani stgħaġeb mhux ftit meta minn knisja milquta minn tant problemi u li kienet għaddejja mill-martiju tal-komuniżmu, toħroġ affermazzjoni tant ċara dwar dak li huma primarju fil-ħajja tal-qassis, jiġifieri li l-qassis jitlob bil-galbu il-"Liturġija tas-Sigħat".

### Talb f'ħinijiet stabbli

Fil-ħsieb (ekonomija) tat-T.Ġ. il-ħajja kollha tan-nisrani għandha tkun ta' sagrifiċċju veru. Hekk kienet ħajjet il-Mulej sal-mument tal-passjoni tiegħu. "Nitlobkom ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom" (Rm 12,1). S. Wistin fil-ktieb tiegħu "Il-Belt ta' Alla", daħal ħafna bil-qawwa fejn eżamina li l-bniedem pagan b'dawk il-ħafna forom goffi ta' idolatrija ma wasalx għal dan il-għan qaddis. "Għalhekk is-sagrifiċċju tassew hu kull għemil li bih infittxu ningħaqdu f'rabta qaddisa ma' Alla, jiġifieri għemil li jsir għal dak il-ġid finali li bih nistgħu nkunu ħenjin tassew". Mela l-veru uniku sagrifiċċju wieħed jakkwistah permezz tal-għaqda – komunjoni – ma' Alla, u għaqda ma' Kristu saċerdot u vittma.

### F'għaqda mas-sema

Il-Knisja pellegrina, mela aħna, tagħmel dan f'għaqda ma' dik il-parti li diġà qiegħda tgawdi 'l Alla: issa l-ewwel fosthom hemm l-anġli. Santu Wistin fiċ-"Civitas Dei", isejħilha *Ecclesia deorsum et*

*ecclesia sursum.* Ecclesia deorsum (ta' hawn isfel) in *omnibus fidelibus*, *ecclesia sursum* (ta' fuq) *in omnibus angelis*. Din il-ħaġa hija verità fundata fil-liturġija kollha tal-Knisja antika, u ġejja mill-Ġudajismu; "Il-kult (it-talb) ta' din id-dinja jintona u jingħaqad ma' dak tas-sema. San Girgor Nissenu, Isqof ta' Nissa darba qal waqt sinodu: "Aħna nissieħbu mall-kant tal-anġli li hemm fis-sema". Dan għalina jfisser li t-talb tal-Knisja bħala risposta lejn is-salvazzjoni li għamel Alla, għandu dimensjoni storika u kosmika. L-aħħar taqsima tas-salmi (144-150) juru dan kollu. Ukoll is-Sanctus tal-anġli (Is 6,1-3) u li l-liturġija kristjana ħadet għal waqt il-quddiesa jipprova l-qawwa tat-talb bis-salmi.
L-armonija li waqqaf mill-ġdid Kristu, grazzi għall-Passjoni, id-Demm li xerred, il-Mewt u l-Qawmien bejn Alla u l-bniedem, u li din tiġi murija fit-tifħir tal-kant tas-salmi, tinterpreta r-ritorn tal-univers kollu lejn il-Ħallieq. Dan hekk kien fil-bidu tal-ħolqien, kollox bl-ordni, kollox sabiħ, kollox ubbidjenti lejn kulħadd. Issa l-bniedem stess bil-funzjoni "saċerdotali" grazzi għall-magħmudija li għandu jkun qed iwassal il-leħen ta' kull krejatura lejn Alla. "Ħa jkun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek; ikunu idejja merfugħa 'l fuq bħas-sagrifiċċju filgħaxija" (Sal 140, 2). Din id-dimensjoni kosmika tal-kant tista' tagħti wkoll sens u tifsira għall-użu ta' ħafna forom mużikali l-aktar elaborata u barokka fil-kult nisrani; kif ukoll bl-użu tal-istrument mużikali. Eżempju l-aħħar salm il-150, isemmi seba' strumenti mużikali: Dawn huma: "tromba, arpa, ċetra, tanbur, kordi, sfafar, ċimbali".

Il-bniedem fil-ħolqien huwa dak il-mistieden fid-dar ta' Alla kemm biex idoqq kif ukoll huwa l-għannej "liturgo". Dan huwa kapaċi jingħaqad għal dejjem mat-tifħir – kant tal-ispirti tas-sema li jfaħħru 'l Alla waqt il-kult tas-sema. Il-melodija hija simbolu u sinjal tal-ordni *euritmia* tal-ħajja. Dan l-ordni reġa' ġie stabilit grazzi għall-fidwa. Mela huwa għalhekk li "ħajtek stess għandha tkun kollha talba ta' salm! San Girgor Nissenu, min jitbiegħed minn Alla, il-bniedem jgħawweġ is-sens tal-ħolqien; mela min ma jitlobx ma jkunx miexi fuq il-binarju tal-ħolqien għanja tal-ħallieq. Għalhekk fil-liturġija tal-Knisja pellegrina din issib il-milja sħiħa tgħha fit-tifħir tal-Knisja tas-sema, Knisja perfetta Ġerusalemm ta' Fuq.

## Kif dan kollu jitwettaq

L-insara tal-bidu kienu jafu sew li Ġesù barra ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika b'tifkira tiegħu, huwa ma waqqafx mumenti fissi għat-talb, jew biex gruppi jinġabru flimkien, imma biex "jitolbu dejjem" (Lq 18,1). "Għandkom dejjem titolbu bla ma taqtgħu". L-insara jafu li ħajjithom kollha kienet kult – tifħir. Għal ewwel waslu biex ikkonkludew li jekk ikun hemm ĦIN fiss għat-talb dan jista' jwassal għal ċertu ritwaliżmu. Imma dan kollu waqa' meta aktar 'il quddiem bdiet ħierġa s-sbuħija, il-qawwa, u l-għaqda fost dawk li jitolbu flimkien. Din il-ġemgħa li titlob, ma hemmx numru jew post, imma tista' tkun kullimkien, familja, grupp, kunvent, skola ecc.

Illum kulħadd iżomm li s-salmi huma ta' element essenzjali għat-talb ta' kuljum. Dwar l-użu tagħhom almenu sal-ewwel tliet sekli fil-liturġija huwa ftit diffiċli biex tikkonkludih. Għaliex minħabba l-fatt li dawn is-salmi huma għanjiet tat-T.Q. mela purament Lhud, bdew jidhru xi ftit perikolużi. Hawn jaqbeż S. Atanasju fejn jinsisti ħafna għall-attenzjoni tas-salmi "idjoti" għanjiet u mużika tal-pagani. Dan l-isqof però insista ħafna dwar is-salmi "kanoniċi" u l-użu tagħhom fil-liturġija.

Difikultà oħra li qamet dejjem matul l-ewwel sekli kienet jekk kienx hemm talb sontanju ġej minn bnedmin individwali li jgħixu ta' eremiti jew it-talb tas-salmi. Iżda s-salterju huwa "il-ktieb tal-kant" tal-Knisja, kif ukoll il-ktieb tat-talb/meditazzjoni tal-individwu. Aktar l-użu tal-kant tas-salmi waqt il-laqgħat tat-talb, dan jaf il-bidu tiegħu tal-kult mis-sinagogi. Ma ninsewx li l-ewlenin insara kienu wkoll Lhud. Jidher li fost l-ewwel provi tal-kant tas-salmi f'kuntest komunitarju kristjan jeħodna għall-"ikliet fraterni" (1Kor 11,33), wara mbagħad daħlu għall-Ewkaristija. Hekk salm 33, użat għal waqt it-tqarbin u għall-velja tal-Għid.

Huwa fatt żgur li sa mill-bidu l-Insara apprezzaw ħafna s-salterju. Prova ta' dan hija ittra li San Atanasju kiteb lil Marċellinu. "Il-ktieb tas-Salmi għandu grazzja propja tiegħu, u għalhekk għandu bżonn li wieħed jagħtih attenzjoni partikolari". L-episkopat ta' Atanasju kien wieħed imqalleb u iebes ħafna. Kellu għalhekk jitbiegħed u jmur jgħix qrib ħafna tal-Monaċi tad-deżert. Wieħed minnhom kien Sant Anton Abbati, dak li mbagħad Atanasju stess kitiblu ħajtu. F'din l-okkażjoni Atanasju kiteb ittra lil Marċellino fejn tah pariri ta' kif għandu jifhem il-ktieb tas-salmi. Atanasju għamel dan, għaliex il-ktieb tas-salmi kien sar il-ktieb preferut tiegħu. San Atanasju jkompli jgħid li dawn l-istess pariri huwa diġà kien tahom lil ħabib monaku tiegħu li jgħix fid-deżert.

Oriġene għaref ieħor l-aktar fl-interpretazzjoni allegorika tal-Iskrittura kompla żviluppa dan il-ħsieb billi attribwixxa s-salterju kollu bħala tifsira Kristoloġika. Kull salm jista jitqiegħed fuq fomm Ġesù, kemm bħala Alla, kif ukoll bħala bniedem, kif ukoll bħala kap tal-Knisja. San Atanasju jagħmel konsiderazzjoni oħra: "Is-Salterju huwa ġabra tal-Iskrittura kollha!" Jiġifieri dak li fil-kotba l-oħra wieħed isib narrazzjoni storika, liġijiet, profezija, tagħlim sapjenzjali, dan kollu qiegħed fis-salmi taħt forom ta' għanjiet. Ta' spiss dawn jingħaqdu fl-ewwel persuna, u hekk min jgħidhom jidentifika lilu nnifsu mas-salm stess. San Atanasju jkompli jwessa' l-ħsieb meta jafferma li fil-Bibbja 'l hawn u 'l hinn hemm ukoll salmi oħrajn. Huwa jsemmi l-innu ta' Mirjam oħt Mosè (Eż 15), u dik ta' Anna wara li twieled Samwel (1 Sam 2).

## Aktar tagħrif

Mela s-salterju huwa l-Iskrittura fl-aktar forma li faċilment tiftakarha. Il-qarrej Kristjan fis-salmi jagħraf (1) dejjem aktar lilu nnifsu, (2) it-taħbit li għandu kemm ta' ferħ u ta' dwejjaq, (3) il-ġabra sħiħa u kollha ta' ħsibijietu (4) id-dnubiet li huwa għandu jikkoreġi u jaħrab (5) il-qtigħ ta' qalb u l-kuraġġ. Din hija l-grazzja speċjali tas-salterju. "Min jabad il-ktieb tas-salmi, jimxi mixja mall-profeziji fejn dawn għandhom x'jaqsmu mas-Salvatur tant li dan il-qarrej jimtela b'għoġba u venerazzjoni lejhom. Is-salterju aktar minn kull test bibliku ieħor naturalment jiftaħlek it-triq għat-talb, ukoll meta s-salm singolu huma pjuttost meditazzjoni storika jew xi żfog ta' xi ruħ li tkun imdejqa, xorta waħda jista' jilħaq dan il-għan. Barra dan is-salterju jfejjaq ir-ruħ billi jqanqal ġo fiha dik il-kapaċità biex tagħmel it-tajjeb, u dan għaliex kull kelma diġa' twettqu fihom infushom u għalhekk saru għanjiet li jagħtu l-frott spiritwali grazzi għal Kristu li qabel twettqu fiH stess.

San Atanasju jistinka ħafna biex jagħti indikazzjoni dwar l-użu tas-salmi. Huwa jfisser għal liema ġeneru letterarju jappartjeni kull salm, eżempju, ilment, ta' ringrazzjament, ta' ferħ, gradwali, irjali eċċ. Ukoll għal liema sitwazzjoni kull salm huwa adattat l-aktar. Evidentement il-ħsieb ta' Atanasju mhux le wieħed eseġetiku fis-sens tekniku, imma wieħed prattiku, għaliex jissuġġerixxi li tkun taf il-kuntest. Għalhekk kienu jintgħażlu s-salmi u adattati għal kull sitwazzjoni u jingħadu jew jitkantaw u fl-istess waqt iqabblu s-sentimenti propji ma' dak li hemm miktub fihom.

## Il-kant tas-Salmi

San Atanasju jagħmel riferenza oħra interessanti fejn jidħol issa l-kant tas-salmi. Dan għaliex minn viżjoni personali, meta s-salmi jitkantaw jgħaddu għall-parteċipazzjoni komunitarja. Għal dan l-isqof, TNEJN huma r-raġunijiet għaliex wieħed għandu jgħanni meta jkanta is-salmi.

A. Li tkanta, l-ewwel huwa mod fejn inti tesprimi l-IMĦABBA tiegħek lejn Alla bil-"qawwa tiegħek kollu" (Dt 6,5). Mhux le b'qalbek kollha, b'ruħek kollha imma b'SAĦĦTEK. Din hija raġuni aktar spontanja u biblika milli filosofika. It-tifħir għoli u sinċier li jistħoqlu Alla ma jista' u ma għandu qatt jiġi fgat u magħluq fl-intimu tal-bniedem. Dan it-tifħir jitlob espressjoni FIŻIKA kif ukoll ARTISTIKA. Santu Wistin ikompli jsaħħaħ dan billi jgħid: *cantare amantis est*, jiġifieri min iħobb jesprimi lilu nnifsu bil-kant! Atanasju però jaħseb ukoll f'kant aktar dinjituż u awster, jiġifieri *lettura melodica*, dak li nsejħulu *recto tono*.

B. It-tieni raġuni: Il-kant tas-salmi huwa MANIFESTAZZJONI, wirja kif ukoll STRUMENT tar-rebħa mill-ġdid tal-armonija tal-bniedem; U dan ma Alla u miegħu nnifsu. Din l-armonija tiġi mogħtija minn Kristu stess waqt dan l-eżerċizzju dinjituż ta' kant. Hawn ħassejt li nħalli bit-taljan il-ħsieb ta' S. Atanasju: *"La lettura cantata dei salmi non è tanto un' esercitazione canora, quanto un segno dell'armonia dei pensieri dell'anima, e un simboli di una mente in stato di quiete e di pace. Chi canta in questo modo dona armonia alla sua anima e la conduce, è così dira, dalla dissonanza all'accordo..... Ben disposta (l'anima) dalla melodia delle parole, dimentica le passione e guarda con gioia ai pensieri di Cristo (1 Kor 2,16) pensando ai beni migliori".*

Ċ. Il-kant sewwa tas-salmi li jsir b'dan il-mod isir utli u ta' eżempju wkoll għal dawk li jisimgħuh. Lilhom ukoll isir mezz ta' tifħir tar-ruħ lejn Alla. B'dan il-mod in-nies li jkunu preżenti jkunu kapaċi wkoll biex iwieġbu, meta jidħlu fir-ritornell tal-alleluia. Minn dan jidher għalhekk kemm hija ħaġa sbiħa li wieħed ikanta s-salmi. Sewwa li dawn id-drawwiet qaddisa ma nħalluhomx jaħarbulna għal kollox minn idejna!

## Ġesù u s-salmi

Ġesù kien Lhudi allura kemm individwalment kif ukoll kollettivament huwa talab kif ukoll kanta s-salmi. Eżempju klassiku għal dan li qegħdin ngħidu ġara dritt wara l-ikla tal-Għid li għamel mal-appostli. Ġesù flimkien magħhom "kantaw is-salmi u ħarġu lejn il-Għolja taż-Żebbuġ" (Mt 26,30; Mk 14,26). Din ta' ringrazzjament kienet xi ħaġa l-aktar normali.

Dawn is-salmi 115 – 118 jissejħu salmi tal-Ħallel, jiġifieri ta' ringrazzjament: "Mhux lilna, Mulej, mhux lilna, iżda lil ismek sebbaħ, għat-tjieba u l-fedeltà tiegħek" (Sl 115,1). "Inħobb il-Mulej, għax sema' leħen it-tħannin tiegħi, għaliex hu tani widen fil-jum li fih sejjaħtlu" (Sl 116,1-2).

Il-patri franġiskan tal-minuri Frederic Manns, fil-ktieb tiegħu "Ecce Homo", jikteb li waqt li s-suldati Rumani kienu sejrin b'Ġesù lura minn għand Erodi għal għand Pilatu, Ġesù rrepeta kliem is-salm:

"Eħlisni mit-tajn sabiex ma nifgax
Ħalli niġi meħlus mill-għedewwa
Mill-ilmijiet fondi
Inti taf kemm ġejt insultat kemm
Mistħija u kemm diżunur
Jien stennejt ħniena iżda kollu għal xejn
Min jikkunslani, iżda ma sibt il-ħadd.

Waqt il-flaġellazzjoni li saret fil-bitħa tal-fortizza Antonia, fejn Ġesù sar ġerħa waħda, hemm waħdu fil-bitħa Ġesù qal is-salm 129, 3-4:

"Bil-moħriet għaddew minn fuq dahri
Raddiet twal bis-swat għamluli
Imma ġust hu l-Mulej
U qatta' minn fuqi l-irbit tal-ħżiena".

Meta Ġesù ltaqa' mal-mara Samaritana ħdejn il-bir ta' Ġakobb, Ġesù hekk kif ra lil dik il-mara f'ħin mhux normali ġiet biex timla l-ilma, kien Ġesù li beda d-diskursata: "Agħtini nixrob" (Ġw 4,7). Waqt dak id-djalogu, li s-suġġett tiegħu kien l-ilma, Ġesù ġieh f'moħħu kliem is-Salm 42. Dan huwa l-ewwel salm tat-tieni ktieb tas-salmi:

"Bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxiegħat tal-ilma
Hekk tixxennaq għalik ruħi
Alla tiegħi
Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj,
Meta niġi u nara wiċċ Alla?" (Sl 42,1-2)

Il-kelma – verb – għatxan □□□□□, tfakkar f'dik l-għajta qawwija li għajjat Ġesù minn fuq is-salib: "Għandi l-għatx" (Ġw 19,28).

Kull darba li Ġesù kien ikun tiela Ġerusalemm aktarx għal xi festa tal-pellegrinaġġi, huwa flimkien mal-appostli jkantaw is-salmi tat-Telgħat: Gradwali, jew tat-turġien. Jissejħu hekk għaliex Ġerusalemm hija mibnija fuq għolja. Dawn is-salmi huwa 120 - 133

"Nerfa' għajnejja lejn il-għoljiet
Mnejn se tiġini l-għajnuna?" (Sl 121,1)

"Fraħt meta qaluli
Sejrin f'dar il-Mulej" (Sl 122,1)

Lejk nerfa' għajnejja,
Int li tgħammar fis-smewwiet" (Sl 123,1).

"Li ma kienx il-Mulej magħna
Ħa jgħid hekk Iżrael
Meta qamu għalina n-nies" (Sl 124,1)

"Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar
Għalxejn jitħabtu l-bennejja
Jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt
Għalxejn jishar il-għassies" (Sl 127,1)

"Meta l-Mulej reġġa' lura l-imjassrin ta' Sijon
Konna qisna mitlufa f'ħolma
Imbagħad bid-daħk imtela fommna
U bl-għajjat ta' ferħ ilsienna" (Sl 126,1-2)

L-aħħar eżempju qawwi u TIPIKU huwa kliem is-salm 22, meta Ġesù kien fl-aħħar mumenti ta' ħajtu fuq is-Salib. Dan huwa salm ta' supplika, jiġifieri aqwa minn talb u lamentazzjoni". Salm motivat minn ċirkustanzi ta' tbatija, abbandun u hemm. Bosta minn missirijiet il-Knisja jaqblu fejn jikkunsidraw li l-ewwel parti tas-salm 22 bħala profezija tal-Passjoni ta' Kristu.

"Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?
Bqajt 'il bogħod u ma salvajtnix
Qatgħa gniedes daru miegħi
Barrin qawwija ta' Basan għalquni
Ħalqi niexef bħal xaqqufa
Ilsieni mwaħħal ma' ħnieki
Taqqbuli idejja u riġlejja
Nista' ngħodd għadmi kollu!" (Sl 22).

## Konklużjoni

San Bażilju l-Kbir, Isqof u Duttur jagħmel dan it-tifsir u tifħir fil-bidu tal-EWWEL salm li imbagħad dan jgħodd għal bqija tas-salmi: "Is-salm huwa ta' mistrieħ għar-ruħ, iwassal il-paċi, ibiegħed it-taqlib u l-mewġ qawwi tal-ħsibijiet. Għandu l-qawwa wkoll li jrażżan ir-rabja tar-ruħ, u jliġġem l-għaġġla żejda u bla rażan. Is-salm isaħħaħ il-ħbiberija, jirrikonċilja lil dawk li huma mifrudin, iħassar il-mibgħeda. Min infatti jista' jibqa' jżomm b'għadu dak li Alla stess ħafirlu.

Hekk is-salmodija kapaċi twassal l-aqwa ġid, l-imħabba, għaliex din tidher fl-użu tal-kant tagħhom (salmi): Kif ukoll is-salmodija tibni b'mod l-aktar sabiħ sinfonija minn fost dik il-ġemgħa li tkun tkanta. Is-salm iħarrab id-demonji, isejjaħ mill-ġdid l-għajnuna tal-anġli. Huwa tarka għal waqt il-beżgħat tal-lejl, huwa waqfa waqt il-għejja tal-jum; huwa lqugħ għat-tfal, huwa sbuħija għal dawk li qegħdin fiż-żgħożija tal-ħajja, u wens għall-anzjani.

Is-salm iservi ta' pedament għal dawk li se jibdew imiddu l-ewwel passi għal dawk li jimxu 'l quddiem f'din il-mixja, ta' nifs għal dawk li qegħdin f'nofs din il-mixja. Huwa LEĦEN tal-Knisja. Is-salm iferraħ il-jiem tal-festi, huwa joħloq dik il-gravità li togħġob lil Alla. Is-salm għandu l-qawwa li jislet id-dmugħ ukoll minn qalb tal-ġebel. Is-salm huwa opra tal-anġi, ħolqien tas-sema, u inċens spiritwali li jifred is-sħab sa ma jasal quddiem it-tron ta' Alla".

Hemm żewġ referenzi għat-talb li dan meta magħmul sewwa jiġi mxebbaħ lil inċens li jitla' 'l fuq quddiem Alla. "Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek, ikunu jdejja merfugħa 'l fuq, bħas-sagrifiċċju ta' filgħaxija" (Sl 140,1-2). Hemm imbagħad ukoll l-Apokalissi: "Id-duħħan tal-inċens tela' minflok it-talb tal-qaddisin minn id l-anġlu quddiem Alla". (Apok 8,4).

Għalkemm is-salmi ilhom tant mijiet ta' snin li nkitbu taħt l-influss tal-Ispirtu s-Santu dawn xorta waħda għadhom iservu ta' mezz l-iktar qawwi biex wieħed jitlob bihom. F'kull stat tal-ħajja, ferħ jew niket, żagħżugħ jew imdaħħal sew fiż-żmien, għani jew fqir, waħdek jew għandek xi responsabiltà, dawn l-għanjiet għad fadlilhom messaġġ u messaġġ qawwi xi jwasslu lil kull bniedem. Biex dan iseħħ tassew huma meħtiġin żewġ ħtiġijiet. L-ewwel li wieħed jiftaħ dan il-ktieb u jibda jitlob bihom. It-tieni li wieħed iħejji sew lilu nnifsu biex jilqa' b'qalbu miftuħa l-messaġġ li jkunu jridu iwasslu. Il-kardinal Gianfranco Ravasi fil-ktieb tiegħu "L'Incontro", *Ritrovarsi nella preghiera*, publikazzjoni Mondadori 2013 jikteb li huma meħtieġa erba' verbi biex wieħed jislet il-frott tant meħtieġ mir-reċita jew forsi aħjar mill-kant ta' dawn is-salmi. Dawn huma: (1) "Tieħu bil-mod in-nifs", (2) Taħseb sew, (3) Tissielet b'qawwa (4) Tħobb intensament.

Nikkonkludi billi ngħid li Santu Wistin fil-prietki u fil-kitbiet tiegħu jikkwota għal mhux anqas minn ħdax-il elf u ħames mitt darba s-salmi (11.500). U aħna dawn it-talbiet kemm daħlu sew fil-ħajja tagħna?

# 3. L-ISPIRTU TAT-TALB FIL-VANĠELU TA' SAN LUQA

Dun Charles Buttigieg

*"Qalilhom tixbiha oħra biex jurihom li għandhom jitolbu dejjem bla ma jaqtgħu." (Luqa 18:1)*

## Introduzzjoni

It-talb fit-tielet vanġelu ta' San Luqa li hu l-awtur ukoll tal-Atti tal-Appostli, jifforma tema importanti li tidher kullimkien fil-vanġelu. Ħafna biblisti jsejħu lil San Luqa bħala l-evanġelista tat-talb.Tajjeb li ngħidu hawnhekk li San Luqa kiteb kwart tat-Testment il-Ġdid. Huwa juża varjetà kbira ta' kliem grieg li għandu x'jaqsam mat-talb. Infatti t-talb jissemma madwar 65 darba fejn għandna madwar 25 kelma differenti fosthom insibu: *proseuche* (li nsibuha 22 darba u 25 darba fl-Atti); *deesis* (19-il darba), *enteuxis*; *euchomai*, *aiteo* u *erotao*. Naraw diversi forom ta' talb: tpattija tad-dnubiet, bħala tfittxija ta' Alla; petizzjoni; għajnuna, għall-fejqan, ta' fiduċja, ringrazzjament, tifħir u glorja lil Alla (ara 2:36–38; 3:21; 4:42; 5:16; 6:12; 9:18, 29; 10:21–23; 11:1–4, 5–8, 9–13; 18:1–8; 18:9–14; 21:36; 22:39–46). Il-vanġelu ta' Luqa jrid iwassal l-istorja tas-salvazzjoni (heilsgeschichte). Skont il-biblista Harris it-talb f'Luqa huwa "The primary signifcance of prayer in Luke's thought is that it serves as an important way in which the divine plan of salvation is made known". Insibu wkoll f'Luqa l-muntanja u d-deżert u diversi postijiet marbuta mat-talb.

## Messaġġ Ċentrali

San Luqa jagħmel enfasi kbira fuq il-mumenti li fihom Ġesù` talab, kif ukoll dawk il-mumenti li fihom Ġesù` għallem dwar it-talb. Huma ħafna dawk imbagħad il-persunaġġi li huma marbuta ma' dan l-ispirtu tat-talb; insemmu lil Żakkarija; Elisabetta; il-Madonna; ix-xwejjaħ Xmun fit-Tempju u l-profetessa Anna. Insemmu fuq kollox it-tliet innijiet ta' talb per eċċellenza, il-Benedictus (1:68-79), il-Magnificat (1:46-55) u n-Nunc Dimittis (2:29-32) li huma tassew tifħir lil Alla għal kull ma għamel mal-poplu tiegħu. Insibu ħafna messaġġi ta' talb fil-kuntest tal-parabboli u l-maħfra u l-ħniena ta' Alla.

Ta' min jinnota wkoll ir-rabta kbira tal-fidi mat-talb: "Qalu l-Appostli lill-Mulej: 'Żidilna t-twemmin'." (17:5). Insibu wkoll it-talba ta' ringrazzjament tal-imġiddem: "Malli ra wieħed minnhom li fieq, reġa' lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla, u ntefa' wiċċu fl-art f'riġlejh jiżżih ħajr. Kien dan Samaritan" (17:15-16); kif ukoll ma nistgħux ninsew it-talba tal-ħalliel it-tajjeb: "Ġesù, ftakar fija meta tiġi fis-saltna tiegħek" (23:42). Fl-aħħar tal-evanġelju San Luqa jkompli juri din l-importanza tat-talb billi jgħid li l-appostli wara raw lil Ġesù tiela' s-sema: "Hu u jberikhom infired minnhom u kien meħud fis-sema. Huma qimuh u reġgħu lura lejn Ġerusalemm b'ferħ kbir. U kienu joqogħdu dejjem fit-tempju jfaħħru u jbierku lil Alla" (24:52-53).

## It-Talb ta' Ġesù

F'San Luqa naraw fuq kollox lil Ġesù li jitlob u allura jsir il-mudell għat-talb. Sa mit-tfulija tiegħu naraw li Ġesù jitlob kif juri lill-ġenituri tiegħu meta ntilef: "Għaliex qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun fid-dar ta' Missieri?" (2:49). Wara li Ġesù tgħammed minn Ġwanni l-Battista fil-Ġordan, San Luqa jikteb ukoll li Ġesù: "…kien qiegħed jitlob, infetaħ is-sema, u niżel fuqu l-Ispirtu s-Santu, għamla ta' ġisem bħal ħamiema, u nstema' leħen mis-sema: 'Int Ibni l-maħbub, bik nitgħaxxaq'." (3:21-22). Wara Ġesù jerħilha għall-erbgħin jum ta' rtir: talb, tħejjija u tiġrib fid-deżert.

San Luqa jinnota wkoll li wara jum twil ta' ħidma Ġesù: "Imma hu kien jerħilha għal xi post imwarrab u joqgħod jitlob" (5:16); u wara li għadda l-lejl kollu jitlob, għażel lit-tnax-il appostlu: "F'dawk il-jiem ħareġ lejn l-għolja biex jitlob, u għadda l-lejl jitlob lil Alla. Filgħodu sejjaħ id-dixxipli tiegħu u għażel

tnax minnhom, li semmiehom appostli." (6:12-13). Meta għallem lill-appostli jitolbu, huwa kien jitlob qabel: "Kif kien fi mkien jitlob, xħin waqaf, qallu wieħed mid-dixxipli tiegħu: 'Mulej, għallimna nitolbu, bħalma għallem Ġwanni d-dixxipli tiegħu" (11:1). Anke San Luqa juri lil Ġesù fuq is-salib jitlob (theologia cruces): "Missieri, f'idejk jien nerħi ruħi" (23:46) li tirrifletti l-kliem tas-Salm 31:5.

## Ġesù jgħallem dwar it-Talb

Ġesù f'San Luqa jgħallem it-talb, fuq kollox jibda mill-appostli billi jgħallimhom it-talba tal-Missierna fil-kuntest tal-Vjaġġ lejn Ġerusalemm (11:2-4; ara wkoll Mt 6:9-13). Ġesù jgħallem ukoll biex jitolbu għall-maħfra: "bierku lil dawk li jistħukom, itolbu għal dawk li jqassu fuqkom" (6:28). Jgħallimhom ukoll biex il-ħidma u s-saltna t'Alla tkompli tikber: "Il-ħsad kbir, imma l-ħaddiema ftit; itolbu mela lil sid l-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (10:2). Il-ħtieġa li jitolbu dejjem narawha fil-kuntest tax-tixbiha tal-ħabib li mar jitlob lil ħabibu f'nofs ta' lejl: "Għalhekk ngħidilkom: itolbu u jingħatalkom: fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom" (11:9), u fit-tixbiha l-oħra tal-armla u l-imħallef (ara 18:1-8). U qabel l-aħħar ċena proprju Ġesù jkompli jħeġġiġhom sabiex jitolbu dejjem: "Mela ishru dejjem u itolbu biex ikun jistħoqqilkom taħarbu dan kollu li għandu jiġri u tieqfu quddiem Bin il-Bniedem" (21:36). It-talb fuq kollox irid ikun wieħed umli u sinċier u mhux għall-għajn in-nies, kif naraw fil-parabbola tal-fariżew u l-pubblikan f'18:9-14.

## Konklużjoni

Il-vanġelu ta' San Luqa jibda mela bit-talb fit-tempju ta' Żakkarija u jispiċċa bit-talba ta' tifħir lil Alla fit-tempju mill-appostli u fiċ-ċentru tal-opra minn tiegħu nsibu t-Talba tal-Missierna. Din l-istruttura fit-tielet vanġelu turi l-qofol u l-importanza tat-talb li huwa dejjem imnebbaħ mill-Ispirtu ta' Alla li mexxa lil Ġesù u lill-appostli u li għandu wkoll imexxi lilna fit-triq tat-talb.

## BIBLIJOGRAFIJA


BOTTINI, G.C., *Introduzione all'Opera di Luca. Aspetti teologici,* Studium Biblicum Franciscanum Analecta 35, Jerusalem 1992.

Chrupcala, L.D., "La prassi orante di Gesù nella catechesi Lucana", in *LA* 49 (1999) 101-136.

CONZELMANN, H., *The Theology of St. Luke*, Philadelphia (PA) 1981.

FAUSTI, S., *Una Comunita` legge il Vangelo di Luca*, Bologna 2001.

Harris, L., "Prayer in the Gospel of Luke", in *SwTJ* 10 [1967] 59.

JOHNSON, L.K., *Gospel of Luke*, Sacra Pagina 3, Collegeville (MN) 1991.

Kezbere, I., *Umstrittener Monotheismus: Wahre und falsche Apotheose im lukanischen Doppelwerk,* Novum Testamentum et Orbis Antiquus/Studien zur Umwelt des Neuen Testaments 60, Göttingen 2006.

KYU, S.H., "THEOLOGY OF PRAYER IN THE GOSPEL OF LUKE", in *JETS* 43 (2000) 675–693.

POWELL, M.A., *What are they saying about Luke?*, New York 1989.

# 4. IT-TALBA TAL-MISSIERNA



**Dun Charles Buttigieg**

*"U aħfrilna dnubietna, għax aħna wkoll naħfru lil kull min hu ħati għalina u la ddaħħalniex fit-tiġrib."*
*(Luqa 11:4)*

## It-Test Oriġinali tal-'Missierna' fl-Evanġelji

Il-'Missierna' hija ppreżentata darbtejn fit-Testment il-Ġdid: f'Mattew fil-kuntest tad-Diskors tal-Muntanja bħala l-apiċi tiegħu (6,9-13), u f'Luqa (11,2-4), ara K.K.K. numri 2803-2805. Iż-żewġ evanġelisti, Mattew u Luqa, wassluhom f'formulazzjonijiet differenti. Veru li f'xi traduzzjonijiet id-diverġenzi huma limitati. Prinċipalment li jonqos f'Luqa l-kelmiet tal-għeluq. "għax tiegħek hi s-saltna, il-qawwa u l-glorja għal dejjem".

F'dawn l-aħħar 150 sena, l-istudju xjentifiku tat-test oriġinali tal-Evanġelji mexa ħafna 'l quddiem, l-ewwel fil-Ġermanja mbagħad fl-Ingilterra fl-aħħar ukoll fl-Istati Uniti. F'din ir-riċerka nstabu numri ta' manuskritti, uħud minnhom tassew antiki. Illum nistgħu ngħidu li għandnat-test tal-Missierna tat-tieni seklu u għalhekk joqrob ħafna lejn l-ewwel kitba tal-evanġelisti.

Fiż-żmien meta kienu qed jiġu miktuba l-evanġelji ta' Mattew u Luqa, dan huwa bejn 75 u 85 tal-era Kristjana, il-'Missierna' kienet trasmessa f'żewġ redazzjonijiet, jiġifieri f'żewġ forom, li jaqblu fl-essenzjal, imma jiddifferixxu fil-fatt li waħda hija itwal (Mt 6,9-13) u l-oħra iqsar (Lq 11,2-4). Dan jista' jirrifletti influss ta' liturġiji f'postijiet u f'komunitajiet differenti. Ir-redazzjoni ta' Mattew tikkonċiedi mat-test tas-seba' petizzjonijiet li aħna magħhom familjari u t-test ta' Luqa fih ħames talbiet u għalhekk hija iqsar. Kitba antika dwar il-Missierna hija ta' Eliezer Hyrcanus tas-sena 70 A.D. Fis-sena 252 W.K. Ċiprijanu ta' Kartaġni (200-258) tana l-ewwel eseġezi bibblika dwar il-Missierna.

## It-Talba skont San Mattew

F'Mattew f'kapitlu (6:1-18) niltaqgħu ma' tifsir tal-prattiċi pjetużi tal-gruppi tal-fariżej. Ġesù jikkritika l-mod tagħhom biex jidhru meta jagħtu l-offerta tal-flus (6,2-4), tat-talb (6,5-6) u tas-sawm (6,16-18), li huma kienu jinqdew bihom biex jidhru u għall-vanità personali. Ġesù, bil-maqlub, jitlob biex id-dixxipli tiegħu jagħtu l-karità b'mod li ma jkun jaf ħadd, hekk ukoll għat-talb u s-sawm, b'tali mod li mbagħad jkun Alla li jara u jħallas. L-element bażiku huwa r-rakkomandazzjoni li għamel Ġesù lid-dixxipli tiegħu biex ma jimitawx lill-fariżej, li kienu jagħmlu li jistgħu biex ikunu f'nofs il-pjazza mimlija bin-nies. Imma għad-dixxipli mhux hekk. Iridu jitolbu bil-biben magħluqa u li jkunu miġbura (6,5-6, "fil-kamra ta ġewwa"). Wara tiġi l-Missierna, eżempju ta' talba qasira. Fil-fatt it-talba tal-Mulej tiddistingwi ruħha għall-qosor tagħha, mill-biċċa l-kbira tat-talb Lhudi ta' dak iż-żmien. Il-lhud fit-talba tagħhom tat-tmintax-il barka jindirizza diversi drabi lil Alla bħala 'Missier'.

It-talba tal-missierna f'Matt 6:9-13 li huwa test komplut ta' ftit versi (għalhekk jissejjaħ perikopa) u li skont il-kriterji letterarji fiha seba' strofi, jew seba' talbiet żgħar kif ser naraw: 1. "Missierna, li inti fis-smewwiet (bil-grieg: ouranois u bl-ebrajk: shamayim), jitqaddes ismek; 2. tiġi saltnatek; 3. ikun li trid int, kif fis-sema, hekka fl-art; 4. Ħobżna ta' kuljum agħtina llum; 5. Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru (grieg awrist: aphekamen) li min hu ħati għalina; 6. U la ddaħħalniex fit-tiġrib; 7. iżda eħlisna mid-deni. Girgor ta' Nissa, Ambroġġ, Ġwann Crisostmu, Ċiprijan, u Santu Wistin ikoll jitkellmu minn dawn is-seba' diviżjonijiet. Tajjeb li ngħidu wkoll hawnhekk li n-numru sebgħa huwa għall-qalb San Mattew fejn fil-kapitlu 13 insibu 7 parabboli u fil-kapitli 23 insibu 7 saħtiet għall-kittieba u l-fariżej.

In-numru sebgħa fl-analisi rettorika hu importanti, hu n-numru perfett, fejn ir-raba' wieħed, dak tan-nofs, aktarx ikun l-iktar importanti u jkun marbut mal-oħrajn, mat-tlieta ta' qablu u mat-tlieta

ta' wara. Kif qegħdin naraw ir-raba' strofa, dik l-iktar importanti hija: "Ħobżna ta' kuljum agħtina llum", frażi li nistgħu norbtuha b'mod ċar mal-Ewkaristija. La darba din hi fiċ-ċentru tat-talba kollha, sinjal li din hija l-iktar frażi importanti, fejn għandna l-klajmaks tal-messaġġ. Dan jurina li l-Ewkaristija tgħaqqadna mal-Missier tas-Sema (l-ewwel parti tat-talba) u mal-proxxmu tagħna fuq din l-art (it-tieni parti tat-talba). Il-Professur Roland Meynet S.J. tal-Gregorjana wkoll jgħallem dwar il-kompożizzjoni konċentrika tal-Missierna f'Mattew. Fil-bidu għandna lill-Missier, fin-nofs il-Ħobż u fl-aħħar il-Ħażin.

Tajjeb li ngħidu xi ħaġa dwar is-sitt talba "la ddaħħalniex fit-tiġrib' li tikkorispondi mal-ħames u l-aħħar talba fil-Missierna ta' Luqa (ara wkoll il-Ġetsamani f'Matt 26:41). L-istess frażi nsibuha fid-Didache 8,2 u f'Polikarpu, Phil. 7,2. Il-kelma 'la ddaħalniex' insibuha wkoll f'Luqa 5,18-19 fejn l-erba' persuna 'ġabu' quddiem Ġesù il-paralitiku. Il-kelma tiġrib (bil-latin: temptationem) tfisser bażikament prova jew tentazjoni jew dubju. Ħafna biblisti bħal Gnilka, Dupont u Bonnard illum jittradući dan il-vers sabiex il-Mulej ma jabbandonaniex fit-tentazzjoni u ma jħalliniex naqgħu fih x'ħin iħabbtu wiċċna magħha. Verżjoni bil-malti iktar korretta hija din "la tħalliniex nidħlu fit-tiġrib". (ara l-verżjoni ta' Maius tal-1725 u tal-ġiżwita spanjol Hervas tal-1787: "u tħalliniex naqgħu fit-tentazzjoni"). F'Qumran b'xebh kbir insibu t-talba għall-ħelsien minn Satana. Fil-fatt it-talba għandha wkoll xebh ma' talba li kienet tingħad fis-sinagoga bl-isem 'Qaddish'.

### It-Talba skont San Luqa

F'Luqa wkoll il-Missierna insibuha mdaħħla f'katekiżmu ta dan it-tip (11,1-13). Wieħed jinnota l-attenzjoni tal-knisja primittiva biex tifforma l-membri tagħha għal talb veru. Mill-banda l-oħra, f'Luqa l-katekiżmu huwa bi still kollu kemm hu differenti minn ta Mattew. Bħala bidu, għandna t-talba tad-dixxipli: "Mulej għallimna nitolbu" (11,1). Ġesù jwieġeb għal din it-talba bil-Missierna (11,2-4). Imbagħad, il-parabbola tal-ħabib b'wiċċ sfiq: fil-kuntest juri t-tama li tkompli titlob sa ma taqla bħallikieku Alla għadu ma semagħx. (11,5-8).

Id-differenzi f'dawn iż-żewġ daħliet għat-talb jitfissru mill-komunitajiet differenti li għalihom kienu ser jitwasslu jiġifieri d-destinatarji. Il-Katekiżmu ta' Mattew kien għal dawk li minn ċkunithom kienu mgħallma jitolbu imma kellhom ir-riskju li jaqgħu f'rutina. Ta' Luqa, bil-maqlub, kien għal dawk li sa dakinhar kienu għadhom qatt ma semgħu xejn dwar it-talb u għalhekk kienu mħeġġa biex jibdew jitolbu. Jidher ċar li Mattew jwasslilna tagħlim għall-insara ta' oriġini Lhudija, u Luqa, katekeżi għall-pagani kkonvertiti.

### Differenzi

Jekk tqabbel, tinduna mill-ewwel daqqa t'għajn, li r-redazzjoni ta' Luqa hija iqsar minn ta' Mattew. F'Luqa hemm miktub "Missier" jew aħjar " Missier Għażiż" bil-Grieg Pater u bl-Ebrajk Abba u f'Mattew skont il-forma ta' qima u pjetuża ta' invokazzjoni palestinjana, "Missierna li inti fis-smewwiet". Ħaġa oħra, għalkemm Mattew u Luqa jaqblu fuq l-ewwel żewġ petizzjonijiet - li jirrigwardaw direttament lil Alla: "jitqaddes ismek tiġi saltnatek" ssegwi f'Mattew it-tielet petizzjoni li tirreferi għal Alla: "ikun dak li trid int kif fis-sema u hekkda fl-art". It-tielet ħaġa f'Mattew, l-aħħar petizzjoni li tiġi wara - kollha jirreferu lilna - tħaddan antitesi : Luqa jgħid: "u ddaħħalniex fit-tiġrib"; Mattew jżid: "iżda eħlisna mid-deni".

Fil-fatt għandna tliet żidiet f'Mattew, jekk mqabbla ma' Luqa dejjem huma miżjuda fl-aħħar ta kull parti tat-talba - l-ewwel waħda fl-aħħar tal-invokazzjoni, it-tieni fl-aħħar tal-petizzjonijiet lil Alla u t-tielet fl-aħħar tal-petizzjonijiet li jirrigwardjaw lilna. Dan jaqbel ma dak li semmejna li dawn x'aktarx huma żieda fil-liturġija. L-antikità tar-redazzjoni ta' Luqa hija konfermata minn talbiet qosra bħal "Missier għażiż", "Abba" bħala talbiet qosra tal-ewwel insara tal-knisja primittiva li riedu jagħtu xhieda (ara Rum 8,15 u Gal 4,6).

Għalhekk, minn kif rajna naraw li l-verżjoni ta' Luqa għandha titqies bħala t-test l-aktar antik u allura l-oriġinali. Kienet il-knisja tal-Ġentili li kkonservatu u għaddietu lill-knisja Gudea-Kristjana, li għexitu f'dinja bi tradizzjonijiet liturġiċi u użat diversi forom ta talb fil-kult li qawwiet b'elementi ġodda lill-Missierna. It-test ta' Mattew peress li kien aktar eleborat u tardiv kien aktar fil-knisja kollha u huwa wkoll it-test adottat mid-Didache' fil-bidu tal-Knisja u fl-ittra ta' San Injazju t'Antijokja lil Polikarpu f'Ign. Pol. 4:2. Il-Missierna fil-quddiesa hija msemmija minn Ċirillu ta' Ġerusalemm fil-'Mystagogic Cathecheses' u San Ambroġġ f''De Sacramentis'.

## Biblijografija


ALLAND, K., Synopsis Quattuor Evangeliorum, Stuttgart 1985.

Bahr, G.J., "The use of the Lord's prayer in the primitive Church", in JBL 84 (1965) 153.

Beckwith, R.T., "The daily and weekly worship of the primitive Church in relation to its Jewish antecedents", in The Evangelical Quarterly 66 (1984) 65-80.

BROWN, R.E., "THE PATER NOSTER AS AN ESCHATOLOGICAL PRAYER", IN TS 22 (1961) 175-208.

BUCHAN, W.M., "RESEARCH ON THE LORD'S PRAYER", IN EXPTIM 100 (1988-1989) 336-339.

CASALINI, N., Il vangelo di Matteo come racconto teologico, Analisi delle sequenze narrative, Studium Biblicum Franciscanum Analecta 30, Jerusalem 1990.

Cassar, M., "Il-Pater Noster bl-ilsien Malti: Storja lingwistika", in Symposia Melitensia 9 (2013) 63-92.

CECCHERELLI, I.M., "ET NE NOS INDUCAS IN TENTATIONEM?" IN BEO 43/1 (2001) 55-68.

FAUSTI, S., Una Comunita` legge il Vangelo di Luca, Bologna 2001.

FITZMYER, J.A., "AND LEAD US NOT INTO TEMPTATION" IN BIBLICA 84 (2003) 259-273.

HALLIKAINEN, O., THE LORD'S PRAYER IN THE SAYINGS GOSPEL Q, HELSINKI 2005.

HAMMERLING, R., "GREGORY OF NYSSA'S SERMONS ON THE LORD'S PRAYER: LESSONS FROM THE CLASSICS", IN WORD AND WORLD 22 (2002) 64-78.

JEREMIAS, J., THE LORD'S PRAYER, PHILADELPHIA (PA) 1964.

KISTENMAKER, S.J., "THE LORD'S PRAYER IN THE FIRST CENTURY", IN JETS 21 (1978) 323-328.

Meynet, R., "La composizione del Padre Nostro", in StRh 19 (2005) 1-19.

Nongbri, B., "The Lord's Prayer and XMΓ: Two Christian Papyrus Amulets", in Harvard Theological Review 104 (2011) 59-68.

Swanson, M.N., "These three words will suffice: The Jesus Prayer in Coptic tradition", in Parole de l'Orient 25 (2000) 695-714.

THE PONTIFICIAL BIBLICAL COMMISSION, The Interpretation of the Bible in the Church, Vatican City 1993.

# 5. IL-FAQAR U L-FOQRA FIL-BIBBJA

Dun Charles Buttigieg

*"Mur bigħ li għandek, agħtih lill-fqar, u jkollok teżor fis-sema, imbagħad ejja u imxi warajja."*
*(Mark 10:22)*

## Il-Foqra

Fl-Ebrajk insibu diversi kliem li jfissru l-kelma 'faqar', fost dawn insibu: 'ebhyon', 'dal', 'rush', u 'chelekhah'. Fil-grieg insibu l-kelma 'ptochoi' għall-foqra. Insibu wkoll fl-ebrajk il-kelma 'anaw', plural 'anawim', li ġejja mill-verb 'anah', li jfisser 'tgħawweġ 'l isfel' jew 'titgħawweġ', għaliex dawk li huma fqar u batuti minħabba s-sewwa huma tassew qaddejja umli ta' Alla, jitbaxxew quddiem il-kobor ta' Alla (ara Num 12,3). Għalhekk l-'anawim' huma dawk il-fqar li jbatu u jitolbu b'qalb umli, u huma msejħa fl-Antik Testment bħala 'il-foqra ta' Jahweh': "il-fqir jidher bħala l-ħabib u l-qaddej ta' Jahweh" (Salm 86:1). L-idea kienet mela li l-għani mhux inklinat li jirrikorri għand Alla għax ma jonqsu xejn, waqt li l-fqir maħqur iħares lejn Alla, iħoss li għandu bżonn ta' Alla. Ta' min isemmi li t-terminu għall-faqar 'ani' hu l-aktar freqwenti fl-Antik Testemnt fejn insibuh 92 darba, l-aktar fis-salmi (41 darba). It-terminu 'Ebjon' insibuh 62 darba, 'dal' 48 darba, 'rush' 21 darba u 'anaw' 19-il darba. Naraw fuq kollox il-faqar bħala konsegwenza tal-inġustizzja li ssir minn min hu sinjur u għalhekk il-Kodiċi tal-Alleanza (Es 20,22-23,33) jagħmel minn kollox biex jiddefendi u jaqbeż għall-batut (ara wkoll Salm 73; Ġob 21 u Malakija 3).

## Il-Fqar tal-Mulej

L-għażla tal-poplu Lhudi ġej mill-fatt li Alla ħenn għal dan il-poplu li kien imjassar fl-Eġittu: "Għax qatt ma jonqos xi ħadd fil-bżonn fil-pajjiż; għalhekk jien nordnalek u ngħidlek: Iftaħ idejk sewwa lil ħuk, lill-fqir u lill-miskin f'artek." (Dewt 15:11, ara Eżodu 3:8). Iżda din it-tama tal-Mulej fl-Eġittu tmur lura fiż-żmien meta qabel Alla kien għamel diversi pattijiet mal-Patrijarki: Abraham, Iżakk u Ġakobb kif naqraw f'Rumani 4:18: « Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen, u hekk sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus, skont ma kien intqal lilu ». L-istorja ta' Ġużeppi tal-Antik Testment, hija wkoll ikona ta' dan il-faqar tal-Mulej. Ġużeppi mibjugħ minn ħutu, jispiċċa fil-faqar tal-ħabs tal-Faragħuni, jinterpreta l-ħolm, isir viċirè tal-Eġittu u jsir tama għal ħutu meta dawn ġew biex jixtru l-qamħ minn għandu minħabba l-ġuħ li kien waqa' fl-art ta' Kagħnan. Ħutu neħħewlu qabel it-tama tal-ħajja libera u issa hu jagħtihom mill-ġdid it-tama għall-ħajja.

Anke Mosè hu mudell ta' dan il-faqar tal-Mulej; il-bniedem li jtemtem sar tama għall-poplu ta' Iżrael: "Mosè kien bniedem umli, l-aktar umli fost il-bnedmin li hawn fuq wiċċ l-art" (Numri 12:3).

Ikona oħra tal-bniedem b'qalb umli u fqir fl-ispirtu huwa Ġob, il-bniedem sfortunat imma baqa' jittama f'Alla. Tama li narawha dejjem tidwi fil-messaġġ ta' Alla lill-poplu fuq kollox permezz tal-profeti. Insemmu l-esperjenza ta' Ġeremija ppersegwitat minn sħabu. Ġona li jsir tama għall-belt ta' Ninive. Il-profeta Isaija jwassal dan il-messaġġ tat-tama lill-fqajrin tal-Mulej: "u l-imsejknin jifirħu fil-Mulej, u l-fqajrin fost il-bnedmin jaqbżu bil-ferħ bil-Qaddis ta' Iżrael" (Isaija 29:19); u "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi; għaliex hu kkonsagrani biex inwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin. Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u d-dawl mill-ġdid lill-għomja. Inrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej" (Isaija 61:1-2). Dan il-kliem jgħidu Ġesù nnifsu fis-sinagoga ta' Nazaret wara li qara din is-silta ta' Isaija kif naqraw f'Luqa 4:18. Infatti eżattament wara dan l-episodju Ġesù ħeles lil wieħed imxajtan u fejjaq omm il-mara ta' Pietru.

Is-Salmi wkoll juruna dan l-aspett tat-tama tal-imsejken, fejn fost oħrajn insibu s-Salm 10:12: "Qum, Mulej! Erfa' idek, O Alla! La tinsihomx lill-imsejknin"; is-Salm 22:27: "Jieklu l-fqajrin u jixbgħu; ifaħħru l-Mulej dawk li jfittxuh"; u s-Salm 149:4 "Għax il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu, u jsebbaħ lill-fqajrin bir-rebħa". Hawnhekk naraw li s-Salm 10 huwa manifest tal-anawim, tal-fqar. F'dan is-salm insibu t-termini bil-lhudi 'ebjonim' il-fqar; 'dak' l-opress; 'naqi' l-innoċenti; u 'jatom' l-orfanu.

## Ġesù u l-Faqar

Ġesù fil-ħajja tiegħu għażel il-faqar, iċċekken sar bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Ġesù twieled fqir, għex fqir, ħajja pubblika fil-faqar u miet ta' fqir, il-mewt tas-salib. Ġesù jitlob mis-segwaċi tiegħu ċaħda mill-affarijiet temporali biex jirċievu l-vera għana. Frażi ċara ħafna li turi lil Ġesù jistieden sabiex ngħixu dan it-tip ta' faqar, hu meta Ġesu` stess jgħid f'Mattew 11:29: "Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom". Dan il-kliem Ġesù qalu, wara li xi dixxipli ta' Ġwanni l-Battista li kien fil-ħabs bdew isaqsu dwar Ġesù kif insibu f'Mattew 11:5 u Luqa 7:18-23: "Morru agħtu li Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu: kif il-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiequ, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u kif il-Bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija". Ġesù ma kienx mela xi Messija politiku iżda Messija fqir, umli u manswet kif iħobb jgħallem il-Qaddis San Ġorġ Preca.

Il-predikazzjoni u l-mirakli ta' Ġesù huma mela marbuta ma' dan l-aspett tat-tama: « Bigħu ġidkom u agħtuh karità, u fittxu għalikom infuskom boroż li ma jitmermrux, teżor li ma jiġix nieqes fis-sema… » (Lq 12:33); "mur, bigħ li għandek u agħtih lill-foqra » (Lq 18:22) ; "Xħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom għax kien qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj, u qabad igħallimhom ħafna ħwejjeġ" (Mark 6:34). Id-dixxiplu fuq kollox għandu jgħix dan il-faqar (ara Lq14:33 u Num 18:20).

Ma ninsewx imbagħad id-diskors tal-Muntanja: « Imberkin dawk li huma foqra f'qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet » (Mt 5:3). L-idea ta' San Mattew hi li dawn in-nies iħarsu lejn Alla għax m'hemmx il-ġid li jtellifhom: "Imberkin dawk li qalbhom ħelwa, għax jiksbu l-art" (Mt 5:5). Min hu fqir f'qalbu però għandu garanzija li ser ikun mal-Mulej dejjem: "Imberkin dawk li qalbhom safja, għax huma jaraw lil Alla" (Mt 5:8).

Anke l-kantiku tal-Madonna, il-Magnificat b'rabta mal-kantiku ta' Anna, omm Samwel tal-Antik Testment (ara 1 Sam 2:1-10) isemmi l-qaddejja foqra (tapeinosis) ta' Alla.

## Il-Knisja u l-Faqar

Il-filosofu Theilhard de Chardin jikkummenta li: "Id-dinja hija għal dawk li huma kapaċi joffru tama tassew kbira". Jeħtieġ mela li nkunu iktar fqar f'qalbna u fl-ispirtu u nħarsu lejn Kristu li qalilna: "U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja" (Ġwanni 12:32). Il-Papa Franġisku (għal San Franġisk ta' Assisi li għex il-faqar) f'ewwel laqgħa tiegħu mal-ġurnalisti tal-medja fis-16 ta' Marzu 2013 qal li l-Knisja għandha jkollha preferenza għall-fqar u għall-faqar fid-dinja (dan jagħmel sens ukoll meta 53 fil-mija tal-kattoliċi fid-dinja huma foqra). Fil-fatt meta ġie elett Papa l-Kardinal li kien maġenbu fil-Konklavi l-Kardinal Claudio Hummes tal-Brażil feraħlu u qallu sabiex ma jinsiex lill-foqra bħala Papa, kien proprju hawnhekk li ġie ispirat biex jagħżel l-isem ta' Franġisku. Fil-fatt huwa ordna sabiex in-nies tal-Arġentina ma jiġux għaċ-ċelebrazzjoni tal-inawgurazzjoni tiegħu bħala Papa nhar id-19 ta' Marzu 2013 imma minflok jagħtu l-flus lill-foqra. Fil-fatt il-Papa darba qal li n-nies tiegħu huma foqra u huwa wieħed minnhom u għalhekk kien għażel li jgħix sempliċi ġewwa apartament u mhux f'palazz episkopali. Il-Faqar speċjalment fil-pajjiżi tal-Afrika iwassal għal diversi mwiet bikrija, per eżempju l-età medja ta' dawk li jmutu fl-Angola hija ta' 38.8 sena, fin-Niġerja 47.6 sena u fis-Somalja 50.5 sena imqabbla ma' dawk il-pajjiżi żviluppati li hija 'l fuq minn 78 sena. 86 fil-

mija tal-poplu taż-Żambja huwa fqir segwit mill-80 fil-mija foqra fiż-Żimbabwe, Cad, Liberja u s-70 fil-mija foqra fil-Kongo, Sierre Leone, Niġerja, Możambik, Sważiland u Burundi, fejn mal-31.2 fil-mija tal-popolazzjoni huma foqra. Il-faqar fid-dinja jidher fin-numru kbir ta' refuġjati fid-dinja li jitilqu minn pajjiżhom minħabba kundizzjonijiet ħżiena f'pajjiżhom. Huwa smat li hawn mal-15.7 miljun refuġjat fid-dinja fejn l-Iran hemm l-ikbar numru ta' refuġjati, mal-1.9 miljun. Fil-Bosnia Herzegovina u l-Pakistan hemm mal-1.2 miljun refuġjat. F'Malta hawn mas-650 refuġjat. Fl-aħħar nett tajjeb ngħidu dak li kien jgħid Seneca: "Il-veru fqir, mhuwiex dak li għandu ftit, imma dak li jixtieq ħafna".
Kristu wkoll għex il-faqar u miet ta' fqir fuq is-salib. Dan għandu mela jkun il-wiċċ tal-Knisja fid-dinja tal-lum. Kien permezz tal-faqar li Franġisku t'Assisi ġedded il-Knisja fit-tlettax –il seklu. Kristu hu għalhekk it-tama tagħna: "Hu li kien għani, sar fqir minħabba fikom biex jagħnikom bil-faqar tiegħu" (2 Korintin 8:9).

**Biblijografija**


Aartun, K., *Hebraisch 'ani und 'anaw*, in *BibOr* 28 (1971) 125-126.
Fabry, H., *Dal,* in *ThWAT* 2, 221-244.
Gelin, A., *Il povero nella Sacra Scrittura*, Milano 1957.
Ling, T.J.M., *The Judean Poor and the Fourth Gospel*, SNTS.MS 136, Cambridge 2006.
Pleins, J.D., *Poor, Poverty. Old Testament*, The Anchor Bible Dictionary 5, 402-414.
Proietti, B., *Poveri e poverta' nell'Antico Testamento*, Istituto di Teologia della Vita Consacrata, Roma 2002.

# It-Tielet Taqsima: Teoloġija u Spiritwalità



## 6. Ħarsa qasira lejn It-Teoloġija tat-talb fil-Missirijiet tal-Knisja

Mons. Carmelo Refalo

*Ippersevera fit-talb lejl u nhar sakemm tasal il-konsolazzjoni mixtieqa u meħtieġa… ukoll jekk joktor l-għana ta' l-art, ħa ssib f'qalbek il-paċi vera fi Kristu. Tfittixx il-ħwejjeġ tal-art għajr dawk li huma neċessarji…*
S. Wistin *Ittra (130) lil Proba*

Fiż-żmien sa qabel il-Konċilju ta' Niċea, 325wK, it-talba nisranija żżomm dejjem l-influss tal-Komunità Ġudajka. L-istruttura interna u esterna tat-talb, iż-żmien u l-ħin tat-talb, il-qagħda fil-ġesti tat-talb, ilkoll jieħdu mir-ritwal tas-sinagoga. It-talba saret dejjem aktar 'Nisranija' fil-perjodu ta' qabel il-Konċilju ta' Niċea minħabba li l-fidi nisranija laħqet kienet aktar iċċentrata fuq Kristu, u żdiedet il-ħtieġa li l-Insara jagħtu xiehda permezz tal-martirju.

**Klement ta' Ruma**

San Klement kien Isqof fil-belt ta' Ruma. Huwa rikonoxxut fost il-Missirijiet tal-Knisja bħala l-ewwel fost il-Missirijiet Appostoliċi, magħrufa hekk għax għamlu żmien f'kuntatt ma' xi Appostlu.[1] Klement mexxa l-Knisja f'Ruma bejn is-snin 92-101WK wara Pietru, Linus u Anacletus. L-Ewwel Ittra lill-Korintin, l-aktar biċċa xogħol awtentika attribwita lil Klement Ruman, fiha xebh ma' xi ħsibijiet li S. Pawl kiteb fl-ittra tiegħu lill-Insara ta' Korintu. Fiha għandna l-eqdem xhieda tal-uffiċju tal-primat Petrin li fil-karità jippresiedi fuq il-Knejjes kollha biex iħeġġeġ għal soluzzjoni tal-kriżi li kienet għaddejja minnha l-Knisja f'Korintu minħabba ragħajja xejn tajba u partiti li kienu qegħdin jaqsmu l-komunità Nisranija. Is-soluzzjoni trid iddur fuq it-twettiq fil-fidi tal-messaġġ ta' Ġesù mgħoddi mill-Appostli. U trid twassal għall-ftehim bejn kulħadd. Fit-tieni taqsima, għax fl-ewwel taqsima l-Isqof Klement kien saħaq fuq il-karattru sagramentali tal-Knisja u mhux politiku, f'din l-ittra għandha talba sabiħa ta' interċessjoni li tixhed il-preokkupazzjoni tal-Knisja.

> *Aħna nittamaw fl-Isem qaddis tiegħek li minnu kull ħlejqa taf il-bidu tagħha. Int ftaħtilna l-għajnejn ta'qalbna biex inkunu nistgħu nagħrfuk għax inti waħdek l-għoli, fl-ogħla tas-sema…*
>
> *Nitolbuk, kun il-ħarries u d-difensur tagħna. Eħlisna mit-tiġrib, żomm fuq riġlejhom lil dawk li waqgħu, kun qrib dawn li huma fil-ħtieġa, fejjaq lill-morda, ġib lura lil dawk li telqu mill-merħla.*
>
> *Iva, Mulej, dawwar wiċċek ħa jdawwalna għat-tajjeb fis-sliem, sabiex inkunu mħarsa b'idejk setgħana… Infaħħruk permezz tas-saċerdot il-kbir u l-ħarries tagħna, Ġesù Kristu, u bih kull glorja u maestà lilek u minn nisel għal nisel issa u għal dejjem. Ammen.* [2]

L-isqof ħeġġeġ ukoll għat-talb għall-mexxejja ċivili. Din hija l-eqdem talba, barra t-Testment il-Ġdid, indirizzata b'riżq l-istituzzjonijiet politiċi. Huwa jagħraf il-leġittimità tagħhom fl-ordni mwaqqaf minn Alla. Fl-istess waqt jitlob biex l-awtoritajiet joqogħdu għal-liġijiet tiegħu u biex: *…jeżerċitaw is-setgħa li Alla tahom fis-sliem, bil-ħlewwa u l-mogħdrija* (61, 2). Huwa jisħaq li barra dak ta' Ċesri hemm ordni ieħor, sovran, li fl-oriġni u n-natura tiegħu ġej *minn fuq. Huwa dak tas-Sewwa, li għandu jiġi*

---

[1] Dwar Klement li kellu kuntatt mal-Appostli, ara S. IRINEW, *Adv. Haer.* 3, 3, 3. fi *Sources Chrétiennes*, vol. 211, 1974, pp. 37. 33-39.

[2] KLEMENT TA' RUMA, *L-ewwel Ittra lill-Korintin*, Kap. 59–61 fi *Sources Chrétiennes*, vol. 167, 1971, pp. 195-201.

*mismugħ ukoll mill-istat*. Klement, bħalma għamel Ġesù fuq is-Salib, ma sabhiex bi tqila li jsostni li għandu jsir talb għall-persekuturi, bosta drabi mexxejja.

Jekk kellna nagħmlu analiżi teoloġika qasira, punti ewlenin li joħorġu minn din it-*talba* li ġibt hawn huma:

- Stqarrija fiduċjuża li l-għajn tal-qdusija u s-setgħa huwa Alla waħdu.
- Alla jidħol f'dak li hu l-aktar fil-qalba tal-bniedem; u jagħti lill-bniedem il-ħila u l-qawwa biex jagħrfu.
- Il-bniedem jagħraf f'Alla dak li jħarsu fit-tiġrib u li jerfgħu meta jaqa' fid-dnub; li hu qrib lejh fil-ħtiġijiet l-oħra tiegħu, ukoll meta jimrad; u jista' jfejqu.
- F'Ġesù għandna s-saċerdot il-kbir li mhux biss joffri t-tifħir etern tal-bniedem lil Alla iżda huwa wkoll il-ħarries tagħna.

## Injazju minn Antjokja

San Injazju, Isqof ta' Antjokja fis-Sirja, sofra l-martirju fis-sena 110wK. Il-ġabra tal-kitbiet tiegħu tħaddan seba' ittri[3] li huwa kiteb fi triqtu bħala priġunier lejn il-belt kapitali tal-Imperu, Ruma. Injazju huwa xhud importanti fid-dommatika għall-istruttura ġerarkika tal-Knisja, l-aktar fejn jidħol l-isqof u l-merħla afdata f'idejh, u l-Ewkaristija. Ħa nieħu siltiet mill-ittra tiegħu lill-komunità Nisranija ta' Efesu (Greċja). Hija ittra li hu kitibha meta kien għaddej minn żmirna (Iżmir, Turkija).

> *Intom il-ġebel tat-tempju tal-Missier, imħejji għall-bini ta' Alla l-Missier … imtella' permezz ta' Kristu, nifhem mibni fuq is-salib, bl-użu tal-Ispirtu s-Santu bħala ħabel…* IX
> *Bil-fidi tagħkom ġejtu merfugħa u kienet l-imħabba tagħkom it-triq li wasslitkom għand Alla. Għalhekk, intom u s-sieħba tagħkom tal-vjaġġ, intom ilkoll iġġorru lil Alla tagħkom, it-tempju tagħkom infuskom, lil Kristu tagħkom u l-ħwejjeġ qaddisa tagħkom kollkom imżejna bil-kmandamenti ta' Ġesù Kristu…* IX
> *'Itolbu bla waqfien' għall-oħrajn. Fihom hemm it-tama li għad jindmu u jiksbu lil Alla. Ħalluhom jitgħallmu minn ħidmietkom, jekk mhux b'għamliet oħra. Kunu ħelwin quddiem ir-rabja tagħhom, umli quddiem il-ftaħir, (pattu billi) titolbu għad-dagħa tagħhom… Uru l-ħlewwa… Ejjew infittxu li nkunu dixxipli tal-Mulej – għax min minnkom sofra inġustizzja, għex bin-nieqes jew safa kkundannat, aktar minnu? - … u nżommu fil-qdusija u r-rażna f'Ġesù Kristu, kemm fil-ġisem u kemm fl-ispirtu.* X
> *Ftakru fija, bħalma Kristu ħaseb fikom. Itolbu għall-Knisja li hi fis-Sirja… |ommu sħiħ fil-ġieħ lil Alla Missier. Is-sliem fih u f'Ġesù Kristu Sidna, it-tama li lkoll naqsmu.* XXI[4]

F'din is-silta fejn il-ħsieb tat-talb huwa fuq nett, punti ewlenin li jisħaq dwarhom l-Isqof ta' Antjokja huma:

- Kull Nisrani huwa ġebla li biha l-Missier jibni l-Knisja tiegħu. Huwa permezz ta' Kristu bil-fidwa tas-Salib imwettqa minnu bħala ingrenaġġ u mbagħad bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu bl-irbit tiegħu li titla' l-Knisja ta' Alla.
- Bil-fidi, li taqlgħana mid-dnub, nintrefgħu f'mixja ta' mħabba li twassalna għand il-Missier. Mogħnija bil-grazzja, bis-sehem li għandna fil-Knisja fit-triq tal-ħajja Nisranija, aħna nġorru lil Alla fina għax kull Nisrani hu tempju ħaj u qaddis tiegħu, xhud ta' Kristu u t-tagħlim tiegħu.
- Irridu 'nitolbu bla waqfien' għal min mhux Nisrani. Bħala bnedmin huma wkoll jista' jkollhom il-grazzja biex jibdlu ħajjithom. Ikunu jridu jaraw l-eżempji ta' virtujiet tassew Insara tagħna, fil-ħażin u t-tajjeb, tal-'ġisem u l-ispirtu', biex huma wkoll jaslu għand Alla.

---

[3] Huma bosta l-Ittri u kitbiet oħra attribwiti lil Injazju. Iżda studjużi serji, qodma u ġodda, kollha jżommu li huma biss dawn is-seba' li ma hemmx dubji dwar l-awtentiċità tagħhom.

[4] Injazju minn Antjokja, *Ittra lill-Komunità ta' Efesu*, mir-reċensjoni qasira tal-oriġinal mill-Grieg. In-numri Rumani jirreferu għat-tqassim tal-kapitli f'din l-Ittra. Ara fi *Sources Chrétiennes*, vol. 10 bis, 1958, pp. 77. 81. 93.

Sabiħa hija wkoll silta mill-istess *Ittra lill-Efesin* fejn tidher sew l-idea ta' Injazju dwar Knisja f'komunjoni ma' Alla:

> *Għalhekk huwa xieraq li intom tiġru 'l quddiem b'fehma ta' rieda waħda mal-isqof, kif intom qegħdin tagħmlu. Hekk kif hu magħruf li qiegħed iseħħ fost is-saċerdoti, denji ta' Alla, u li jaqblu sew mal-isqof bħalma l-kordi mal-arpa. Għalhekk fl-imħabba tagħkom fil-ftehim u l-armonija qiegħed jitkanta Ġesù Kristu. Kunu intom raġel b'raġel kor ta' ormonija fl-imħabba. Kantaw għalenija l-għanja ta' Alla. Semmgħuh u ħalluh jara ħidmietkom. Uruh li intom tassew sħab il-Mulej Ibnu Ġesù. Huwa siewi, għalhekk, li intom tkunu f'unjoni bla tebgħa, u b'hekk tgawdu dejjem il-komunjoni ma' Alla.*

## Polikarpu ta' Żmirna (Iżmir) (+156)

Imdaħħal fiż-żmien, San Irinew, Isqof ta' Lyons fit-tieni seklu, ħalla miktub li huwa ħa t-tagħlim nisrani sa mit-tfulija tiegħu minn "Polikarpu" l-imbierek. San Polikarpu meta kien għadu żagħżugħ sema' lil Ġwanni l-Evanġelista. Minħabba f'hekk jingħad li kien dixxiplu tal-Maħbub tal-Mulej. Wara 86 sena ta' fedeltà lejn il-Knisja, bħala appostlu u mgħallem profetiku, Polikarpu temm ix-xhieda Nisranija ta' ħajtu b'din it-talba sabiħa b'għajnejh merfugħa lejn is-sema:

> *Alla li tista' kollox, Missier Sidna Ġesù Kristu, il-maħbub iben waħdieni, li permezz tiegħu sirna nafuk, Alla tal-Anġli u tal-qawwiet, Alla tal-ħolqien.*
>
> *Int għażiltni u għamiltni xieraq li nkun meqjus bħala wieħed mill-martri u xhud tiegħek biex nieħu sehem mill-kalċi ta' Kristu biex jiena nieħu l-qawmien għall-ħajja dejjiema, ruħ u ġisem, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li ma jintemm qatt u qatt.*[5]

Fi tmiem ta' din it-talba Polikarpu tenna l-kelma "*Ammen*", u nxtegħlu l-fjammi tan-nar li għamlu minnu offerta sħiħa lil Alla.

Fl-*Ittra lill-Filippin* tal-Maċedonja fil-kapitlu 12 Polikarpu kien ħeġġeġ u talab:

> *Ħa jkun Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, u Ġesù Kristu nnifsu, li huwa l-Iben ta' Alla, u s-Saċerdot il-Kbir etern tagħna, li jibnikom fil-fidi u fis-sewwa, fl-umiltà kollha, fil-ħlewwa, fis-sabar, fit-tiġrib fit-tul, fil-perseveranza u s-safa. Ħa jkun hu li jagħtikom taqsima u sehem fost il-qaddisin, u lilna wkoll flimkien magħkom, lil kull min hu taħt is-sema, li jemmnu f'Sidna Ġesù Kristu, u f'Missieru, li "qajmu minn fost il-mejtin".*
>
> *Itolbu għall-qaddisin kollha, Itolbu wkoll għas-slaten, għas-setgħana, għall-Prinċpijiet u għal dawk kollha li jippersegwitawkom u jobgħodukom, għall-għedewwa tas-Salib, sabiex il-frott tagħkom ikun xhieda għal kulħadd, u intom tkunu perfetti fiH.*

## Tertulljanu u Oriġene

L-ewwel xhieda ta' talb nisrani flimkien mal-kitbiet dwaru jagħtu direttivi dwar kif għandu jsir it-talb li bħala espressjoni juri dipendenza mill-Ġudaiżmu u mis-sinagoga. Eżempju ċar huwa t-trattat *Dwar it-Talb* (*De Oratione*), li fih Tertulljanu kiteb: "*It-talb ifformulat minn Kristu jikkonsisti fi tliet elementi: l-Ispirtu li jagħti l-qawwa, il-Kelma kif mitluba u r-raġuni u l-intellett li jwasslu għar-rikonċiljazzjoni*".[6]

Iżda wkoll sa minn żmien Tertulljanu (ċ160-225wK) nsibu kitbiet li juru kif fi Kristu nsibu l-inawgurazzjoni ta' stil ġdid ta' talb. Din it-talba ssir speċifikament it-talba tan-Nisrani. Eżempju ċar ta' dan hija t-talba tal-*Missierna*. Oriġene kiteb inqas minn ħamsin sena wara Tertulljanu. Hu ħallielna dokument importanti, l-aktar wieħed qadim u xjentifiku dwar it-talba Nisranija. Il-kittieb mill-belt ta' Lixandra jikkwota lil San Pawl mill-*Ewwel Ittra lil Timotju*, u jżid juża erba' kelmiet jew erba' realtajiet li huma marbuta mal-*bżonn tat-talb, interċessjoni, ringrazzjament, suppliki.* Hu jkompli jagħti tifsir ta' dawn it-termini.

---

[5] A. Hamman, *La Prière II: Les trios premiers siècles*, Tournai 1963. Ara l-kummenti ta' J. C. M. van Winden għal dan il-ktieb fi =*Vigiliae Christianae*, vol. 19, No. 2 (June 1965), pp. 116-117.

[6] TERTULLJANU, *Prayer*, (Emily J. Daly, trans.) fi *The Fathers of the Church*, vol. XL, London: Longmans, Green and Co.1959, p. 158.

> *"Suppliki joffrihom il-bniedem li jeħtieġ xi ħaġa… talb joffri f'għaqda mat-tifħir lil Alla ta' min jitlob b'mod solenni ħwejjeġ akbar. Interċessjoni hija t-talb lil Alla…, talba magħmula minn min għandu ħafna fiduċja. Radd il-ħajr hija t-talba li tagħraf il-barkiet u l-grazzji li wieħed jirċievi mingħand Alla*.[7]

Taħt l-influwenza ta' Oriġene mil-lingwa Griega daħal kliem ġdid fit-teoloġija Kristjana: *deēsis* (supplika), *proseuchai* (talb), *enteuxeis* (interċessjoni), *eucharistia* (radd il-ħajr). Huwa introduċa kliem ieħor biex iddistingwa bejn (*euchē*) talb akkompanjat mill-wegħda u (*proseuchē*) talb ta' invokazzjoni li noffru lil Alla. L-istess Oriġene għaraf jagħti ordni lill-vokabularju relattivament ġdid għat-talb billi indika fażijiet progressivi fit-talb. Hekk *deēsis* (supplika) saret it-talba b'petizzjoni spiritwali, *proseukē* (talb) b'referiment għall-abbandun sinċier fl-intervent ta' Alla, *doxologia* (tifħir) fit-talb ta' glorja u sebħ lil Alla, *enteuxis* (interċessjoni) b'talb għall-oħrajn. Fit-tmiem tat-trattat jirrevedi l-partijiet l-aktar "essenzjali tat-talb": *doxologia* (tifħir u glorifikazzjoni), *eucharistia* (radd il-ħajr), *exomologesis* (stqarrija tad-dnub) u *aitesis* (petizzjoni).

L-iżvilupp tal-ħsieb li nsibu f'Oriġene, eżattament fit-trattat tiegħu dwar it-talb, huwa bażi teoloġika li fuqha nbnew il-kunċetti tat-talb tal-kittieba fl-età patristika. Minkejja li mhux is-santi padri kollha kienu influwenzati minn dan it-trattat fuq it-talb, madankollu ħadd ma jista' jiċħad l-influss ta' Oriġene fuq l-ispiritwalità nisranija tat-talb.

### S. Wistin ta' Ippona

Huwa possibbli li nisiltu duttrina ta' talb mill-kitbiet tal-insara u l-qaddisin tal-Knisja tal-ewwel sekli. Dawn huma għalliema tat-talb. Fost l-akbar missirijiet tal-Knisja hemm Santu Wistin. Fl-ittra (130) twila tiegħu lil Proba huwa kitbilha fuq ir-rabta li hemm bejn il-fatt li hija armla u kif għandu jsir it-talb. Proba kienet ġejja minn familja nobbli, u kien għaliha, bħala armla kkonsagrata, li l-Isqof Wistin jirreferi fit-trattat tiegħu *De Bono viduitatis*, li huwa ndirizza f'għamla ta' Ittra lil Ġuliana, l-armla tal-iben ta' Proba. Kemm San Ġlormu u kemm San Ġwann Kriżostmu kienu familjari ma' dan it-trattat.

L-ittra 130, li nkitbet fis-sena 412wK, turi r-rapport spiritwali ta' Proba mal-Isqof ta' Ippona li lilu kienet tikkonsulta bħala gwida tar-ruħ. Hija kienet talbitu biex jiktbilha xi ħaġa dwar it-talb. U huwa wieġeb b'ittra li għandha minn trattat serju għalkemm qasir ħafna dwar it-talb. Fih Santu Wistin jibda biex jistqarr li s-suġġett tat-talb huwa ħaġa importanti ħafna. Huwa trattat uniku fl-ewwel żmien tal-Knisja. Hawn xi siltiet:

> *Ippersevera fit-talb lejl u nhar sakemm tasal il-konsolazzjoni mixtieqa u meħtieġa… ukoll jekk joktor l-għana tal-art, ħa ssib f'qalbek il-paċi vera fi Kristu. Tfittixx il-ħwejjeġ tal-art għajr dawk li huma neċessarji… Ittra* 130, 3. 7.
> *Smajt kif inti għandek titlob. Isma' issa x'għandek titlob għax dwar dan l-aktar li tlabtni parir. Itlob għall-hena. Ilkoll nixtiequ li nkunu ferħana u hienja. Min hu ferħan ħa jagħmel għażliet veri u xierqa. Ib.* 9.
> *X'jiswa li nferrxu moħħna fuq tant ħwejjeġ, bil-biża' f'qalbna li nitolbu dak li m'għandniex nitolbu? Ib.* 15.[8]

### Konklużjoni

*"Ħaġa waħda tlabt lill-Mulej, ħaġa waħda nfittex, li ngħammar f'dar il-Mulej il-jiem kollha ta' ħajti"* (*S* 27, 4).

Fid-dawl ta' dak li ġibt hawn joħroġ ċar li jmissna nitolbu bla ma nieqfu u jekk se nitolbu għal xi ħwejjeġ għandna jkollna l-għaqal li nitolbu għall-aktar ħwejjeġ importanti.

---

[7] ORIĠENE, *De Oratione*, 14, 2. Ara =*Vigiliae Christianae*, Vol. 28, No. 2 (June 1974), pp. 139-140.
[8] S. WISTIN, *Dwar il-Ġmiel ta' l-Armla Nisranija*, n. 1. Ara fl-*Opere di S. Agostino, Le Lettere/2*, vol. 22, Città Nuova 1971, pp. 81. 83. 89.

Iltqajna mal-Knisja tal-bidu li titlob u tgħallem it-talb permezz tal-Missirijiet il-Knisja. X'qalulna dwar it-talb?

- It-talba tal-Knisja tal-bidu hi dejjem leali lejn il-Kelma ta' Alla; hija ispirata mill-Kotba Mqaddsa.
- Il-fidi u t-tama fit-talb tal-Knisja tal-bidu jintwerew fil-perseveranza, saħansitra bix-xhieda tal-martirju.
- Il-Knisja tal-bidu tadatta t-talba li wirtet minn esperjenza ta' fidi bħalma hi l-esperjenza tal-Ġudaiżmu filwaqt li tapplikah għal żmien u ċirkustanzi partikulari.

# 7. San Ġorġ Preca u t-Talb

Josette Spiteri SDC

Fil-kitba ta' San Ġorġ Preca, insibu xejriet differenti li jew jitkellmu fuq it-talb jew li huma talba fihom infushom. Dawn il-metodi differenti jgħaqqdu flimkien żewġ elementi prinċipali fil-karattru tal-Qaddis:
a. It-Talb fih innifsu bħala kollokju mat-Traxxendenti, bħala Iben lejn il-Ħallieq tiegħu, u allura r-relazzjoni intima li kellu lejn is-Sinjur Alla,
b. Il-Qaddis bħala għalliem fil-kitba pedagoġika tiegħu fuq l-atteġġjamenti varji li wieħed għandu jieħu fit-talb biex jitkellem bis-serjetà ma' Alla.

<u>It-Talb bħala kollokju</u>
It-talb fil-kitba ta' San Ġorġ Preca l-ewwel u qabel kollox jirrifletti dak li hu stess kien jgħix u kien jgħallem. In-nisġa tat-talb tiegħu hija profonda daqskemm kien profond l-atteġġjament tiegħu fit-talb meta hu stess jiġi biex jitkellem ma' Alla. It-talb li niseġ jagħtih identità ċara u diretta ta' dak li fil-fatt kien aktar infuż fih milli kitbu.
It-talb ta' San Ġorġ Preca nistgħu naqsmuh f'seba' fergħat prinċipali:

1. Talb Trinitarju

Fit-talb li niseġ Dun Ġorġ, insibu diversi talbiet qosra u ftit jew wisq itwal li jitkellmu fuq il-persuna tat-Trinità Qaddisa. Ġeneralment fl-istess talba huwa jiddedika talba qasira lil kull persuna tat-Trinità Qaddisa, biex juri l-importanza ta' kull wieħed, u li għalkemm distinti minn xulxin, xorta huma Alla wieħed.

*Santissima Trinità, għall-merti tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, agħtina l-grazzja tiegħek, għax inti ħlaqtna għalik. Ammen.*[1]

2. Talb Meditattiv

Ħafna minn dan il-ġeneru ta' talb fl-istil ta' Dun Ġorġ, jieħu aktar xejra ta' talb ta' adorazzjoni. Hekk insibu ħafna kitbiet simili fuq Alla bl-attributi kollha tiegħu, filwaqt li jagħti raġuni valida għaliex qed jinvokah b'dak il-mod. Hawnhekk naraw li anki fit-talb Dun Ġorġ kien juri kemm kellu għal qalbu t-tagħlim.

*Infaħħruk O Alla, għax inti bi ħwejġek tagħmel li trid.*[2]
*Sinjur Alla, jien għandi bżonnok u mingħajrek xejn ma nista' nagħmel.*[3]

3. Talb Bibliku

Hawnhekk nistgħu ngħidu li Dun Ġorġ jibrilla tassew f'dan il-ġeneru ta' talb. Insibu ħemel talb meħud mill-Iskrittura u jew fuqha. Dun Ġorġ kien studjuz kbir fil-qasam skritturali, għaliex mhux biss qalleb kemm felaħ il-Bibbja, iżda wkoll kien jafha u jikkwotaha spiss kemm bil-kitba kif ukoll bil-kelma mexxejja tiegħu.

*Sinjur Alla, iftakar fil-qawsalla li inti frixt fis-sema wara d-dulluvju: iftakar fiha, u la tifflaġellax il-miżerja ta' wlied il-bnedmin. Ammen.*[4]

4. Talb Sagramentali/Penitenzjali

San Ġorġ Preca għandu wkoll sensiela ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat. Fost dan it-talb l-aktar magħruf insibu l-*Ora Santa ta' San Gejtanu* u *Kwarta Quddiem Ġesù Sagramentat*. Insibu wkoll talb

ieħor penitenzjali u li jħejjina wkoll biex nindmu minn ħtijietna u eventwalment nersqu wkoll għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

*O Sinjur, hawn is-serv tiegħek qiegħed jisimgħek.*[5]
*Missier etern, jiena noffrilek l-umiltà ta' Ibnek Ġesù Kristu, biex nirripara l-kburija tiegħi fil-ħsieb, u fil-kliem, u fl-għemil tiegħi. Ammen.*[6]

5. Talb xenopleviku

San Ġorġ Preca għandu wkoll sensiela ta' talb li filwaqt li wieħed jimmedita permezz tiegħu, iġiblu quddiem għajnejh xeni mill-ħajja skritturali speċjalment dawk l-episodji mill-ħajja ta' Sidna Ġesu Kristu.

*Iġġib quddiem għajnejk bħal inkwatru Ġesù Kristu msallab bejn żewġ ħallelin.*[7]
*Imsiemer ta' Ġesù Kristu: f'ġieh l-imsiemer ta' Kristu, O Alla Missier, agħtini l-grazzja li ma ninfired qatt minnek.*[8]

6. Talb Marjan

Insibu ħafna talb fuq il-Madonna li San Ġorġ Preca niseġ personalment. Fost dawn insibu talba twila imma verament sabiħa tal-*Vestis Honoris,* li s-soċji tal-Museum jimmeditaw kull 7, 17 u 27 ta' kull xahar. Insibu wkoll talb qasir fuq titli differenti tal-Madonna bħal ngħidu aħna l-Madonna tal-Karmnu, Marija Immakulata, Marija Bambina u l-privileġġi li kellha din il-mara kbira. Fuq kollox insibu għadd kbir ta' talb iddedikat lill-Madonna miġbur fl-ewwel parti tal-ktieb ***Ftuħ il-Qalb (it-tielet ktieb)****.*

*Ifraħ O Verġni Marija, għaliex ġarrabt duluri kbar.*[9]
*O Verġni Mbierka, itlob 'l Alla għalina li jagħtina l-grazzja li nagħrfuh, u li nħobbuh, u li nservuh. Ammen.*[10]

7. Talb Prekatorju

Dun Ġorġ għandu wkoll talb uniku bl-isem ta' Prekatorju. Dan it-talb li hu ismu miegħu, huwa sensiela ta' talbiet qosra għal diversi nies b'karigi differenti fis-Soċjetà Ċivili jew li għaddejjin minn xi stat partikulari fil-ħajja bħal ngħidu aħna: talb għar-Reliġjuzi, talb għat-tobba, talb għall-ħaddiema, talb għall-għalliema, talb għall-Imħallfin, talb għall-morda, talb għad-dubjuzi, talb għall-inkwetati u oħrajn.

*Ejjew nitolbu għall-Ħaddiema: Sinjur Alla O Missier, li kkundannajt lil kull bniedem li bl-għaraq ta' ġbinu jiekol il-ħobż tiegħu, għaqqad bħalma inti s-soltu tagħmel il-ħniena mal-ġustizzja tiegħek, u ikkonforta lill-ħaddiema kollha fid-dwejjaq tal-ħidma tagħhom, billi issostnihom bl-ispirtu tal-paċenzja u tal-kwiet etern.*[11]

Il-kitba fuq it-talb

Interessanti l-fatt li fil-kitba tiegħu fuq it-talb, San Ġorġ Preca jagħti lista ta' pariri biex wieħed ikun jista' jaddatta ruħu aħjar fil-kollokju tiegħu ma' Alla. Hekk f'diversi kitbiet oħra, huwa juża l-konkret biex iwassalna għall-astratt u nifhmu aħjar l-importanza tat-talb.

*Qabel tibda titlob jew titkellem ma' Alla immedita li min għamillek għajnejk jara, li min għamillek widnejk jisma', li min għamel lilek tifhem, jifhem huwa wkoll. Mela żomm f'moħħok li Alla jarak, jisimgħek u jifhmek.*[12]

Għalkemm f'ħafna mill-kitba tiegħu, anki fejn jidħol is-suġġett tat-Talb huwa juża spiss il-frażijiet: ***Sinjur Alla, Sinjur tas-sema u tal-art, Sinjur assolut u etern, Sinjur Omnipotenti*** u oħrajn, huwa stess

jieħu l-attitudni ta' Alla qrib tal-bniedem, Alla fil-metafora infinita ta' missier li żgur jagħtu lil uliedhom dak li jeħtieġu, kif insibu wkoll fl-Evanġelju ta' San Luqa 11, 13.

> ***Ftakar ukoll li Alla jinsab kullimkien u għalhekk huwa qrib tiegħek dejjem u kullimkien. Għalhekk titraskurax it-talb, għax dan huwa meħtieġ.***
> ***Meta titlob xi ħaġa lil missierek dan żgur jagħtihielek jekk tkun teħtieġha u tkun ta' bżonn, iżda qatt ma jagħtik dak li hu ta' ħsara għalik, titlobhielu kemm titlobhielu.*** [13]

Għalkemm il-Qaddis Malti dejjem jaċċenna għat-talb fil-kotba tematiċi tiegħu, huwa ddedika ktieb sħiħ fuq it-talb bl-isem ta' ***L-Orazzjoni.*** F'dan il-ktieb li nkiteb aktarx fis-snin 20, huwa jagħti wkoll lista ta' pariri fuqhiex wieħed għandu jimmedita biex jidħol fl-atmosfera tat-talb.

Interessanti l-fatt li San Ġorġ Preca jagħti tliet għażliet ta' meditazzjonijiet minn biex wieħed jtlob aħjar:

1. In-Novissmi – San Ġorġ Preca jikkwota mill-Iskrittura Mqaddsa u jagħti prova ċara kif l-Ispirtu s-Santu jgħallimna li hekk kif min jaħseb fuq in-novissmi jaħrab id-dnub, allura jkun diġà daħal fl-atmosfera tat-talb jew aħjar fil-preżenza ta' Alla li tbiegħed mid-dnub.[14]
2. Il-Preżenza ta' Alla f'ħajtek – Il-Qaddis ifakkarna wkoll fi-ġrajja Skritturali ta' Abraham li Alla ħeġġu biex izomm dejjem ruħu fil-preżenza tiegħu, biex hekk ikun jista' jitħarreġ fil-perfezzjoni.[15]
3. Il-Passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu – Huwa jfakkarna li meta wieħed jimmedita fuq il-ġrajja tal-Passjoni joħloq fih sentimenti ta' ringrazzjament lejn dan Alla li sar bniedem bħalna biex isalvana.[16]

San Ġorġ Preca jisħaq ukoll f'diversi kitbiet oħra identiċi tiegħu, li min jimmedita jew jitlob bis-serjetà fuq dawn is-suġġetti, ikun qed igawdi ġid spiritwali kbir, għax fuq kollox dawn it-temi jħeġġu biex wieħed jevita l-ħażen u d-dnub.

Fil-kitba tiegħu madanakollu nsibu elenkati diversi stili ta' talb imsemmija u li wieħed jista' jaddotta biex jitlob tajjeb.

a. Talb Mentali – Dun Ġorġ jgħallimna li m'għandna qatt nittraskuraw dan it-tip ta' talb u li ħafna studjużi f'dan il-qasam, jisħqu fuqu.
b. Talb Vokali - Interessanti wkoll li l-aktar talba li jisħaq fuqha l-Qaddis Malti hija t-talba tal-Missierna. Huwa jsejħilha ***talba tal-għaġeb u hija ideali biex wieħed jigglorifika 'l Alla, filwaqt li nitolbuh dak li hu meħtieġ għalina.***[17]
c. Talbiet qosra – Dan it-talb għalkemm huwa wkoll talb vokattiv, huwa talb konċiż li minn mument għall-ieħor ikompli jgħinna nżommu moħħna f'Alla u li permezz tiegħu ***negħlbu d-distrazzjonijiet li jistgħu jiġuna fit-talb.***[18]
d. L-Offerta tal-pjagi – San Ġorġ Preca huwa ferm magħruf għad-devozzjoni tiegħu lejn il-pjagi ta' Kristu. Kif jgħallem hu stess f'diversi kitbiet tiegħu aħna noffru dawn il-pjagi biex ***naqilgħu l-grazzji li nixtiequ, biex nunuraw lil Alla, biex nirringrazzjawh u biex inpattulu għall-offiżi li nagħmlulu.***[19]
e. Il-Quddiesa – Dun Ġorġ isejħilha ***t-talba per eċċellenza***. Meta aħna nieħdu sehem fil-Quddiesa nkunu qed nagħrfu, nunuraw u nirringrazzjaw lil dan Alla tagħna u li permezz tagħha ***nġibu fuqna kull grazzja u kull ġid.***[20]
f. Ir-Rużarju – l-aħħar talba li jsemmi hija dik it-talba li tatna Sidtna Marija. Dun Ġorġ jisħaq li wieħed ma jistax imur jorqod mingħajr ma jgħid din it-talba tant meditattiva għaliex timmedita l-ħajja glorjuża ta' Kristu fuq din l-art. [21]

Fuq kollox u f'diversi kitbiet simili San Ġorġ Preca jenfasizza li t-talb mhuwiex ħaġa tax-xufftejn biss imma fuq kollox huwa tal-qalb u mill-qalb. Fuq kollox huwa jeżorta bil-kbir li għalxejn wieħed jitlob

jekk mhuwiex persważ mit-tjubija u l-omnipotenza ta' Alla u li jekk ma jista' jagħmel xejn bil-ħila tiegħu, jagħmel kollox bl-orazzjoni, għax dan hu l-aqwa mezz ta' Qdusija.[22]

Noti biblijografiċi:


1. Ħames minuti fis-Santwarju.
2. Kantiku Museumin.
3. Kollokju ma' Alla.
4. *Memento Domine*.
5. L-ora Santa ta' San Gejtanu.
6. Riparatorju.
7. Il-Ġebla prezzjuża.
8. *Dona Dei*.
9. *Quidecim Gaudia Dominae Mariae Verginis*.
10. Ħmistax-il grazzja tal-Madonna.
11. Prekatorju.
12. Taħdit it-tfal.
13. *Ibid*.
14. L-Orazzjoni.
15. *Ibid*.
16. *Ibid*.
17. *Ibid*.
18. *Ibid*.
19. *Soli Deo*.
20. L-Orazzjoni.
21. Il-*Benedicta*.
22. Ir-Regoli tal-Qaddisin.

# 8. Madre Margerita – Bniedma li saret Talba

Dun Ġużepp Gauci

## Daħla

Wara li ċċelebrajna l-okkażjoni ta' ferħ li fiha l-Knisja ddikjarat l-erojċità tal-virtujiet tal-Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, il-Venerabbli Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, tajjeb li niftakru li l-Mulej, permezz tagħha mhux biss għoġbu jagħtina Kongregazzjoni ta' Reliġjużi li sal-lum xerrdu l-ħidma siewja tagħhom fil-kontinenti kollha tad-dinja, iżda wkoll tana persuna li tista' tgħallimna ħafna dwar il-ħajja spiritwali, kemm bil-kitbiet li ħallitilna, kif ukoll bl-eżempji ta' ħajjitha.

Kull min, sewwa sew nhar it-22 ta' Jannar 1952, filgħodu kmieni kellu l-okkażjoni jidħol fil-kamra żgħira li tiġi fuq in-naħa ta' wara tal-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani li hemm fi Triq Palma, fil-Belt Victoria, seta' jilmaħ lill-Madre Margerita f'sodditha, bi tbissima ħelwa fuq wiċċha, b'għajnejha mdawra lejn il-ħajt li kien jifred kamritha mill-kor li hemm wara l-Knisja, b'idha maħruġa 'l barra mill-friex tas-sodda, tħabbat fuq il-ħajt.

Dik it-taħbita, jew, aħjar dawk it-taħbitiet, kienu l-aħħar sinjali ta' mħabba lejn dak li kienet issejjaħlu u hu tassew l-"IMĦABBA"; kienu l-aħħar espressjonijiet ta' intimità profonda li rnexxielha tibni miegħu matul ħajjitha; kienu f'kelma waħda l-aħħar talbiet sempliċi, ħierġa minn qalb umli, li kien irnexxielha tagħmel lil Ġesù l-KOLLOX tagħha.

Ftit inqas minn għaxar snin qabel mewtha, sewwasew fil-21 ta' Settembru 1942, Madre Margerita kitbet lid-Direttur Spiritwali tagħha, Mons. Alfsons Agius, u, fost l-oħrajn, qaltlu: *"Missier, ħallini ngħidlek bis-sempliċità ta' tarbija: f'dawn iż-żminijiet, it-talba u l-meditazzjoni tiegħi hi: it-tliet tifħiriet tas-Serafini, Qaddis, Qaddis..."* (54).

Dan il-kliem sinċier ta' Madre Margerita, nistgħu ngħidu li kien qisu preludju għat-taħbitiet mal-ħajt ta' kamritha, ftit qabel mewtha. L-intimità li kellha ma' Alla fl-1942, imfissra bi ftit kliem, wasslitha biex tfisser l-għaqda li kellha ma' Ġesù permezz ta' tbissima fuq wiċċha u taħbitiet mal-ħajt ta' kamritha, f'Jannar tal-1952, ftit qabel l-għaqda dejjiema mal-Għarus tagħha wara mewtha. Din kienet il-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita f'dawn l-aħħar snin tagħha: dak it-talb ta' sempliċità li kapaċi jiġi mlissen biss mir-ruħ li tant tkun mitlufa fl-imħabba għal Dak li tant ħabbha, li ħlief r-ripetizzjoni ta' espressjonijiet qosra ta' mħabba, ma tkunx kapaċi tlissen minn qalbha.

F'din il-kitba tiegħi xtaqt nitkellem ftit mill-Ħajja tat-Talb ta' Madre Margerita: dik Madre Margerit li bħall-Fqajjar t'Assisi, li tiegħu kienet waħda mill-ulied l-aktar denji, mhux biss saret persuna li kontinwament titlob, iżda hi stess saret talba. B'dawn ir-riflessjonijiet nistgħu naslu biex nitħeġġu aktar fil-ħajja tat-talb tagħna, ħalli, fuq l-eżempju u taħt il-ħarsien ta' omm u għalliema tant qaddisa, inkun nistgħu nikbru fil-ħajja spiritwali tagħna.

## X'inhu t-Talb ?

It-talb għandu importanza vitali fil-ħajja spiritwali tan-nisrani; u aktar mal-ħajja nisranija tipperfezzjona ruħha, bħalma jiġri fil-ħajja reliġjuża, aktar tikber l-importanza tat-talb. Ħajja nisranija bla talb, hi nieqsa min-nifs, tifga għax bla ħajja.

Il-fundament tat-talb hu Alla: Missier, Iben u Spirtu s-Santu. Fit-Trinità, Alla jagħti lilu nnifsu lilU stess f'ħajja li ma titfissirx, il-ħajja Trinitarja; iżda jaqsam ukoll din il-ħajja mal-ħolqien. Il-ħolqien, min-naħa l-oħra, jaqsam fil-ħajja divina fi stadji diversi: mis-sempliċi eżistenza ta' ħlejjaq bla ruħ li

jeżistu bla ma jgħixu, sal-att ta' mħabba u għarfien li jqiegħed lill-bniedem għalih fost il-ħlejjaq kollha.

Għalhekk, Alla jikkomunika mal-bniedem permezz tal-Ispirtu ta' Kristu. U l-bniedem, b'hekk jista' jwieġeb billi jagħmel dak li jrid minnu Alla, billi jtenni dik li hi t-talba per eċċellenza *"Abba (Missier)"*. Infatti, S.Pawl kiteb: *"Għax intom ma rċivejtux l-Ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċivejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu nagħjtu; 'Abba! Missier!' Dan l-Ispirtu jixhed flimkien mal-Ispirtu tagħna li aħna wlied Alla"* (Rum 8:15-16).

Għalhekk, it-Talb hu l-kelma tagħna 'l Alla, it-tweġiba tagħna, ħlejjaq żgħar u dgħajfin, lill-Ħallieq Setgħani li jikkomunika lilu nnifsu lilna. It-talb ifisser, kif igħid Charles de Foucauld *"li taħseb dwar Alla u tħobbu"*. It-talb hu l-mod kif iseħħ dak li hemm fil-*"Perfectae Caritatis"*: *"insiru ħaġa waħda m'Alla fil-qalb u r-ruħ"* (5).

F'ittra tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi mibgħuta lill-Isqfijiet fil-15 t'Ottubru 1989, dwar xi aspetti tat-talb nisrani, naqraw li t-talb *"hu djalogu personali, intimu u profond bejn Alla u l-bniedem. Hu jfisser il-komunjoni tal-ħlejjaq mifdija mal-ħajja intima tal-Persuni tat-Trinità"* (3), u tkompli: *"It-talba tan-nisrani għandha ssib ruħha fil-moviment Trinitarju t'Alla, u għalhekk, il-kontenut essenzjali tagħha għandu jkun determinat bl-istess żewġ direzzjonijiet ta' dan il-moviment. Fl-Ispirtu s-Santu, l-Iben jiġi fid-dinja biex jirrikonċiljaha mal-Missier bil-ħidmiet u t-tbatijiet tiegħu. Min naħa l-oħra, f'dan l-istess moviment u f'dan l-istess Spirtu, l-Iben magħmul bniedem jerġa' lura lejn il-Missier, billi jwettaq ir-rieda tiegħu bil-Passjoni u l-Qawmien mill-mewt tiegħu"* (7).

Għalhekk it-talb dejjem jibda bl-għarfien li Alla jħobbni: li nħalli 'l Alla jħobbni. Din hi, biex ngħidu hekk, il-parti passiva tat-talb. Imbagħad, tiġi l-parti attiva: it-tweġiba tiegħi għall-imħabba, l-adorazzjoni li biha nintelaq fl-idejn kollha mħabba tal-Provindenza Divina: *"Tiġi saltnatek; Ikun li trid Int"*. B'hekk it-talb isir it-tweġiba tiegħi li biha nikkonċentra fuq il-Persuna ta' Kristu, fuq l-Umanità tiegħu, biex nagħraf aktar l-Imħabba t'Alla u nkun nista' nimxi aktar fid-dawl ta' din l-Imħabba, fuq il-passi ta' Kristu. It-talb isir it-tweġiba tiegħi li niltaqa' m'Alla fir-rejaltà kollha tal-ħajja; fil-persuni u l-ġrajjiet li jinsġu ħajti, u fihom inkun kapaċi ntenni l-*"Ikun li trid Int"* tiegħi.

S.Tereża t'Avila, id-Duttur tat-Talb, kitbet: *"It-talb, għalija, mhux ħlief relazzjoni intima ta' ħbiberija, li noqgħod waħdi miegħu biss, ma' Dak li naf li jien maħbuba minnu"* (Ħajja. 8). U darb'oħra: *"Il-profitt.fit-talb, jinsab mhux f'li taħseb ħafna, imma f'li tħobb ħafna"* (Fundazzjonijiet, 5,2). U wkoll: *"It-talb mhux ħlief fatt ta' mħabba … għalhekk il-preferenzi għandhom ikunu biss għal dawk il-ħwejjeġ li jqanqlu l-imħabba"* (Mansjonijiet, 4).

Fl-Ittra tal-Kongragazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi li diġa semmejna, naqraw: *"l-imħabba t'Alla, l-uniku oġġett tal-kontemplazzjoni nisranija, hi rejaltà li ma tistax titmexxa minn xi metodu jew teknika. Għall-kuntrarju, għandu jkollna dejjem ħarsitna fuq Ġesù Kristu li fih l-imħabba t'Alla marret lejn is-Salib għalina" (31).* U biex din it-tweġiba ta' mħabba tagħna, li rridu nagħtu fit-talb, isseħħ tassew, dan l-istess Dokument jissuġġerixi*; "ħarba mill-"jien" għall-"int" ta' Alla"* (3).

## Madre Margerita u t-Talb

Wara li rajna dawk il-ftit ħsibijiet dwar it-Talb b'mod generali, ejjew issa naraw xi ħaġa fil-qosor dwar il-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita. Li l-Ispiritwalità ta' Madre Margerita kellha dimensjoni Trinitarja ċara ħafna, u minħabba f'hekk il-ħajja tat-talb tagħha kellha 'l Alla, Missier, Iben u Spirtu s-Santu, bħala fundament, jidher ċar tassew minn diversi espressjonijiet meħudin mill-ittri tagħha lid-Diretturi spiritwali Mons. Anton Galea u Mons. Alfons Agius. Nisimgħu xi siltiet: *"Inħobbu, iva, inħobbu lill-Kollox waħdieni u assolut tagħna!! Oh! Kemm hu ħelu tħobb Imħabba Infinita! Tlieta u*

*Wieħed!"* (7). F'waħda mill-esperjenzi mistiċi tagħha, uriet xewqitha li tagħmel vot li jinkiteb *"b'demmha stess"*, imfisser b'dan il-kliem: *"O Alla Tlieta u Wieħed, jiena ħlejqa msejkna u bla ma jistħoqqli, noffri lili nnifsi kollni kemm jien lis-setgħa ta' mħabbtek, filwaqt li nitolbok tagħmel li jiena mmut qabel ma nonqos mill-fedeltà tiegħi. Amen"* (11). Darba'oħra bħal fi tnehida, kitbet: *"Kemm aħna ngrati li ma nħobbux Imħabba Infinita! Esseri Suprem! Il-Kollox tant Assolut! Tlieta u Wieħed! Oh! Jalla jkun maħbub minn kulħadd u kullimkien. Amen"*(28). F'okkażjoni oħra tfisser ruħha hekk: *"Inħoss għatx kbir... ġuħ kbir għal Alla, tliet darbiet Qaddis... jagħtini li nintelaq bħal waħda qed tmut"* (34).

Huwa ċar ukoll li Madre Margerita kienet kontinwament tgħix il-ħajja tat-talb tagħha, f'għarfien sħiħ u ċar tal-imħabba t'Alla: liema għarfien hu l-bidu, jew aħjar kif diġà għidna, l-aspett passiv tat-talb. Dan nistgħu narawh minn siltiet bħal dawn li ġejjin: *"Iva, inħossha, inħossha l-Imħabba tenera (anzi, kważi ngħid) miġnuna ta' Alla tliet darbiet Qaddis"*(43); *"Imma għaliex Imħabba li tant tħobb mhix maħbuba?! Esseri tant Divin!"*(44); *"L-Imħabba Eterna qed tagħmel li naraw u nħossu t-Tjubija Infinita tiegħu!"* (45); *"L-Imħabba kbira ta' Alla ssir bniedem.... Issir Tarbija!!! Fuq kollox, issir Ostja żgħira"* (56). Fis-sena 1943, disa' snin qabel mewtha, kitbet: *"Inħossni mgħaġġba mill-Ħniena Infinita tat-Twajjeb Alla li għadha żżommni ħajja u tistennieni li nkun kollna kemm jien tagħha, ġisem u ruħ, minkejja l-ingratitudnijiet tiegħi tal-imgħoddi u anke tal-lum"* (62).

Madre Margerita ma kenitx tieqaf f'din il-parti passiva tal-ħajja tat-talb, imma kienet tgħaddi għall-parti attiva: tixtieq, tipprova u tagħmel ħilitha kollha biex twieġeb għal din l-imħabba: inkomplu ninnutaw dak li hemm fil-kitbiet tagħha: *"Kultant inħoss il-ħtieġa ta' Alla... ir-ruħ tfittex il-mistrieħ u l-kwiet fil-Ħdan ta' Dak li waħdu hu biżżejjed għall-ħlejqa umana!"* (22); *"Inħobbu l-Imħabba li mhix magħrufa u, allura mhix maħbuba!! Kemm nixtieq nixxejjen għall-qima tagħha; għall-akbar glorja tagħha!!"* (26); *"Missier, għinni u itlob għalija u berikni... Inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba"* (28). Dan kollu jindikalna kif il-Fundatriċi hi u tikkontempla l-Imħabba kienet tasal għal-konklużjonijiet prattiċi li jwassluha tħobb l-Imħabba fil-prattika.

Biex tagħmel dan kellha xewqa kbira li tixxejjen, u kienet tinsisti dwar dan mas-Sorijiet tagħha, għax kienet taf li l-*"qerda tal-'JIEN'"* kienet l-unika triq biex ir-ruħ issir talba bl-għaqda mar-rieda t'Alla. Din hi l-ħarba mill-'jien' tiegħi, għall-'int' ta' Alla li semmitilna l-Ittra tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi dwar it-Talb (3). Imma, nisimgħu lil Madre Margerita: *"Jeħtieġ nixxejnu fir-rieda divina... Oh! Telfa qaddisa... Oh! Tixjin qaddis... li fuqu tinbena s-saltna tal-Imħabba safja"* (138); *"Iva, inħobbu lill-Maħbub tagħna, nissagrifikaw ruħna kollna kemm aħna, ruħ u ġisem, biex inkunu nar ta' mħabba safja u perfetta"* (139). Innutaw ftit, kif Madre Margerita kienet dejjem mitlufa f'dan il-mod ta' talb awtentiku, li jikkonsisti f'din l-għaqda ta' mħabba safja mal-Maħbub. Darb'oħra, hi u tirreferi għaż-żmien li għaddiet fid-Dar tal-Adorazzjoni, kitbet: *"Għamilna qawwijin bil-qawwa tiegħu. Ħarisna u ħbiena taħt ġwenħajh! Oh! Kemm inkunu sewwa moħbijin u mxejnin b'dan il-mod!!!"* (111). Forsi nistgħu nittraduċu kliem Madre Margerita hekk: *kemm inkunu sewwa magħqudin miegħu f'dan l-ispirtu ta' talb!".*

### Konċentrazzjoni fuq Kristu

Il-konċentrazzjoni fuq il-persuna ta' Kristu, kienet tifforma parti importanti mill-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita. Fl-1891, offriet regola importanti lil Sr. Giovanna li, aktar tard saret Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni: *"Il-ġabra u s-skiet għandhom ikunu l-mezzi biex tħares il-ħajja spiritwali tiegħek u l-għaqda mal-Għarus Imsallab tiegħek; il-ħars tiegħek... għandu spiss ikun imdawwar lejn Ġesù Msallab u qalbek għandha tintrefa' qrib it-Tabernaklu"* (130). Fl-1937, kitbet lil Sr. Rebekka: *"Sikwit għandek toqgħod fil-ġabra qrib il-Pissidi Qaddis"* (132); filwaqt li fl-1948 issuġġeriet lil Sr. Dionisja: *"Nirrikkmandalek il-qawwa u s-sabar, eċċ... fittex kollox mill-wisq qaddis Tabernaklu, kollox jinsab moħbi hemmhekk"* (121).

Din il-konċentrazzjoni ta' Madre Margerita fuq il-persuna ta' Kristu, kienet twassalha biex b'mod tassew prattiku tikkontempla l-misteri liturġiċi tiegħu, billi tinvolvi ruħha fihom bil-pariri li kienet tagħti lis-Sorijiet tagħha: innutawhom ftit u ppruvaw agħmluhom tagħkom:

- fl-Avvent: *"Issa li qegħdin f'dan iż-żmien qaddis tal-Avvent infittxu li nagħmlu lbiesi sbieħ għall-Bambin Qaddis"* (86).
- fil-Milied: *"Nawguralek nar ta' mħabba safja, dak in-nar li l-Bambin Qaddis ġie biex iġib fuq l-art"* (45).
- fil-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju: *"Kemm huma għoljin il-misteri ta' umiltà ta' kreaturi tant qaddisin"*(36).
- fir-Randan: *"F'dan l-Imqaddes Randan nieħdu ħsieb li noqgħodu eqreb lejn l-Għarus Imġarrab tagħna biex nitgħallmu nbatu bl-imħabba u nħobbu bit-tbatija"*(163).
- fil-Ġimgħa Mqaddsa: *"F'dawn il-jien qaddisa naraw lill-Maħbub Ġesù tagħna mimli tgħajjir! Ubbidjenti sal-mewt, mewt tas-salib! X'neħtieġu aktar biex inkissru għall-mewt is-suppervja tagħna!"* (79).
- fl-Għid: *"Fl-aħħar qam mill-mewt!... Jekk immutu mal-Mulej Ġesù, miegħU wkoll inqumu!"* (98).
- fil-*"Corpus"*: *"Kemm huma sbiħ dawn il-jiem! Ifakkruna fl-imħabba safja Ewkaristika! U kemm hemm li jwieġbu ħażin! Eh! Kemm jeħtieġ li npattu! Imħabba, imħabba u tpattija b'imħabba sinċiera, safja u ġeneruża!"* (88).
- fi Kristu Re: *"Kemm irnexxiet il-Festa tal-Maħbub Re tagħna! Hu tassew ir-Re tal-qlub kollha? Eh! Li kieku kien hekk!"* (101).

Ninnutaw kif, b'mod mill-aktar sempliċi, kienet tagħmel miż-żminijiet Liturġiċi, għajnuna kbira għall-ħajja tat-talb tagħha.

### Laqgħa ma' Alla fir-realtajiet tal-Ħajja

Fuq kollox, il-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita, kienet tikkonsisti wkoll f'li tiltaqa' m'Alla fir-realtajiet kollha ta' ħajjitha, u fihom ittennilu l-*"Ikun li trid Int"*, jew aħjar kif kienet tgħid hi stess il-"FIAT" tagħha. Quddiem il-problemi kbar tal-ftuħ tad-Dar ta' Corfù, fil-Greċja, l-ewwel Dar tal-Kongregazzjoni 'l bogħod mix-xtut tal-gżejjer tagħna, kitbet: *"L-affarijiet l-oħra spiritwali sejrin tajjeb, meta jitqiesu ċ-ċirkustanzi attwali, tax-xogħol, tal-mard tan-nuqqas ta' ħtiġijiet, eċċ. Eh! Paċenzja u dejjem l-għażiż Fiat!"* (3).

Quddiem il-mard ta' Madre Nazarena, minn Londra, fejn kienet magħha f'Dar tas-Sorijiet Dumnikani, kitbet: "*L-għażiża sieħba batiet u għadha tbati... Dejjem Fiat!!! Grazzi għat-twajjeb Ġesù tagħna, qatt ma naqasni la l-kuraġġ u lanqas ir-rassenjazzjoni"* (16). Ninnutaw x'kapaċi jagħmel dan l-ispirtu ta' talb quddiem id-diffikultajiet tal-ħajja; b'liema spirtu ta' kuraġġ jimla qalb il-bniedem.

Quddiem il-grajjiet koroh tat-Tieni Gwerra Dinjija: *"Aħbarijiet koroh, koroh, qisu li l-Missier tad-dawl m'għadux jitfa' ħarstu fuq il-bnedmin!! Imma ma jieqafx li jkun Missier twajjeb, twajjeb, twajjeb!! Li jikkastiga biex idewwi l-feriti tagħna! Biex jurina li wara li jdum jistenna jaf iqajjimna mhux biż-żegħil, imma bil-bastun iebes!! Jibqa' dejjem l-aħjar Missier infinitament ħanin!"*(39). It-talb jgħin lill-bniedem biex jiltaqa' mal-imħabba ta' Alla, anke f'mumenti koroh bħalma kienu l-jiem tal-Gwerra Dinjija.

Minn dan kollu li għidna s'issa, nistgħu ninnutaw b'mod mill-aktar ċar, kemm il-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita żviluppat bis-sħiħ u laħqet intimità mill-aqwa ma' Alla, f'kull ħin u f'kull sitwazzjoni tal-ħajja.

## Il-provi fil-ħajja tat-Talb

Bħal f'kull ħaġa oħra, fil-mixja wara Kristu, it-Talb għandu wkoll il-ħafna mumenti tal-prova tiegħu. Lill-persuna li tixtieq tikber fil-ħajja tat-talb, Alla, ħafna drabi, jisirqilha l-ħeġġa, il-ġabra u l-konsolazzjonijiet tiegħu, biex igħallimha tfittex mhux dawn il-konsolazzjonijiet tiegħu, imma lilU li hu l-Mulej ta' kull konsolazzjoni. Bir-rigal tan-nixfa spiritwali, u tad-distrazzjonijiet tal-moħħ, Alla jrid igħallem l-ispirtu ta' ċaħda u l-għarfien tad-dgħufija tal-bniedem meta mħolli u mitluq għalih waħdu. Iżda, meta r-ruħ li tingħata b'serjetà għall-ħajja tat-talb, issib ruħha f'dis-sitwazzjoni, għandha tfittex li tkompli tagħmel kull ma tista' fil-ħajja tat-talb tagħha: jekk tieqaf jew iċċedi, tista' tibda t-triq tan-niżla tal-ispiritwalità tagħha. Id-Duttur tat-Talb, S.Tereża ta' Ġesù, tgħidilna hekk dwar dan il-punt: *"Il-persuna li tesperimenta nixfa spiritwali, għandha troddlu ħajr (lil Alla), għax tant jafdaha li daħħalha taħdem fil-għalqa tiegħu, bla ebda ħlas"*. U tkompli: *"Il-persuna li hi mħabbta mill-ariditá u distrazzjonijiet tal-moħħ, m'għandha qatt tinkwieta jew tiddejjaq. Jekk dil-persuna tikseb libertà spiritwali, u ma tkunx dejjem imħabbta, tibda ma tibżax mis-Salib u ssib li l-Mulej igħinha terfgħu"* (Ħajja, 11).

Fl-Ittra tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi li diġa semmejna, naqraw: *"Għall-persuna li tagħmel sforz serju, ikun hemm mumenti li fihom ikun qisha qed tiġri f'deżert, u minkejja l-isforzi kollha, ma tħoss xejn li hu t'Alla. Għandha tkun taf dil-persuna li lanqas dawk li jieħdu t-talb bis-serjetà ma huma meħlusin minn dawn il-provi..."* (30).

Jekk niġu għall-ħajja tat-talb ta' Madre Margerita, nistgħu faċilment ninnutaw kif, bħal dawk kollha li jagħmlu l-isforzi kollha għal intimità kbira m'Alla, sabet ruħha f'dawn il-provi tal-ħajja tat-Talb. Fl-1918, mill-"Casa Madre", kitbet lil Mons. Galea: *"Ix-xogħol jeħodli l-ħin kollu u, għalhekk ma jgħinix fil-ġabra, anzi fil-meditazzjoni kważi dejjem inħossni mitlufa fih. Imbagħad, fit-Tqarbin dik il-kesħa, dik il-mewt għal kull affett tajjeb, dan kollu qisu jgħaffiġni taħt piż tqil... kultant jiġini l-ħsieb li nħalli t-Tqarbina, għax nibża' li nagħmilha bi drawwa u ma tkunx togħġob lil Gesù: iżda, imbagħad, x'nagħmel?"* (9).

Fil-1942, kitbet lil Mons. Agius: *"Missier, emminni, dawl ma' dlam!... Inħoss ukoll ariditá niexfa l-aktar fil-ħin tat-Tqarbin. Oh imbagħad ikolli aktar kuraġġ biex ngħannqu miegħi kif tixtieq ir-ruħ għatxana tiegħi..."* (47).

Ħafna huma l-okkażjonijiet li fihom Madre Margerita titkellem mill-ariditá spiritwali, fl-ittri li kitbet lil Mons. Galea u Mons. Agius. Iżda nota komuni li ninnutaw f'dawn l-okkażjonijet kollha, hi d-determinazzjoni tagħha li, jiġri x'jiġri, tkompli tagħmel ħilitha biex tikber fl-intimità tagħha mal-Mulej, kif darba tenniet lil Mons. Agius: *"Il-ħelu Ġesù daqqa jinħass u daqqa jistaħba, u, imbagħad, imbagħad ir-ruħ fqajra, kważi bħal f'agunija ta' tbatija, tfittex..."* (48).

Ma ninsewx li hekk kif id-deheb jiġi ppruvat bin-nar hekk ukoll ħajja ta' talb awtentika tiġi mgħoddija minn dawn il-provi ta' tbatijiet spiritwali, biex ir-ruħ titħejja għad-doni li l-Mulej, ikun lestielha.

## Grazzji Mistiċi

Kif fil-ħajja tat-talb hemm iż-żmien tal-prova, hekk ukoll, jekk u meta tkun ir-rieda tas-Sid li jmexxi kollox, hemm iż-żmien tar-rigali mistiċi: rigali li huma mogħtijin lil kulħadd, f'xi ħin u f'xi żmien, kif irid Hu, b'mod normali, bil-gost jew bil-konsolazzjoni li l-persuna tħoss fil-mumenti tat-talb, u rigali straordinarji mogħtijin lil xi wħud għall-ġid tal-istituzzjonijiet li l-Providenza tkun fdatilhom f'idejhom.

Dwar dawn tal-aħħar, l-Ittra tal-Kongregazzjoni tal-Fidi dwar xi aspetti tat-Talb, tgħidilna: *"Hemm xi grazzji mistiċi, mogħtijin lill-fundaturi ta' istituzzjonijet ekklesjastiċi għall-ġid tal-fundazzjoni tagħhom, u lill-qaddisin oħra wkoll, li jikkaratterizzaw l-esperjenza personali tagħhom ta' talb u li ma*

*jistgħux bħala tali, ikun oġġett ta' imitazzjoni u aspirazzjoni għall-membri l-oħra tal-fidili, anke għal dawk li jiffurmaw parti mill-istess istituti u dawk li jfittxu triq aktar perfetta ta' talb"* (24).

S.Tereża t'Avila, li ġiet mogħnija mill-Mulej b'ħafna minn dawn id-doni, issemmi fost l-oħrajn: *"... ġieli f'daqqa waħda kont inħoss l-presenza t'Alla, b'mod tali, li kien ikun impossibli niddubita li Hu qiegħed ġo fija u li jien kont kollni kemm jien mgħarrqa fiH. Din bl-ebda mod ma kienet xi dehra: nemmen li hi msejħa teoloġija mistika. Ir-ruħ tintilef b'mod tali li tħossha barra minnha nfisha. Ir-rieda tħobb, il-memorja tkun qisha mitluqa, ma tistax tirraġuna..."* (Ħajja 10).

Biex ma ntawlux, niġu għall-punt tagħna: Madre Margerita kellha minn dawn l-esperjenzi mistiċi? Filwaqt nissottomettu ruħna għal dak li għad iridu jgħidu l-awtorijiet tal-Knisja dwar dan il-punt, inwieġbu bla tlaqliq li jidher li kellha. F'ittra miktuba lil waħda reliġjuża marida, fl-1892, qisha riedet tfisser esperjenzi ta' dak li S.Tereża t'Avila sejħitlu "teologija mistika": *"U forsi mhux veru, l-aktar għażiża tiegħi, li kultant inħossu l-preżenza tiegħu?!... Inħossu li jħobbna, li jridna kollna kemm aħna tiegħu?... Li jridna ninsew lilna nfusna u l-ħolqien kollu biex ngħixu biss, biss miegħU, biH, u fiH?... Oh! Iva, iva, spiss inħoss dan il-kollokwiju ġewwieni, anzi aktar u aktar sensibbli".* (138).

Barra minn dan jekk nisimgħu x-xhieda ta' Sorijiet li kienu qrib tagħha, bħalma kienet Madre Paċifica, insibu li kien hemm bosta okkażjonijiet li fihom Madre Margerita kienet tintilef f'estasi ta' mħabba waqt il-qari li kienet tagħmel lill-Komunità, jew filwaqt li kienet tilmaħ xi xbiha tal-Imsallab, jew ta' Ġesù Tarbija.

Madre Luisa Busuttil, ex-Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni tirrakkonta kif darba Madre Margerita, meta kienet fid-Dar ta' Ruma, ħadet f'idejha xbiha sabiħa ta' Ġesù Bambin u damet xi sagħtejn mitlufa f'estasi bih f'idejha.

Madre Paċifica, Madre Luisa Busuttil u Madre Providenza Gauci xehdu li Madre Margerita qaltilhom li meta kienet toqgħod f'kamra partikulari hawn fil-"Casa Madre", dehrilha Ġesù u taha ċ-ċurkett, sinjal ta' "għerusija mistika" f'għaqda dejjiema miegħu.

Dwar dawn il-ġrajjiet nistgħu nżidu ħafna u ħafna aktar li, iżda, għalissa hu aħjar li nisktu dwarhom. Iżda nistgħu ntennu mingħajr dell ta' dubju li l-Ħajja tat-Talb ta' Madre Margerita, laħqet tassew livell ta' mistiċiżmu għoli.

## Għeluq

Tajna ħarsa, illum, lejn il-Ħajja tat-Talb ta' Madre Margerita. Ħarsa li fiha rajna kif Madre Margerita għarfet il-qawwa tal-Imħabba Trinitarja u għamlet ħilitha kollha biex twieġeb għaliha bix-tixjin tal-'Jien', bit-tennija tal-'Fiat' u b'telqa sħiħa fit-tmexxija u l-ħarsien tal-Providenza Divina.

Minħabba dan kollu, inħossu li nistgħu ngħidu bil-libertà kollha dwar Madre Margerita, dak li Tumas ta' Celano qal dwar Franġisku t'Assisi: *"ma kienx bħal bniedem li jitlob, imma aktar talba ħajja hu nnifsu".* Iva, Madre Margerita ma kenitx sempliċi bniedma li titlob , imma saret talba, talba ħajja.

Ninqeda b'din il-kitba fqajra tiegħi biex b'mod sempliċi nfakkar lil din il-bniedma li saret talba u nistieden li min jaqra biex nitgħallmu minnha:

- li t-talb jikkonsisti f'li nagħrfu kemm tassew iħobbna Alla;
- li t-talb ifisser nagħmlu ħilitna biex inxejnu l-egoiżmu tagħna ħalli nsaħħu l-qawwa tal-imħabba tagħna għal Alla;
- li t-talb jikkonsisti f'li niltaqgħu ma' din l-imħabba t'Alla fir-realtajiet kollha ta' ħajjitna;
- li nitolbu jfisser nikkonċentraw ħarsitna fuq Kristu, Alla li sar bniedem bħalna, biex minnu nitgħallmu ngħidu l-*'Abba'* tagħna lill-Missier tas-sema.

Nitolbu, lill-Madre Margerita biex wara li għallmitna x'inhu t-talb u xi jfisser titlob, u titlob tassew, tibqa' żżomm ħarsitha fuqna, ixxerred fuqna l-interċessjoni tagħha, ħalli lkoll insiru TALBA ta' mħabba u fedeltà ma' kull nifs ta' ħajjitna.

*(Nota: in-numri li hemm wara s-siltiet meħudin mill-kitbiet ta' Madre Margerita jindikaw l-Ittri kif jinsabu fil-Ktieb "L-Ittri" li ġie ppublikat mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù u li jista' jinkiseb minn għandhom.)*

# Ir-Raba' Taqsima: Noveni tal-Milied



## 9. Avvent: żmien ta' stennija

Dun Geoffrey G. Attard

(Traduzzjoni tal-ktejjeb bit-Taljan *Vivere l'attesa*)

### PREŻENTAZZJONI

Il-ġimgħa ta' bejn is-17 u l-24 ta'Diċembru hija waħda mill-perijodi liturġiċi l-aktar suġġestivi tas-sena. Is-sens ta' stennija tal-Avvent issir issa dejjem iqsar u l-qari u s-salmi tal-liturġija jħarsu biss lejn it-twettiq ta' din l-istennija li tilħaq il-qofol tagħha nhar il-Milied.

L-element l-aktar karatteristiku tat-talb li jakkumpanja dawn il-ġranet qaddisa huwa l-kant tal-antifona 'O' qabel u wara l-Manjifikat matul l-Għasar. L-oriġini tagħhom huwa ferm antik: l-ewwel dokument fejn jinsabu huwa r-*Responsorjali Gregorjan* ta' Compiegne (redazzjoni tas-sitt jew is-seba' seklu). Tul is-sekli saru xi varjazzjonijiet jew tibdil fuqhom; f'xi dokumenti, jirriżulta li anke ntużaw matul it-tifħir ta' sbiħ il-jum. Il-għadd tagħhom ukoll kien ivarja minn tmienja għal disa' għal tnax. Fl-aħħar rebaħ in-numru sebgħa u l-inizjali tagħhom, jiġifieri l-ewwel ittra ta' kull waħda minnhom fl-oriġinal Latin, jiffurmaw il-frażi 'Ero cras' li tfisser 'Ikun hawnhekk għada'.

L-importanza tal-antifona 'O' jinsab fil-fatt li dawn jiffukaw fuq l-aktar titli messjaniċi sinifikattivi tal-Iskrittura Mqaddsa. Sa minn żminijiet bikrija, il-liturġija esprimiet fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħha u fit-tifħir li trodd lil Alla, ir-riflessjoni tal-Knisja fuq l-identità profonda ta' Sidna Ġesù f'għaqda mal-profeziji l-kbar tat-Testment il-Qadim.

Matul il-ġimgħa ta' qabel il-Milied nitolbu u nimmeditaw fuq l-antifoni 'O' waqt li nutilizzaw dawn l-iskemi li għandna quddiemna hawnhekk f'dan il-ktejjeb; dan nagħmluh sabiex inkunu nistgħu nidħlu dejjem aktar fil-fond tal-misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla.

17 ta' Diċembru
O GĦERF

INTRODUZZJONI
Fil-qalba tal-Iskrittura tingħata importanza kbira lill-għerf, mifhuma kemm bħala kapaċita' umana sabiex wieħed jifhem u jsegwi dak li huwa tajjeb kif ukoll bħala karatteristika partikulari ta' Alla li ħalaq u ordna l-univers. Il-paġni li fihom l-għerf jidher applikat bħala persuna, jindirizzawna għal Ġesù Kristu.

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

INNU
***Agħtina l-Għerf tiegħek Mulej.***
Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
Intom muntanji u għoljiet għajtu bil-ferħ.
Ġej il-Mulej biex ifarraġ il-poplu tiegħu,
Hu għandu kompassjoni u pjetà għall-foqra tiegħu.

***Agħtina l-Għerf tiegħek Mulej.***

Qattru, smewwiet, mill-għoli, u ħalli s-sħab iraxxax il-ġustizzja, ħa tinferaq l-art u tinbet is-salvazzjoni ;
Tinfetaħ l-art u tinbet is-salvazzjoni,
U tinbet magħha l-ġustizzja,
Jitkattar is-sliem fuq l-art.

***Agħtina l-Għerf tiegħek Mulej.***

Ejja ħa ssalvana Mulej, Alla tal-ħolqien kollu,
Urina wiċċek u nkunu salvi.
Urina Mulej, il-ħniena tiegħek
U agħtina s-salvazzjoni.

***Agħtina l-Għerf tiegħek Mulej.***

Ejja Mulej ħa żżurna fis-sliem,
Quddiemek nifirħu b'qalb sinċiera.
Ejja Mulej la tiddawwarx,
Eħles il-poplu tiegħek minn dnubiethom.

***Agħtina l-Għerf tiegħek Mulej.***

Jibżgħu l-ġnus minn ismek Mulej,
Jaraw il-glorja tiegħek is-slaten kollha tal-art.
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa' għal dejjem.
Ammen.

***Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak***
"Jien ħriġt minn fomm l-Għoli u għattejt l-art bħan-nida. Tellajt fl-għoli l-għarix tiegħi, u t-tron tiegħi kien kolonna sħab. Waħdi dort id-dawra ta' fuq is-smewwiet, u mxejt f'qiegħ l-abbiss. Ħadt f'idejja mewġ il-baħar u l-art kollha, u kull poplu u ġens. Fost dawn kollha fittixt fejn nistrieħ u f'art min immur noqgħod. Imbagħad il-Ħallieq ta' kollox tani ordni, u dak li ħalaqni għażel post għall-għarix tiegħi, u qalli: "Tella' l-għarix tiegħek f'Ġakobb, u iret sehmek f'Iżrael''. Qabel kull żmien, fil-bidu, ħalaqni, u sal-aħħar taż-żmien ma niġix nieqes' (24: 3-9).

*Qari minn* Kontra l-Ereżiji *ta' San Irinew ta' Lyon*
Ma hemmx ħlief Alla wieħed li flimkien mal-Verb u l-Għerf ħalaq u qiegħed f'armonija kull ma jeżisti. Hemm il-Verb tiegħu, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, dan li f'dawn l-aħħar żminijiet, sar bniedem fost il-bnedmin sabiex jorbot flimkien il-bidu mat-tmiem, jiġifieri l-bniedem ma' Alla. Fuq dan il-profeti, wara li rċivew il-kariżma profetika tal-istess Verb, xandru l-miġja tiegħu fil-ġisem, u li permezz tiegħu seħħet il-għaqda u l-komunjoni ta' Alla mal-bniedem skont ir-rieda li togħġob il-Missier. Il-Verb t'Alla ħabbar sa mill-bidu li Alla sa jkun mal-bnedmin, se jgħix magħhom, se jiddjaloga magħhom fuq l-art sakemm imħaddan mill-Ispirtu t'Alla, il-bniedem jitla' fil-glorja tal-Missier (4,20,4).

TALBA SALMIKA
O Għerf li tħaddan spirtu qaddis u għaref,
*Għinna sabiex nifhmu liġijiet tad-dinja u l-ġrajjiet tal-istorja.*

O Għerf, li tidħol u tippenetra sa fil-qiegħ ta' kollox,
*Ejja u agħtina l-imħabba għall-ħajja.*

O Għerf, li ġej mill-qawwa ta' Alla,
*Agħtina l-qawwa tiegħek.*

O Għerf, li int rifless tad-dawl ta' dejjem,
*Għinna sabiex insiru mera tat-tjieba ta' Alla.*

O Għerf, li inti isbaħ minn ġmiel ix-xemx,
*Għinna ħalli nkunu nifilħu għall-qerq u għall-gideb.*

ANTIFONA O
*O Għerf li ġej migħand l-Aktar Għoli*
*Inti tasal sa truf l-art u kollox tiġbed lejk*
*Bil-qawwa u bil-ħlewwa:*
*Ejja u għallimna t-triq tal-għaqal.*

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,*
U l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi.
Għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.*
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;*
Qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien*
Fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,*
Xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,*
U għolla ċ-ċkejknin.

Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,*
U l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu,*
Għax ftakar fil-ħniena tiegħu
-bħalma wiegħed lil missirijietna - *
B'risq Abraham u nislu għal dejjem.
Glorja lill-Missier, u lill-Iben*
U lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,*
U jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen

TALB TA' SUPPLIKA
Alla Missier, li ħlaqt id-dinja bl-għerf tiegħek u tkompli żżommha ħajja, agħtina l-kapaċità li nifhmu t-tajjeb u nagħmluh kontinwament. Lilu nitolbu:
*Agħtina l-Għerf li jinsab maġenb it-tron tiegħek.*

Għall-Knisja, sabiex bl-għajnuna tal-għerf tiegħek tħabbar bil-qawwa l-Kelma tiegħek u tkun qrib uliedek kollha. Nitolbu.

Għall-morda, sabiex l-għerf tiegħek isostnihom, jikkonfortahom u jagħtihom sens profond tal-valur ta' tbatijiethom. Nitolbu.

Nafdawlek Mulej, iż-żgħażagħ u t-tfal tagħna biex bħal Ġesù jikbru fiż-żmien, fl-għerf u fil-grazzja u jagħmlu għażliet tajbin għalihom u għas-soċjeta' li fiha jgħixu. Nitolbu.

Għalina hawnhekk preżenti. Ibnek ried ikun wieħed minna mela agħmilna kapaċi ngħixu b'aktar għerf u ġustizzja. Nitolbu.

TALBA TAL-GĦELUQ
Alla Missier li tista' kollox, int li bgħatt lil Ibnek Ġesù l-Għerf tiegħek fost il-poplu tiegħek, agħtina qalb miftuħa u disponibbli għall-miġja tiegħek, sabiex anke llum naslu nagħrfu l-misteru tiegħek u urina t-toroq li jwasslu għandek. Hu li hu Alla u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## 18 ta’ Diċembru
## O MULEJ, WERREJ TAD-DAR TA’ IŻRAEL

INTRODUZZJONI
Alla ta’ Abraham, ta’ Iżakk u ta’ Ġakobb wera lilu nnifsu lil Mosè fl-għollieq jaqbad bla jinħaraq u permezz tiegħu ħeles lil Iżrael mill-jasar tal-Eġittu. Dak Alla li b’dirgħajh miftuħa ħeles il-poplu tiegħu u tah il-Liġi fuq il-muntanja Sinaj ġej permezz ta’ Ibnu sabiex jeħlisna mill-jasar tad-dnub u tal-mewt.

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

INNU
*Ejja Mulej u salvana bid-driegħ qawwi tiegħek.*
Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
Intom muntanji u għoljiet għajtu bil-ferħ.
Ġej il-Mulej biex ifarraġ il-poplu tiegħu,
Hu għandu kompassjoni u pjeta’ għall-foqra tiegħu.

*Ejja Mulej u salvana bid-driegħ qawwi tiegħek.*

Qattru, smewwiet, mill-għoli, u ħalli s-sħab iraxxax il-ġustizzja, ħa tinferaq l-art u tinbet is-salvazzjoni ;
Tinfetaħ l-art u tinbet is-salvazzjoni,
U tinbet magħha l-ġustizzja,
Jitkattar is-sliem fuq l-art.

*Ejja Mulej u salvana bid-driegħ qawwi tiegħek.*

Ejja ħa ssalvana Mulej, Alla tal-ħolqien kollu,
Urina wiċċek u nkunu salvi.
Urina Mulej, il-ħniena tiegħek
U agħtina s-salvazzjoni.

*Ejja Mulej u salvana bid-driegħ qawwi tiegħek.*

Ejja Mulej ħa żżurna fis-sliem,
Quddiemek nifirħu b’qalb sinċiera.
Ejja Mulej la tiddawwarx,
Eħles il-poplu tiegħek minn dnubiethom.

*Ejja Mulej u salvana bid-driegħ qawwi tiegħek.*

Jibżgħu l-ġnus minn ismek Mulej,
Jaraw il-glorja tiegħek is-slaten kollha tal-art.
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa’ għal dejjem.
Ammen.

*Qari mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija*
Għad jiġri fl-aħħar jiem li l-għolja tad-dar tal-Mulej togħla ’l fuq mill-qċaċet tal-muntanji, u tintrefa’ ’l fuq mill-għoljiet, lejha għad jiġru l-ġnus kollha. Kotra ta’ popli għad jiġu u jgħidu: “Ħalli mmorru u nitilgħu fuq l-għolja tal-Mulej, lejn id-dar ta’ Alla ta’ Ġakobb, biex jgħallimna triqatu, u nimxu fil-

mogħdijiet tiegħu. Għax minn Sijon joħroġ it-tagħlim, u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalemm”. Il-Mulej jagħmel il-ħaqq bejn il-ġnus, u jaqta’ s-sentenza bejn ħafna popli; u huma jibdlu x-xwabel tagħhom f’sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom fi mnieġel. Ebda ġens ma jerfa’ x-xabla kontra ġens ieħor, u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed. Ejja, dar Ġakobb, ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej! (2: 2-5)

*Mill-kitba* Lil Dijonetu
Ebda bniedem fid-dinja ma ra lil Alla jew wasal biex jagħrfu imma kien Hu li wera lilu nnifsu. Hu wera lilu nnifsu fil-fidi għax permezz tagħha biss wieħed jasal biex jagħraf lil Alla. Fil-fatt Alla, Mulej u Ħallieq tal-univers kollu, li ta bidu għal kollox mhux biss iħobb lill-bniedem imma jixxennaq għalih. Hekk kien minn dejjem u hekk se jibqa’: mimli bl-imħabba, tajjeb, tolleranti, fidil; hu biss huwa tassew twajjeb. Hu nissel f’qalbu pjan kbir u għaddieh lil Ibnu. Meta permezz ta’ Ibnu l-magħżul huwa jirrivela dak li ħejja sa mill-bidu, hu joffrilna kollox miegħu: min minn fostna kien qatt jistenna dan kollu?

TALBA SALMIKA
Mulej, li smajt il-karba tal-poplu tiegħek u nżilt ħalli tgħinu,
*Għinna ħa nkunu attenti fil-konfronti ta’ dawk li qed ibatu.*

O Mulej, li wrejt lilek innifsek lil Mosè permezz tal-għollieq jaqbad,
*Agħmel li dejjem nistagħġbu bl-opri tat-tjieba tiegħek fil-ħajja tagħna.*

O Mulej, li tajtna l-Liġi tiegħek, katina ta’ għaqda bejnek u bejn il-poplu tiegħek,
*Għinna sabiex nikbru dejjem fis-smigħ tal-Kelma tiegħek u nilqgħu mħabbtek.*

O Mulej, li mexxejt lill-Iżraeliti fid-deżert,
*Għinna sabiex nirbħu d-diffikultajiet u s-sofferenzi tal-ħajja billi nafdaw dejjem fl-għajnuna tiegħek.*

O Mulej, li daħħalt il-poplu tiegħek fl-Art Imwiegħda,
*Żomm dejjem ħaj fina l-ispirtu tal-gratitudni.*

ANTIFONA O
*O Mulej, werrej tad-dar ta’ Iżrael,*
*Li dhert lil Mose fin-nar tal-għollieq,*
*U fuq is-Sinaj tajt il-liġi tiegħek:*
*Ejja ħa teħlisna bid-driegħ qawwi tiegħek.*

MANJIFIKAT

TALBA TA’ SUPPLIKA
Permezz tal-Inkarnazzjoni ta’ Kristu, il-Missier ried iġedded l-għemejjel imwettqa permezz tal-ħelsien tal-poplu tiegħu mill-Eġittu. Nitolbu mela għal dawk li ma jafux jgħixu f’din il-libertá li Hu tana:
*Ġedded Mulej, l-għemejjel ta’ mħabbtek.*

Għall-Papa, l-isqfijiet u s-saċerdoti sabiex permezz tal-predikazzjoni u s-sagramenti juru lil uliedhom it-triq tal-veru ferħ u l-veru sliem. Nitolbu.

Għall-popli kollha li għadhom jgħixu fil-jasar, fl-isfruttament ekonomiku, fil-gwerra. Ġedded Mulej l-għemejjel ta’ mħabbtek u għinhom ħalli jgħixu fil-libertá u s-sliem. Nitolbu.

Għal dawk li ma jagħrfux jew ma jafux bl-eżistenza tiegħek. Uri lilek innifsek lilhom bħala Alla ta' mħabba u sliem, sabiex ikunu jistgħu jilqgħuk fil-ħajja tagħhom. Nitolbu.

Għalina li qed insegwu din il-mixja ta' talb fi stennija tal-Milied. Saħħaħ il-fidi tagħna u agħmilna strumenti u xhieda ta' mħabbtek. Nitolbu.

TALBA TAL-GĦELUQ

Alla ta' missirijietna, li ħafna drabi wrejt ruħek bil-qawwa fil-ġrajja tal-poplu magħżul tiegħek, uri lilek innifsek fil-ħajja tagħna u salvana mill-jasar tad-dnub u agħmel li naqduk fl-imħabba tagħna lejn l-aħwa. Bi Kristu Sidna.

## 19 ta' Diċembru
## O GĦERQ TA' ĠESSÈ

INTRODUZZJONI

Ġessè huwa missier David. Min-nisel ta' David, skont il-wegħda tal-Mulej, kellu joħroġ il-Messija li bl-għajnuna tiegħu Alla kellu jwaqqaf is-saltna ta' Iżrael. Mhux biss: skont il-profezija ta' Iżaija dan il-bniedem kellu jkun punt ta' riferiment għall-ġnus kollha. Din kellha tkun glorja li tasal permezz tat-tbatija. Bħall-qaddej sofferenti ta' Jahweh, hekk ukoll quddiem dan l-għerq ta' Ġessè l-ġnus kollha jieqfu mistagħġba.

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

INNU

*O iben David, ejja ħa ssalvana.*

Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
Intom muntanji u għoljiet għajtu bil-ferħ.
Ġej il-Mulej biex ifarraġ il-poplu tiegħu,
Hu għandu kompassjoni u pjetá għall-foqra tiegħu.
*O iben David, ejja ħa ssalvana.*

Qattru, smewwiet, mill-għoli, u ħalli s-sħab iraxxax il-ġustizzja, ħa tinferaq l-art u tinbet is-salvazzjoni ;
Tinfetaħ l-art u tinbet is-salvazzjoni,
U tinbet magħha l-ġustizzja,
Jitkattar is-sliem fuq l-art.
*O iben David, ejja ħa ssalvana.*

Ejja ħa ssalvana Mulej, Alla tal-ħolqien kollu,
Urina wiċċek u nkunu salvi.
Urina Mulej, il-ħniena tiegħek
U agħtina s-salvazzjoni.
*O iben David, ejja ħa ssalvana.*

Ejja Mulej ħa żżurna fis-sliem,
Quddiemek nifirħu b'qalb sinċiera.
Ejja Mulej la tiddawwarx,
Eħles il-poplu tiegħek minn dnubiethom.
*O iben David, ejja ħa ssalvana.*

Jibżgħu l-ġnus minn ismek Mulej,
Jaraw il-glorja tiegħek is-slaten kollha tal-art.
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa' għal dejjem.
Ammen.

*Qari mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija*

Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġessè, għad tinbet rimja minn għeruqu. Imbagħad jiġri f'dak il-jum li l-għerq ta' Ġessè jieqaf bħala sinjal għall-popli. Lilu jfittxu l-ġnus, u l-għamara tiegħu tkun imsebbħa. U jiġri f'dak il-jum, il-Mulej jerġa' jmidd idu, biex jikseb fdal il-poplu tiegħu, li jkun fadal, mill-Assirja u mill-Eġittu, minn Patros u minn Kus, minn Għelam u minn Singħar, minn Ħamat u mill-

gżejjer tal-baħar. U jgħolli sinjal lill-ġnus, u jiġbor il-mormijin ta' Iżrael, u jiġbor l-imxerrdin ta' Ġuda mill-erbat itruf tal-art

*Mid-diskorsi ta' Santu Wistin ta' Ippona*
Inħejju rwieħna ħalli niċċelebraw bil-ferħ il-miġja tas-salvazzjoni, tal-fidwa tagħna. Il-verità tixref mill-art: il-ġisem ta' Marija. Il-ġustizzja tinżel mis-smewwiet għaliex il-bniedem ma jista' jirċievi xejn li ma ġiex mogħti lilu minn fuq. Ħaddnu l-ġustifikazzjoni fil-fidi ħalli tkunu fis-sliem ma' Alla għaliex il-ġustizzja u s-sliem tbewsu f'Ġesù Kristu Sidna. Permezz tiegħu għandna aċċess għall-grazzja li niftaħru bit-tama tal-glorja ta' Alla. Kif jista' jasal is-sliem fl-art jekk il-verità ma tixrifx mill-art, jiġifieri jekk Ġesù ma jitwelidx fil-ġisem? Huwa s-sliem tagħna, dak li minn żewġ popli għamel poplu wieħed sabiex inkunu bnedmin ta' rieda tajba, marbutin flimkien bir-rabta tal-għaqda (185).

TALBA SALMIKA
O Għerq ta' Ġessè, li ħriġt bħal rimja minn David, imwiegħed minn Alla lill-poplu fidil tiegħu,
*Għinna sabiex ma nitilfux it-tama fit-twettiq tal-wegħdiet tiegħek.*

O Għerq ta' Ġessè, li fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej,
*Iftħilna qlubna ħalli nilqgħu d-doni tiegħek.*

O Għerq ta' Ġessè, li ma tiġġudikax skont id-dehra,
*Għinna ħalli niġġudikaw ħajjitna u dik tal-oħrajn b'qalb tajba u ġusta.*

O Għerq ta' Ġessè, li tiġi sabiex twaslilna l-paċi,
*Għinna ħalli f'kull ċirkustanza nwasslu l-paċi u l-ġid.*

O Għerq ta' Ġessè, int li int stendard mgħolli 'l fuq għall-popli kollha,
*Agħmel li l-ġnus kollha jagħrfu l-Vanġelu u jipparteċipaw mid-doni ta' mħabbtek.*

ANTIFONA O
*O Għerq ta' Ġesse li tidher bħala sinjal għall-ġnus kollha,*
*Quddiemek jisktu s-slaten kollha tal-art,*
*U l-ġnus isejħulek, ejja ħa ssalvna, la tiddawwarx.*

MANJIFIKAT

TALB TA' SUPPLIKA
Il-Mulej Ġesù ried isir wieħed minna, u daħal fl-istorja tal-imħabba bejn Alla u l-poplu tiegħu, storja ta' fedeltà u tradimenti, ta' wegħdiet u stennija.
F'dan il-perijodu li fih nistennew il-miġja tiegħu fostna, lejk indawru t-talba tagħna sabiex nilqgħuk b'qalb fidila.
*Wettaq il-wegħdiet tiegħek, Mulej*.

Mulej Ġesù, nafdawlek il-Knisja kollha sabiex fit-tħabbir tal-Kelma żżomm ħajja f'uliedek l-istennija għall-miġja tiegħek. Nitolbu.

Isma' l-għajta ta' dawk li qed ibatu frott il-miżerja, riżultat tal-gwerra, u tal-isfruttament. Il-ġnus kollha jsejħulek: Ejja ħa teħlisna mill-ħażen, Nitolbu.

Għal dawk li ilhom tant żmien jistennew il-fejqan, il-ferħ u dak li jagħtihom sens fil-ħajja. Agħtihom Mulej il-ġid li tant jixtiequ u nissel f'qalbhom il-ferħ tiegħek. Nitolbu.

Għalina hawnhekk miġburin sabiex it-talb tagħna flimkien u l-istennija jwassluna biex nikbru fl-imħabba u fl-għajnuna lil xulxin. Nitolbu.

TALBA TAL-GĦELUQ

O Mulej li għażilt lil Iżrael bħala l-poplu tiegħek, u li mlejtu bil-barkiet u bil-wegħda tal-ġustizzja u s-sliem, ħares lejn il-Knisja tiegħek u agħtina li tkun sinjal ta' mħabbtek ħalli jitwettqu l-wegħdiet tiegħek. Bi Kristu Sidna.

## 20 ta' Diċembru
## O MUFTIEĦ TA' DAVID

INTRODUZZJONI
Fi żmien is-slaten ta' Iżrael, l-imfietaħ tal-palazz kienu jingħataw lil bniedem ta' fiduċja kbira. Dan il-bniedem kien ikollu setgħa kbira fis-saltna. Jekk l-imfietaħ jindikaw sinjal ta' setgħa f'idejn kollaboratur tas-sultan, ix-xettru jindika s-setgħa tas-sultan innifsu. F'din l-antifona, l-imfietaħ u x-xettru huma żewġ simboli marbuta ma' Ġesù. Ġesù mhux biss il-kollaboratur tar-Re (Alla l-Missier) imma huwa Alla nnifsu, is-sultan li għandu s-setgħa jiftaħ u jagħlaq, dak li jista' jeħles il-ħabsin mid-dlam u l-dell tal-mewt.

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

INNU
*Iftħilna l-bibien tal-ħajja Mulej.*

Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
Intom muntanji u għoljiet għajtu bil-ferħ.
Ġej il-Mulej biex ifarraġ il-poplu tiegħu,
Hu għandu kompassjoni u pjetà għall-foqra tiegħu.
*Iftħilna l-bibien tal-ħajja Mulej.*

Qattru, smewwiet, mill-għoli, u ħalli s-sħab iraxxax il-ġustizzja, ħa tinferaq l-art u tinbet is-salvazzjoni ;
Tinfetaħ l-art u tinbet is-salvazzjoni,
U tinbet magħha l-ġustizzja,
Jitkattar is-sliem fuq l-art.
*Iftħilna l-bibien tal-ħajja Mulej.*

Ejja ħa ssalvana Mulej, Alla tal-ħolqien kollu,
Urina wiċċek u nkunu salvi.
Urina Mulej, il-ħniena tiegħek
U agħtina s-salvazzjoni.
*Iftħilna l-bibien tal-ħajja Mulej.*

Ejja Mulej ħa żżurna fis-sliem,
Quddiemek nifirħu b'qalb sinċiera.
Ejja Mulej la tiddawwarx,
Eħles il-poplu tiegħek minn dnubiethom.
*Iftħilna l-bibien tal-ħajja Mulej.*

Jibżgħu il-ġnus minn ismek Mulej,
Jaraw il-glorja tiegħek is-slaten kollha tal-art.
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa' għal dejjem.
Ammen.

*Qari mill-Ktieb tal-Apokalissi*
"U lill-anġlu tal-knisja li hemm f'Filadelfja iktiblu hekk: 'Dan jgħidlek il-Qaddis, il-Veru li għandu l-muftieħ ta' David, li jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, jagħlaq u ħadd ma jiftaħ: Jiena naf l-opri tiegħek; ara, ftaħtlek quddiemek bieb li ħadd ma jista' jagħlqu; għax għad li l-ħila tiegħek hija dgħajfa, naf li l-

kelma tiegħi ħaristha u ismi ma ċħadthulix. Dalwaqt niġi; żomm sħiħ f'dak li għandek, biex ħadd ma jeħodlok il-kuruna tiegħek. Ir-rebbieħ nagħmlu kolonna fit-Tempju ta' Alla tiegħi, minn fejn qatt iżjed ma joħroġ u fuqu nonqox isem Alla tiegħi, isem il-Belt ta' Alla tiegħi, Ġerusalemm il-ġdida li nieżla mis-sema mingħand Alla tiegħi, u l-isem il-ġdid tiegħi (3: 7-8, 11-12).

*Qari mill-Ktieb* Kontra l-Ereżiji *ta' San Irinew ta' Lyon*
Hu għandu l-muftieħ tad-dar ta' David: hu jiftaħ u ħadd ma jagħlaq; jagħlaq u ħadd ma jiftaħ. Fil-fatt ħadd aktar ma jista' jiftaħ il-bieb tal-Missier lanqas iħares lejh għaliex il-ħaruf li kien maqtul, irċieva kull setgħa u qawwa u permezz tal-Verb li sar bniedem Alla ħalaq kollox u bagħat l-għerf tiegħu. Fil-ġisem tal-Mulej hemm id-dawl tal-Missier li jleqq kollu ġmiel. Il-bniedem jasal għall-ħajja ta' dejjem permezz tad-dawl tal-Missier (4,20,2).

TALBA SALMIKA
O Muftieħ ta' David, li tħares it-teżori tal-imħabba ta' Alla,
*Agħmilna denji li nidħlu fis-saltna tas-Smewwiet.*

O Muftieħ ta' David, li waħdek taf il-misteri ta' Alla,
*Agħtina li nidħlu f'intimita' mal-Missier u l-Iben u ngħixu f'imħabbithom.*

O Muftieħ ta' David, li tiftaħ il-ħabs ta' dawk li jgħixu fid-dlam,
*Eħles lil dawk kollha li huma ilsiera tal-ħażen.*

O Muftieħ ta' David, li għandek is-setgħa li tiftaħ u tagħlaq,
*Agħmel li ħadd ma jkun eskluż minn imħabbtek.*

ANTIFONA O
*O Muftieħ ta' David, xettru tad-dar ta' Iżrael,*
*Li tiftaħ u ħadd ma jagħlaq, tagħlaq u ħadd ma jiftaħ;*
*Ejja ħa teħles mill-ħabs lill-ħabsin*
*Lil dawk li jgħixu fid-dlam u fid-dell tal-mewt.*

MANJIFIKAT

TALB TA' SUPPLIKA
Alla Missierna ta lil Ibnu l-muftieħ ta' David. Hu jiftaħ għalina l-bibien tas-saltna tas-smewwiet. Grati għal don hekk kbir nitolbu li nilqgħu bil-ferħ:
*Agħtina Mulej l-imħabba tiegħek kollha ħniena.*

Għal dawk kollha li fil-Knisja huma ddedikati għall-istudju u t-tħabbira tal-Kelma, sabiex jagħrfu b'ġenerożità u sempliċità l-kobor ta' mħabbtek għall-bnedmin. Nitolbu.

Għal dawk li jinsabu fil-ħabs biex minkejja l-ħtijiet tagħhom, jintwerew rispett fil-persuna tagħna u sabiex kulħadd juru magħhom sens ta' ugwaljanza u qies ħalli jpattu għal ħtijiethom. Nitolbu.

Għal dawk li għal diversi motivi jħossuhom fid-dlam u fid-dellijiet tal-mewt. Agħtihom Mulej li jissuperaw id-diffikultajiet tagħhom u jiksbu l-fiduċja fil-ħajja. Nitolbu.

Iftaħ Mulej il-ferħ tal-Ġenna tiegħek għal dawk kollha li ħallewna. Agħmel li ġurnata aħna wkoll nidħlu fil-milja tal-għaqda miegħek u magħhom. Nitolbu.

TALBA TAL-GĦELUQ

O Mulej Missier tagħna li tista' kollox li ridt turi lilek innifsek fil-misteru ta' mħabbtek fi Kristu Ġesù, għinna sabiex naqduk fl-imħabba u l-fedeltà l-ġranet kollha ta' ħajjitna sakemm anke aħna naslu sabiex nisimgħu l-kelmiet: 'Ejja qaddej fidil u tajjeb, idħol fil-hena ta' sidek'. Bi Kristu Sidna. Ammen.

## 21 ta' Diċembru
## O KEWKBA LI TIDDI

INTRODUZZJONI

Profezija misterjuża li nsibu fil-Ktieb ta' Żakkarija hija l-bażi għal din l-antifona. Il-Mulej iħabbar il-miġja ta' għerq min-nisel ta' David. It-traduzzjoni Latina tal-Bibbja (Vulgata) issejjaħlu 'Orjent'. It-traduzzjoni Taljana tal-antifona 'O' tagħtiha l-isem ta' 'Astro' jew bil-Malti 'Kewkba'. Din tiġi biex iddawwal il-poplu t'Alla li miexi fid-dlamijiet.

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

INNU

*Dawwalna bid-dija ta' wiċċek.*

Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
Intom muntanji u għoljiet għajtu bil-ferħ.
Ġej il-Mulej biex ifarraġ il-poplu tiegħu,
Hu għandu kompassjoni u pjetà għall-foqra tiegħu.
*Dawwalna bid-dija ta' wiċċek.*

Qattru, smewwiet, mill-għoli, u ħalli s-sħab iraxxax il-ġustizzja, ħa tinferaq l-art u tinbet is-salvazzjoni ;
Tinfetaħ l-art u tinbet is-salvazzjoni,
U tinbet magħha l-ġustizzja,
Jitkattar is-sliem fuq l-art.
*Dawwalna bid-dija ta' wiċċek.*

Ejja ħa ssalvana Mulej, Alla tal-ħolqien kollu,
Urina wiċċek u nkunu salvi.
Urina Mulej, il-ħniena tiegħek
U agħtina s-salvazzjoni.
*Dawwalna bid-dija ta' wiċċek.*

Ejja Mulej ħa żżurna fis-sliem,
Quddiemek nifirħu b'qalb sinċiera.
Ejja Mulej la tiddawwarx,
Eħles il-poplu tiegħek minn dnubiethom.
*Dawwalna bid-dija ta' wiċċek.*

Jibżgħu il-ġnus minn ismek Mulej,
Jaraw il-glorja tiegħek is-slaten kollha tal-art.
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa' għal dejjem.
Ammen.

*Qari mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija*

Qum! Ħa jiddi wiċċek! Id-dawl tiegħek wasal! Jiddi fuqek sebħ il-Mulej! Ara d-dlamijiet jiksu l-art, u sħab iswed il-popli: iżda fuqek jiddi l-Mulej, u sebħu jfiġġ fuqek. Il-ġnus għad jimxu fid-dawl tiegħek, u s-slaten fid-dija ta' sbiħek. Għolli u dawwar għajnejk madwarek u ara: lkoll miġbura ġejjin għandek. Uliedek ġejjin mill-bogħod, u bnietek iġorruhom fuq id-dirgħajn. Imbagħad tħares u wiċċek jiddi, u tħabbat u timtela qalbek, għax fuqek taqa' l-kotra tal-ġid tal-ibħra, u l-għana tal-ġnus

jiġi għandek. Ma ddawlekx aktar ix-xemx binhar, u lanqas jiddi għalik il-qamar billejl, għax il-Mulej ikunlek id-dawl għal dejjem u Alla tiegħek ikun sebħek.

*Qari mill-*Prietki Liturġiċi *ta' Massimu ta' Turin*
Ix-xemx ġdida Kristu tidher u ddawwal id-dlamijiet ta' dnubietna; ix-xemx tal-ġustizzja togħla rebbieħa ma tħallix li ħajjitna taqa' fid-dalma imma tweżinna bil-grazzja. U kif in-natura nfisha tagħraf li wasal it-twelid tal-Mulej, aħna wkoll inħejju ruħna. In-natura tibda twessa' l-ġranet tagħha, aħna wkoll inwessgħu l-ġustizzja. Hekk kif ix-xitwa ż-żrieragħ jieħdu l-ħajja hekk kif ix-xemx tħoll il-borra, hekk ir-raġġi sħajna tas-Salvatur irattbu l-ebusija ta' qlubna u jnisslu l-ġustizzja (61,1).

TALBA SALMIKA
O Kewkba li ddawwal id-dinja, agħtina l-ħajja u d-dawl,
*Agħmilna dejjem grati għad-doni tal-ħolqien tiegħek.*

O Kewkba li tagħraf il-ħsibijiet u s-sentimenti tal-qlub kollha,
*għallimna nfittxu li nwettqu biss il-ġid.*

O Kewkba li tagħraf il-glorja ta' Alla l-Missier,
*Għallimna nkunu xhieda dawwalla u kooerenti tal-Kelma tiegħek.*

O Kewkba li ppermettejt li d-dija tiegħek tkun imtappna bit-tbatija u l-mewt,
*Għinna sabiex insostnu bil-kuraġġ il-mumenti tal-prova fil-ħajja tagħna.*

O Kewkba li bil-Kelma tiegħek iddawwal il-ħajja ta' kulħadd,
*Agħmel li ma negħjew qatt fl-imħabba tiegħek.*

ANTIFONA O
*O Kewkba li togħla,*
*Ġmiel tad-dawl ta' dejjem, xemx tal-ġustizzja:*
*Ejja u dawwal lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.*

MANJIFIKAT

TALB TA' SUPPLIKA
Ix-xemx li tiddi u tagħti l-ħajja lid-dinja hija waħda mis-sinjali l-aktar evidenti tal-glorja u tal-imħabba ta' Alla. F'dan il-mument ta' talb, nistgħu nintelqu f'idejn il-Mulej biex imexxilna l-passi tagħna.
*Agħtina Mulej id-dawl u l-paċi tiegħek.*

Għall-Papa, l-isqfijiet u s-saċerdoti, sabiex bl-eżerċizzju tal-ħidma tagħhom fi ħdan il-Knisja, ikunu dejjem mexxejja awtorevoli li jgħinu lill-poplu t'Alla jagħraf ir-rieda t'Alla. Nitolbu.

Għal dawk li ma jistgħux jgħixu f'kundizzjonijiet tassew umani. Ix-xemx tiegħek tal-ġustizzja Mulej tista' ddawwal il-ħajja tagħhom. Nitolbu.

Għall-komunitajiet Insara tagħna sabiex tmexxihom u ddawwalhom bil-kelma tiegħek ħalli ma jarawhiex bħala strument ta' kundanna imma bħala għajnuna għall-ħajja tagħhom. Nitolbu.

TALBA TAL-GĦELUQ
Mulej li ġejt fid-dawl bħal xemx li tiddi qawwija, urina li int Alla tad-dawl u s-sliem u tħalli lil ħadd minn uliedek jiċħad id-dawl tal-ħajja li Inti biss taf tagħti. Inti li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## 22 ta' Diċembru
## O SULTAN TAL-ĠNUS

INTRODUZZJONI
Ġesù kien mistenni bħala sultan ta' Iżrael. Imma dan is-sultan huwa wkoll il-mistenni mill-ġnus kif insibu fil-ktieb tal-Profeta Ħaggaj fit-traduzzjoni Latina tal-Iskrittura magħrufa bħala Vulgata. Kellu jġib il-paċi lill-poplu. Huwa l-ġebla tax-xewka ta' Iżaija 28, il-ġebla li għaqqdet lil-Lhud u lill-pagani fl-ittra lill-Efesin kapitlu 2. Huwa jwassal lill-bniedem għas-sejħa oriġinali tiegħu meta kien imsejjaħ għall-eżistenza permezz tat-trab tal-art.

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

*Ejja u salva lill-bniedem li inti ħlaqt mill-art.*

Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
Intom muntanji u għoljiet għajtu bil-ferħ.
Ġej il-Mulej biex ifarraġ il-poplu tiegħu,
Hu għandu kompassjoni u pjetá għall-foqra tiegħu.
*Ejja u salva lill-bniedem li inti ħlaqt mill-art.*

Qattru, smewwiet, mill-għoli, u ħalli s-sħab iraxxax il-ġustizzja, ħa tinferaq l-art u tinbet is-salvazzjoni ;
Tinfetaħ l-art u tinbet is-salvazzjoni,
U tinbet magħha l-ġustizzja,
Jitkattar is-sliem fuq l-art.
*Ejja u salva lill-bniedem li inti ħlaqt mill-art.*

Ejja ħa ssalvana Mulej, Alla tal-ħolqien kollu,
Urina wiċċek u nkunu salvi.
Urina Mulej, il-ħniena tiegħek
U agħtina s-salvazzjoni.
*Ejja u salva lill-bniedem li inti ħlaqt mill-art.*

Ejja Mulej ħa żżurna fis-sliem,
Quddiemek nifirħu b'qalb sinċiera.
Ejja Mulej la tiddawwarx,
Eħles il-poplu tiegħek minn dnubiethom.
*Ejja u salva lill-bniedem li inti ħlaqt mill-art.*

Jibżgħu l-ġnus minn ismek Mulej,
Jaraw il-glorja tiegħek is-slaten kollha tal-art.
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa' għal dejjem.
Ammen.

*Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija*
Jien naf il-pjanijiet li ħsibt għalikom, oraklu tal-Mulej, pjanijiet ta' ġid u mhux ta' ħsara, li nagħtikom ġejjieni mimli tama. Intom issejħuli u tiġu titolbuni u jien nismagħkom, tfittxuni u ssibuni. Meta tfittxuni b'qalbkom kollha, issibuni, oraklu tal-Mulej, u jiena nbiddel xortikom u niġborkom minn fost il-ġnus u mill-artijiet kollha li xerridtkom fihom, oraklu tal-Mulej, u nreġġagħkom lura lejn il-post li tturufnajtkom minnu.'?"

*Qari minn* Kontra l-Ereżiji *ta' San Irinew ta' Lyon*
Alla u l-opri tiegħu kollha huma glorja għall-bniedem; il-bniedem huwa l-ġabra li fih jinġabru l-għerf u l-qawwa ta' Alla. Jekk il-bniedem jilqa' mingħajr suppervja l-glorja awtentika li tasal minn dak li hu maħluq u minn dak li ħalaq kollox jiġifieri Alla li jista' kollox u jekk jibqa' fl-imħabba tiegħu, jirċievi glorja akbar sakemm jasal biex jixbah lil dak li salvah billi miet għalih. Il-Verb ta' Alla jibni l-għamara tiegħu fost il-bnedmin u jsir bniedem biex jifhem lill-bniedem u biex il-bniedem jifhem lil Alla. Dan jagħmlu frott ir-rieda tal-Missier (3,20,2-3).

TALBA SALMIKA
O Sultan tal-ġnus, mixtieq mill-popli kollha,
*Agħti lill-ġnus kollha l-paċi u tqassim ġust tal-ġid.*

O Sultan tal-ġnus, li inti l-ġebla tax-xewka,
*Qawwina bil-ġid tiegħek fis-sitwazzjonijiet ta' ħajjitna.*

O Sultan tal-ġnus, li waqqajt il-ħajt li jifred il-Lhud mill-pagani,
*Għinna nfittxu l-imħabba reċiproka u l-kollaborazzjoni bejn il-popli.*

O Sultan tal-ġnus, li ħlaqt il-bniedem minn trab il-art,
*Ġeddidna fix-xbieha tiegħek ħalli ngħixu l-għaqda sħiħa li ridt tibni ma' Adam.*

O Sultan tal-ġnus, li ridt tiġbor il-ġnus kollha f'għaqda waħda,
*Għinna ħalli nwasslu l-Kelma tal-veritá bil-karità u l-imħabba.*

ANTIFONA O
*O Sultan tal-Ġnus, mistenni mill-popli kollha, ġebla tax-xewka li tgħaqqad il-popli kollha f'wieħed, ejja u salva l-bniedem li int ħlaqt mit-trab tal-art.*

MANJIFIKAT

TALBA TA' SUPPLIKA
Ġesù Kristu huwa sultan tal-ġnus imma huwa sultan tas-salib.
F'dawn il-jiem ta' ferħ induru lejh fit-talb u nitolbuh imexxina bil-qawwa u l-ħlewwa waqt li ngħidulu:
*Saltan fuqna Mulej.*

Għal dawk kollha li fil-Knisja għandhom l-ħimda ta' ragħajja sabiex iwettqu l-ħidma tagħhom billi jżommu lilek bħala mudell u punt ta' riferiment. Nitolbu.

Inti li inti l-mixtieq tal-ġnus, sostni l-missjunarji fit-tħabbira tal-Kelma tiegħek u agħmel li l-popli kollha jagħrfuk bħala sultan tal-ġustizzja u s-sliem. Nitolbu.

Għall-awtoritajiet ċivili tal-ġnus sabiex iwettqu l-ħidma tagħhom mhux bħala privileġġ imma bħala servizz għall-ġid tal-popli. Nitolbu.

Għalina hawnhekk miġbura fl-istennija tal-Milied sabiex dan iż-żmien ikun għalina wieħed ta' talb u riflessjoni aktar fidila għas-sejħa tagħna ta' wlied Alla. Nitolbu.

TALBA TAL-GĦELUQ

Alla Missier li tista' kollox li ridt li Ibnek ikun sultan tal-ġnus u tal-qlub kollha, agħmel li nisimgħu dejjem il-Kelma tiegħek u eħlisna minn kull deni ħalli nikbru fl-għaqda tal-imħabba tiegħek. Bi Kristu Sidna. Ammen.

## 23 ta' Diċembru
## O EMMANUEL (Alla magħna)

Il-profeta Iżaija jikteb: 'Ix-xebba titqal u jkollha iben u ssemmih Emman-el, Alla magħna' (Iż 7: 14). Imbagħad hu jkun 'il-leġislatur tagħna...il-Mulej is-sultan tagħna' (33: 22). Il-Vulgata tgħid hekk: 'Fih il-ġnus jittamaw' (Ġen 49: 10). Il-kliem tal-antifona huma issa espliċiti u s-sejħa finali tiġbor lil dawk ta' qabilha: Ejja eħlisna Mulej.

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

*Ejja ħa teħlisna Mulej*
Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
Intom muntanji u għoljiet għajtu bil-ferħ.
Ġej il-Mulej biex ifarraġ il-poplu tiegħu,
Hu għandu kompassjoni u pjetà għall-foqra tiegħu.
*Ejja ħa teħlisna Mulej*

Qattru, smewwiet, mill-għoli, u ħalli s-sħab iraxxax il-ġustizzja, ħa tinferaq l-art u tinbet is-salvazzjoni ;
Tinfetaħ l-art u tinbet is-salvazzjoni,
U tinbet magħha l-ġustizzja,
Jitkattar is-sliem fuq l-art.
*Ejja ħa teħlisna Mulej*

Ejja ħa ssalvana Mulej, Alla tal-ħolqien kollu,
Urina wiċċek u nkunu salvi.
Urina Mulej, il-ħniena tiegħek
U agħtina s-salvazzjoni.
*Ejja ħa teħlisna Mulej*

Ejja Mulej ħa żżurna fis-sliem,
Quddiemek nifirħu b'qalb sinċiera.
Ejja Mulej la tiddawwarx,
Eħles il-poplu tiegħek minn dnubiethom.
*Ejja ħa teħlisna Mulej*

Jibżgħu l-ġnus minn ismek Mulej,
Jaraw il-glorja tiegħek is-slaten kollha tal-art.
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa' għal dejjem.
Ammen.

*Qari mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija*
Il-Mulej issokta jkellem lil Aħaż u jgħidlu: "Itlob sinjal għalik mingħand il-Mulej, Alla tiegħek, f'qiegħ l-art jew fl-għoli tas-smewwiet". U Aħaż wieġeb: "Ma nitlobx: ma rridx nittanta lill-Mulej". U l-profeta wieġeb: "Isimgħu, mela, dar David: mhux biżżejjed għalikom li tkiddu lill-bnedmin, biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi? Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess: Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el'

*Mill-*Kummentarju fuq l-Evanġelju ta' Mark *ta' San Ġwann Grisożtmu*

Huwa tassew għemil tal-għaġeb li Alla hekk inkomprensibbli fil-kobor tiegħu u ugwali mal-Missier tiegħu, jiġi hawn fostna permezz tal-ġuf ta' verġni, jitbaxxa daqshekk u jitwieled minn mara; huwa straordinarju u tal-għaġeb li hu ried li jkollu lil David u lil Abraham bħala antennati tiegħu. Meta tisimgħu bi ħwejjeġ bħal dawn, għollu l-ispirtu tagħkom, għax dawn huma argumenti tassew nobbli. Għaldaqstant kattru l-ammirazzjoni tagħkom kif tilmħu lill-Iben tal-etern Alla, l-Iben veru tal-Missier, jaċċetta li jissejjaħ iben ta' David u ma jirrifjutax li jkollu wkoll missier hawnhekk fuq l-art għaliex intom li kontu lsiera, issa għandkom lil Alla b'missierkom (2: 1-2).

TALBA SALMIKA
O Emmanuel, li wettaqt il-profeziji kollha tal-profeti,
*Saħħaħ fina l-fidi fit-twettiq tal-Kelma t'Alla.*

O Emmanuel, imwiegħed lill-poplu ta' Iżrael fil-mument tal-prova,
*Isaħħaħ fina t-tama fl-għajnuna li tiġina mill-Missier.*

O Emmanuel, sinjal ta' salvazzjoni mill-gwerer u l-mewt,
*Għallimna nħobbu u ngħinu lil xulxin.*

O Emmanuel, sultan tal-ġustizzja u s-sliem,
*Xerred is-saltna tiegħek sa truf l-art.*

O Emmanuel, li wegħedt li tibqa' magħna sal-aħħar taż-żmien,
*Mexxi u sostni l-passi tagħna fit-triq li twassal għand il-Missier.*

ANTIFONA O
*O Emmanuel, sultan u leġislatur tagħna,*
*Tama u salvazzjoni tal-ġnus:*
*Ejja ħa ssalvana, Mulej Alla tagħna.*

MANJIFIKAT

TALB TA' SUPPLIKA
Alla Missierna wiegħed lill-poplu tiegħu permezz ta' Iżaija li l-Emmanuel ikun sultan ġust u sinjal tal-preżenza t'Alla fost il-poplu tiegħu. Issa li l-miġja tiegħu qed tinsab hekk fil-qrib, nitolbu lill-Mulej Ġesù li jkun llum ukoll Alla magħna waqt li ngħidulu:
*Ibqa' magħna Mulej.*

Għall-Knisja, sabiex kuljum tkun sinjal u xhieda tal-preżenza tiegħek fostna waqt li tagħtina l-ħajja. Nitolbu.

Għaż-żgħażagħ, li qed jirriflettu fuq is-sejħa tagħhom. Għinhom sabiex bis-serenità kollha jimxu l-mixja tad-dixxerniment u jqiegħdu lilhom infushom għas-servizz tal-proxxmu. Nitolbu.

Għall-Insara kollha sabiex il-festi tal-Milied li ġejjin ikunu mezz għalihom sabiex jikbru fil-fidi u fl-imħabba tagħhom lejn il-Mulej. Nitolbu.

Għall-komunità tagħna. Il-mixja tal-Avvent li mxejna flimkien ħa tkun għalina ta' għarfien ħalli niffurmaw ma' xulxin Knisja waħda, sinjal tal-imħabba tiegħek lejn il-bnedmin kollha. Nitolbu.

TALBA TAL-GĦELUQ

Mulej Ġesù Kristu, li ridt titwieled mill-ġuf tal-Verġni Marija sabiex tkun Alla magħna, qrib il-bnedmin ta' kull żmien, agħtina qalb sinċiera u disponibbli, lesta sabiex b'qalb sinċiera u disponibbli tkun lesta dejjem li tilqgħek u tlestilek postha fil-ħajja tagħna. Inti li int Alla u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

24 ta' Diċembru
META TITLA' X-XEMX

INTRODUZZJONI
L-antifoni 'O' tawna ritratt sħiħ ta' Ġesù, skont kif insibuh fil-profeziji tat-Testment il-Qadim. Issa fadal biss li nistennew ix-Xemx li dalwaqt iżżernaq ħalli naraw wiċċ is-Sultan tas-slaten. Huwa t-twettiq tal-istennija kollha tal-umanità, it-tama fis-sliem, il-ħelsien mill-jasal tad-dnub, il-fidwa mill-mewt.

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

INNU
*Ejja Mulej Ġesù.*

Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
Intom muntanji u għoljiet għajtu bil-ferħ.
Ġej il-Mulej biex ifarraġ il-poplu tiegħu,
Hu għandu kompassjoni u pjetà għall-foqra tiegħu.
*Ejja Mulej Ġesù.*

Qattru, smewwiet, mill-għoli, u ħalli s-sħab iraxxax il-ġustizzja, ħa tinferaq l-art u tinbet is-salvazzjoni ;
Tinfetaħ l-art u tinbet is-salvazzjoni,
U tinbet magħha l-ġustizzja,
Jitkattar is-sliem fuq l-art.
*Ejja Mulej Ġesù.*

Ejja ħa ssalvana Mulej, Alla tal-ħolqien kollu,
Urina wiċċek u nkunu salvi.
Urina Mulej, il-ħniena tiegħek
U agħtina s-salvazzjoni.
*Ejja Mulej Ġesù.*

Ejja Mulej ħa żżurna fis-sliem,
Quddiemek nifirħu b'qalb sinċiera.
Ejja Mulej la tiddawwarx,
Eħles il-poplu tiegħek minn dnubiethom.
*Ejja Mulej Ġesù.*

Jibżgħu l-ġnus minn ismek Mulej,
Jaraw il-glorja tiegħek is-slaten kollha tal-art.
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa' għal dejjem.
Ammen.

*Qari mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija*
Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir; in-nies li joqogħdu f'art id-dlam dawl idda fuqhom. Int kattart il-ġens, kabbart l-hena; huma ferħu quddiemek, bħalma jifirħu fi żmien il-ħsad, bħalma jifirħu fi qsim il-priża. Għax tweldilna tifel, ingħatalna iben; is-setgħa tkun fuq spallejh, u jsemmuh: "Kunsillier ta l-għaġeb, Alla setgħan, Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem". Kbira tkun setegħtu, u

s-sliem bla qjies fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu. Hu jwettaqha u jsaħħaħha bil-ħaqq u s-sewwa, minn issa u għal dejjem. Il-ħeġġa tal-Mulej ta l-eżerċti tagħmel dan.

*Qari mid*-Diskors fuq il-Milied ta' *San Girgor il-Kbir*
Is-Salvatur tagħna twieled illum: nifirħu mela. M'hemmx aktar wisa' għan-niket f'dan il-jum li fih twieldet il-ħajja, ħajja li teqred il-mewt u tagħti l-ferħ tal-wegħdiet eterni. Ħadd ma mħolli barra minn dan il-ferħ: ħadd mhu barrani għalih għaliex il-kawża tal-ferħ hija komuni għal kulħadd għax is-Salvatur tagħna, rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub, ġie biex jeħles lil kulħadd. Jifraħ il-qaddis li jersaq għall-premju; jithenna l-midneb għax tingħatalu l-maħfra; jikseb il-kuraġġ il-pagan għaliex huwa msejjaħ għall-ħajja. Jifirħu l-anġli tas-sema fl-għoli tal-glorja tagħhom u jogħlew 'il fuq il-bnedmin mill-miżerja tagħhom (1-3).

TALBA SALMIKA
O Xemx li togħla 'l fuq sabiex iżżur il-poplu tiegħek,
*Ejja ħa ssalva lil min jinsab fid-dlam u d-dell tal-mewt.*

O Sultan tas-slaten, li tgħix u ssaltan għal dejjem,
*Agħmel li aħna lkoll ngħixu bis-smigħ tal-Kelma tal-ħajja.*

O Għarus, li toħroġ mill-kamra tiegħek ta' ġewwa,
*Ejja u żur lill-Knisja għarusa tiegħek u agħtina l-ferħ tal-imħabba tiegħek.*

Int li ġejt mibgħut mill-Missier,
*Ejja ħa ssalvana sabiex nifhmu l-misteru profond tal-imħabba tiegħek.*

Inti li wegħedt li tibqa' għal dejjem magħna,
*Agħtina li nifirħu għal dejjem bil-ħbiberija tiegħek.*

ANTIFONA
Meta titla' x-xemx, taraw lil Sultan is-slaten, bħal għarus imħejji, ġej mingħand il-Missier.

MANJIFIKAT

TALB TA' SUPPLIKA
Għeżież ħuti, l-istennija tagħna issa twettqet: Marija qed tagħti d-dawl lil binha Ġesù, bin Alla mibgħut mill-Missier għas-salvazzjoni tagħna. Nersqu lejk bil-fiduċja ċerti li Hu li tana lil Ibnu mhux se jċaħħadna minn ħtiġijietna, waqt li ngħidu:
*Bierek il-poplu tiegħek Mulej.*

Għall-Knisja, sabiex fuq l-eżempju ta' Ġesù, l-għarus tagħha, tinkarna lilha nfisha u lil Ġesù fil-ħtiġijiet tal-ħajja ta' kuljum tal-bnedmin. Nitolbu.

Għall-popli li jinsabu fil-gwerra, fil-faqar tal-miżerja u fl-isfruttament tal-inġustizzja, sabiex il-miġja ta' Ġesù tkun għalihom motiv ta' ferħ u tama. Nitolbu.

Għall-familji, sabiex bl-interċessjoni tal-Verġni Marija jikbru fl-imħabba u fl-impenn ħalli jirbħu fuq il-kunflitti u l-firdiet ta' bejniethom. Nitolbu.

Għalina hawnhekk magħqudin flimkien. Fi tmiem din il-mixja spiritwali nroddulek ħajr talli tajna lil Ibnek Ġesù u nitolbuk tgħinna ngħixu ħajjitna fil-ferħ u fir-radd il-ħajr ta' dan id-don hekk kbir ta' mħabbtek. Nitolbu.

TALBA TAL-GĦELUQ

Fil-ferħ ta' twelidek mill-Verġni Mbierka, inroddulek ħajr Mulej għad-doni tat-tjieba tiegħek u nitolbu ieqaf magħna dejjem bl-imħabba ta' Ibnek li ġej minħabba fina ħalli naraw dejjem wiċċu f'wiċċ ħutna l-imsejkna u l-foqra. Inti li Int Alla u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

# 10. INTERVISTI ma' ĠESÙ ADULT dwar IL-MILIED

Dun Pawl Camilleri

## (1) INTERVISTA

A: Grazzi, Mulej Ġesù, talli lqajt it-talba li nagħmlulek dawn l- intervisti u skużana li sa noqogħdu ndejquk bid-domandi tagħna. Imma lil min tridna nistaqsu, jekk mhux lilek, fuq il-Milied?

B: Le, ta, ħabib, m'intomx sa ddejquni. Ma tafx li fil-Vanġelu ssib li staqsewni għexieren ta' domandi, anke tqal ħafna? U jien, lil kull min staqsieni bis-sinċerità, weġibtu b'imħabba. Jien iktar qed idejjaqni s-skiet reliġjuż ta' ħafna, f'ċerti pajjiżi. Jidher li tant tilfu l-interess fija u fit-tagħlim tiegħi, li m'għadhom jistaqsu xejn. Jistaqsu lill-professjonisti kollha, imma mhux lili, jew dwari. Jinjorawni għal kollox. Intom tagħmlux hekk. Staqsuni b'rieda tajba, u isimgħuni b'attenzjoni u b'sinċerità. Tagħmlux bħal Pilatu, li staqsieni domanda serja u ma semax ir-risposta. Tagħmlux bħaż-żagħżugħ għani, li staqsieni b'sinċerità, imma telaq imdejjaq, għax m'għoġbitux ir-risposta tiegħi. Agħmlu bħal Ommi Marija, li għamlet domanda bis-sens, stenniet ir-risposta, xtarritha, u aċċettatha, anke jekk swietha l-esperjenza tal-Kalvarju.

A: Domanda oħra, jekk ma jimpurtax. Kultant narah kważi ħela ta' ħin iż-żmien li għamilt tarbija: Alla tant għaref li ma tistax tiftaħ ħalqek. Ma jidhirlekx li dak kien żmien moħli?

B: Anke hawn se jkolli mmerik, ħabib. Qed tieħu żball kbir u kruċjali. Anke bejniethom, il-bnedmin iwasslu messaġġi bla kliem. Is-skiet mhux inutli. Il-Missier, bil-ħolqien tiegħu, lill-bnedmin wasslilhom messaġġi kbar. Ix-xemx ma titkellimx. Imma hija prova ta' kuljum tal-għerf u tal-imħabba tal-Missier għall-bniedem. Bit-Tnissil u t-Twelid tiegħi bdiet l-Inkarnazzjoni.... fis-skiet. Imma dawk kienu messaġġi jagħjtu bis-skiet tagħhom. Kixfu l-Imħabba tal-Missier għalikom il-bnedmin. Taw prova ta' kemm hu ikrah u serju d-dnub. Urewkom kemm tiswa r-ruħ tal-bniedem, biex stħoqqilha li nagħmel dan il-pass. U dan kollu bla ma għedt kelma! Jidhirlek li kien ħela ta' żmien? X'ħasra li ħafna jħarsu lejn il-Milied bħala Festa ħelwa, imma bla messaġġi. Irrifletti ferm iżjed.

A: Mulej Ġesù, grazzi tad-dawl kbir li tajtna, bir-risposti għaqlin tiegħek. Għinna nkunu umli, u nistaqsuk, u nagħtuk il-ħin tweġibna. Għallimna ninterpretaw tajjeb il-ħafna skiet għaref tal-ewwel passi tal-Inkarnazzjoni. Ammen.

## (2) INTERVISTA

A: Grazzi Ġesù, tal-ħin li qed tagħtina. Il-Vanġelu jgħidilna li meta rsaqt lejn Ġwanni l-Battista f'ġuf ommu, u int f'ġuf Ommok, qabeż bil-ferħ. X'messaġġ jagħtina dan id-dettall?

B: Dak ma kien dettall xejn. Kien messaġġ importantissimu. Ftit li xejn ġie emfasizzat li, anke f'dil-ħaġa, Ġwanni l-Battista kien Prekursur tiegħi. Ġwanni beda jemfasizzah b'dal-ġest tiegħu. U mhux ta' b'xejn l-Anġlu, lir-Ragħajja, qalilhom li jien sa nkun ferħ għall-poplu kollu. Jien wegħedthom ferħ li "ħadd ma joħodulhom" (Ġw 16, 22). B'dal-ġest ta' Ġwanni, li qabeż bil-ferħ fi ħdan ommu Eliżabetta, għandkom tikkonkludu li l-iċken kuntatt miegħi inissel l-hena. Kemm hu msejken il-bniedem li, anke fi żmien il-Milied, ifittex il-ferħ bogħod minni! Irsistu, speċjalment f'dawn il-ġranet, biex tersqu ferm iżjed lejja mis-soltu, u biex tressqu ħafna aktar lejja wkoll. Dan ma jkunx biss ġest reliġjuż, imma jgħin biex ikun hawn ferm iżjed ferħ fost il-bnedmin, fis-soċjetà.

A: Missier Ġwanni, Mulej, Żakkarija, meta fetaħ fommu wara li nħafirlu l-kastig, sejjaħ il-Miġja tiegħek fid-dinja bħala "ż-żjara tax-xemx tielgħa". Kemm kien profetiku dan il-kliem?

B: Did-domanda għandha x'taqsam mal-ewwel domanda tiegħek tal-lejla. Id-dawl u l-ferħ imorru flimkien. Id-dlam iġib biża', inċertezzi, suspetti, firda. Id-dawl il-kuntrarju: iġib ċertezzi, kuraġġ, sens ta' għaqda u ferħ individwali u komunitarju. Jien ix-Xemx tad-dinja. Jien id-Dawl tad-dinja. Jien nagħti ċ-ċertezzi u l-ferħ. Fid-dawl tat-tagħlim u tal-eżempji tiegħi, is-soċjetà tagħkom tista' ssib ħafna wens u stabilità. Jien mhux biss tajt id-dawl lill-għomja individwalment, imma nagħti viżjoni sabiħa u pożittiva lill-bnedmin bħala komunità. Ħafna jaħsbu li jien neqred il-ferħ: X'esperjenza differenti għandu min jgħix fid-dawl tiegħi! Kunu intom li twasslu d-dawl tiegħi fl-ambjenti kollha tal-ħajja. Mogħtijin l-enerġija minni, intom ukoll id-dawl tad-dinja. Titilfuhx dad-dawl tant utli.

A: Mulej Ġesù, int il-ferħ u d-dawl tagħna. Imliena b'ferħek u iksina b'dawlek, ħalli mhux biss ingawdu aħna minn dawn id-doni tiegħek, imma nkunu strument biex jaslu għand oħrajn ukoll. Id-dinja għandha bżonnok, Ġesù. Tħalliniex inżommuk għalina biss. Ammen.

## (3) INTERVISTA



A: L-Anġli, Mulej Ġesù, fit-Twelid tiegħek kellhom sehem importanti sa mit-Tħabbir tiegħek lil Ommok Marija. Ridt tgħidilna xi ħaġa speċjali b'dan is-sehem kbir tagħhom?

B: Speċjali ngħid! Tinsewx li l-Inkarnazzjoni tiegħi seħħet minħabba l-għażliet żbaljati ta' Adam u Eva, imxewxa minn Satana, il-kap tal-Anġli ribelli. Ma ridux iservu lil Alla. Għamlu għażla radikali kontra Alla, u rnexxielhom ikaxkru lill-bniedem, li warrab id-direttivi tas-sema biex għamel fattih. U ġab, u għadu jġib, diżastru. Gabriel, u anġli oħra li ħadu sehem attiv u importanti fil-bidu tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni tiegħi, kienu Anġli li għamlu l-għażla t'Alla, u li baqgħu fidili għall-pjanijiet tiegħu. Allura s-sehem tagħhom hu messaġġ ħaj għalikom: biex tkunu dejjem man-naħa tas-sewwa, man-naħa t'Alla, kontra l-ħażen, kontra d-dnub, kontra s-suppervja. Min jagħżel lil Alla hu dejjem rebbieħ, u jġorr miegħu ferħ, paċi, trankwillità u ordni. Min jagħżel lil Alla ma jiddispjaċih qatt.

A: Kieku dal-Milied kellek tibgħatna fid-dinja bħala Anġli tiegħek b'messaġġ mingħandek, x'messaġġ kont tkun tridna nwasslu? X'tixtieq li jirriflettu fuqu l-bnedmin tal-lum?

B: Iċ-ċirkustanzi jinbidlu ħafna matul iż-żmien. Imma s-sustanza ma tinbidilx. Irridkom terġgħu xxerrdu l-messaġġ ta' "Paċi fl-art". Naħseb taqblu miegħi li sirtu taqtgħu nifiskom tisimgħu, taqraw u taraw l-Aħbarijiet. Mhux m'hawnx tajjeb u sabiħ fid-dinja. Imma l-ħażen u d-dwejjaq saru jgħajtu wisq. Hawn nuqqas kbir ta' paċi fil-qlub personali, fl-ambjenti familjari u f'ħafna oqsma tas-soċjetà. Hawn xewqa kbira għall-Paċi. Imma ftit jafu li meta jixtiequ l-Paċi jkunu qed jixtiequ lili. Kif feġġejt fid-dinja, tħabbret il-"Paċi fl-art". Qabel tlajt mill-ġdid għand Missieri, lil ħbiebi tajthom il-paċi għal tliet darbiet. Ir-riċetti tal-Paċi jinsabu biss fit-tagħlim u fl-eżempji tiegħi. Kunu intom li b'ħajjitkom, iktar milli bi kliemkom, tikkonvinċu lid-dinja tersaq lejja, u ssib is-serħan u l-fejqan.

A: Mela agħmilna Anġli tiegħek, Mulej Ġesù, mhux biss fil-Milied, imma s-sena kollha, biex nikkonvinċu lid-dinja tagħmel l-għażla tiegħek, l-għażla tat-tajjeb. Tħalliniex naqtgħu qalbna mill-ħażen, imma għinna nirbħuh b'fidi kbira fik. Ammen.

## (4) INTERVISTA

A: Mulej Ġesù, żgur li ma sar xejn b'kumbinazzjoni fit-Twelid tiegħek. Missierek ried li Inti titwieled fir-raħal żgħir ta' Betlem. X'kien hemm wara din l-għażla kreattiva?

B: Fil-Bibbja ssibuha ħafna drabi li t-triqat t'Alla mhumiex bħat-triqat tagħkom il-bnedmin. Forsi intom kontu tagħżlu li nitwieled f'Ġerusalemm jew Ruma jew Atene. Betlem, li ma tissemmiex wisq fl-Antik Testment, kienet il-lokalità umli li fiha twieled, għex, ħadem ta' ragħaj, ġie magħżul u midluk sultan, il-qaddej tal-Mulej, David. Minn Betlem telaq biex iġġieled mal-ġgant Gulija, u rebaħlu. Din kienet xbieha tar-rebħa ferm ikbar li kelli nagħmel jien fuq ix-xitan, l-għadu antik t'Alla u tal-bnedmin. Qabel ġejt jien fid-dinja, tant kellu saħħa u arja, li fid-deżert kellu ħila jgħidli: "dawn is-saltniet kollha tad-dinja nagħtihomlok jekk tinxteħet tadurani" (Mt 3, 8-9). Imma jien tajtu d-daqqa tal-mewt. Bħal David, ir-ragħaj umli mir-raħal insinjifikanti ta' Betlem, jien għelibt lill-għadu li kien jaħseb li ma jista' jintrebaħ minn ħadd.

A: Meta l-Anġlu deher lir-rgħajja, dawn kienu qegħdin jgħassu l-merħliet tagħhom bil-lejl. Jiġifieri li Inti aktarx twelidt bil-lejl ukoll. Għaliex ġie magħżul il-lejl?

B: Nieħu gost narak tistenna tifsira għal kull dettall. Fil-fatt anke din tal-lejl kellha tifsira. Immaġina kieku dal-lejl, proprju f'nofsillejl, f'daqqa waħda tidher tisreġ ix-xemx. Żgur li jitqies bħala fenomenu mirakoluż. Hekk kien it-Twelid tiegħi li, kif għedna jumejn ilu, Zakkarija sejjaħlu "iż-Żjara tax-Xemx tielgħa". U l-ħabib tiegħi Ġwanni l-Evanġelista, fil-bidu tal-Vanġelu tiegħu, iddeskriva Twelidi b'dawn il-kelmiet: "id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux" (Ġw 1,5). U lili sejjaħli "id-dawl veru li jdawwal kull bniedem, huwa u ġej fid-dinja" (Ġw 1,9). Din kienet u għadha l-missjoni tiegħi: li nkun id-dawl tad-dinja. Qisu li fil-lotta bejn id-dawl u d-dlam fid-dinja, tagħżlu dejjem in-naħa tad-dawl. Inkella d-dinja tibqa' f'lejl etern, u tkunu qed taħlu l-Inkarnazzjoni. Mhux għalija, imma għalikom.

A: Mulej Ġesù, għallimna ngħinu lid-dinja tegħleb id-dlam li jdawwarha u jheddidha. Agħmilna appostli konvinti u konvinċenti tal-Aħbar it-Tajba li hi Int. Erġa' xerred fuq id-dinja d-dawl qawwi tiegħek, biex jikbru fostna l-għaqda u l-ftehim fost kulħadd. Ammen.

## (5) INTERVISTA

A: Mulej Ġesù, meta riedu jbaxxuk u kważi jirredikolawk, qalu fuqek: "dan mhux bin il-mastrudaxxa?" Int kif tħares lejn il-persunaġġ umli u kwiet li kien Ġużeppi, li kien jieħu ħsiebek?

B: Jekk trid tiskopri ftit il-valur kbir ta' Ġużeppi, agħmel paragun bejn l-imġiba tiegħu fil-bidu tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni u l-imġiba ta' Adam fil-bidu tal-ħolqien tal-bniedem. Adam kisser kollox għax għamel ta' rasu. Ġużeppi, bil-moħbi imma b'determinazzjoni, għen il-proċess tal-Fidwa, billi obda lil Missier tas-sema, immedjatament u f'kollox. Jekk trid predeċessur kbir ta' Ġużeppi, ħares lejn Noe', fl-ewwel paġni tal-Bibbja, li bena l-Arka bl-ikbar fedeltà għall-istruzzjonijiet dettaljati li tah il-Missier, avolja spiċċa ridikolat minn ta' madwaru. Imma bl-Arka kien qed jibni strument ta' salvazzjoni mill-qerda. Dak kien il-valur kbir ta' Ġużeppi. Mingħajr ma deher jew inħass protagonista, kien qed jibnili l-qafas biex jien naħdem ir-Redenzjoni tal-poplu, mhedded mid-dulluvju tad-dnub u tal-ħażen. Apprezzawh ħafna iktar.

A: Mulej Ġesù, lil Ommok Marija l-Anġlu sejħilha "mimlija bil-grazzja". Eliżabetta sejħitilha "imbierka fost in-nisa". Mara oħra qalet lilek: "imbierek il-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt". Int kif tħares lejha?

B: Jimmeraviljak il-fatt kif Ommi daħlet fl-ingranaġġ tal-pjan tal-Missier Etern. Il-Missier, skont il-ħabib tiegħi Pawlu, tant ħabb lid-dinja, li lanqas iffrankaha lili, imma offrieni għas-salvazzjoni tad-dinja. Marija, bħall-Missier, għamlet din l-offerta ġeneruża għal darba darbtejn. L-ewwel darba meta ppreżentatni fit-Tempju. Dakinhar, għax fqira, ma offrietx ħaruf, imma par gamiem. Però, fil-fatt, kienet qed toffri lili, bħala l-Ħaruf li xerred demmu għall-fidwa tagħkom il-bnedmin. U t-tieni fit-Tieġ ta' Kana. Avolja għedtilha li miraklu kien sa jqarribli s-siegħa tiegħi tal-Passjoni u l-mewt, hi xorta waħda qaltli nibqa' sejjer bil-miraklu – għall-ġid tagħkom il-bnedmin. Bħal Ġużeppi, dik ta' Marija kienet fedeltà assoluta għall-pjan tal-Missier, ubbidjenza li kienet ispirata mill-idea kbira li kellha ta' Alla – is-Setgħani. Ixbħuhom lill-ġenituri tiegħi. Ma ssibux bħalhom.

A: Mulej Ġesù, tħallix li jkollna lejn il-Ġenituri tiegħek sempliċiment devozzjoni sentimentali ta' xi talb ripetut regolarment. Imma għinna ħa nikbru fir-rabta tagħna mal-pjanijiet tal-Missier, għalina personalment u għalina bħala komunità reliġjuża u soċjali. Ammen.

## (6) INTERVISTA

A: Mulej Ġesù, kien hemm ħafna elementi misterjużi u simboliċi fit-Twelid tiegħek: per eżempju l-Maxtura. Għaliex kellek titqiegħed proprju f'Maxtura, appena twelidt? X'tifsira tagħtiha?

B: Ommi kellha tkun l-ewwel Tabernaklu, u ħaj, li laqa' fih il-Preżenza sħiħa tiegħi: ġisem, demm, ruħ u divinità. Imma l-Maxtura kellha tkun l-ewwel altar li laqa' fuqu l-Ġisem tiegħi. U dan b'simboliżmu kbir. Il-maxtura kienet reċipjent umli, li fih jitqiegħed l-ikel tal-annimali. Imma s-simboliżmu ta' dan hu għani ħafna. Jien mill-ewwel ġejt ippreżentat lid-dinja bħala ikel. Fuq dan tkellimt ħafna mal-Lhud, kif ġejt rappurtat fil-Kapitlu 6 tal-Vanġelu miktub mill-ħabib tiegħi Ġwanni, fejn għedt dawn il-kelmiet: "Jien il-ħobż tal-ħajja – min jiġi għandi ma jieħdu qatt il-ġuħ.... Jien hu l-ħobż li niżel mis-sema ..... Il-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi, li jingħata għall-ħajja tad-dinja." (Ġw 6, 35-51). Iva l-Maxtura kellha sens kbir. Araw li ma tittraskurawx li tieklu minn dan il-Ħobż, bis-smigħ tal-Kelma tiegħi u bit-Tqarbin fil-Quddies.

A: Mulej Ġesù, il-Vanġelu jgħid li ma kienx hemm post għalikom fil-lukanda. Tweġġgħek dil-ħaġa, li mill-ewwel ma ġejtx milqugħ sew fid-dinja tagħna l-bnedmin?

B: Hemm inkwiet ferm ikbar minn dan, però. Tal-lukanda ma kienx jaf lil min kien qed jirrifjuta, għalkemm lil ommi f'dak l-istat li kienet seta' sabilha rokna. L-agħar dak li qal Ġwanni meta fil-bidu tal-Vanġelu tiegħu irrifletta fuq dil-verità, u qal: "id-dinja ma għarfitux. Ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx" (Ġw 1, 10-11). Dak il-lukandier kien il-prekursur ta' ħafna nies li la laqgħu lili u lanqas il-Messaġġ u l-aħbar it-Tajba tiegħi. Anke meta qajjimt lil Lazzru, uħud, flok emmnu, bħalma għamlu ħafna, iddeċidew li joqtlu mhux biss lili, imma anke lil Lazzru. Hemm bżonn li anke intom tieħdu deċiżjoni serja u radikali, li taċċettawni bla kompromessi. Tiċpisa reliġjuża mhix biżżejjed. Titkażax b'min ma laqax lili, jekk jien m'għandix spazju veru f'qalbek. Tħallux dal-Milied jgħaddi bla ma tersaq ħafna iktar qribi, u twassal oħrajn ukoll miegħek.

A: Mulej Ġesù, għinna noħduk bis-serjetà, mhux biss bi skorċa superfiċjali ta' reliġjożità. Agħmilna nies li nħobbu r-riflessjoni regolari fuq il-Kelma tiegħek, u nies tas-sehem fl-Ewkaristija, possibilment kuljum, anke biex tingħata ħajja lid-dinja. Ammen.

## (7) INTERVISTA



A: Kulħadd xortih, Mulej. L-ewwel nies li kellhom jiskopruk kienu ftit ragħajja sempliċi, nies mhux magħrufa. Kien hemm xi raġuni speċjali għal din l-għażla xxurtjata?

B: Meta kbirt, biex tifhmuni intom, u tiskopruni aħjar, jien ġibt ħafna tixbihat: dielja, triq, bidwi u l-bqija. Imma tixbiha li nsistejt ħafna fuqha kienet dik tar-Ragħaj, b'insistenza dwar ir-relazzjoni ta' intimità li ridt li jkollkom miegħi intom, in-nagħaġ tiegħi. Bħala r-Ragħaj it-Tajjeb, jien tajt ħajti għalikom. Jekk tintilfuli nfittixkom. Jekk tweġġgħuli ndewwikom. Jekk tgħejjew nerfagħkom fuq spallejja. U ridt li Pietru wkoll, u kull min imexxi fil-Knisja, jirgħa n-nagħaġ tiegħi, ikun ir-Ragħaj tagħkom. Dak li riedu jfissru r-ragħajja fi Twelidi. Titbiegħdu qatt minni. Jekk tintilfu, ħalluni nfittixkom u nsibkom. Tibżgħux minni. Jien kont u għadni Ragħaj tal-fatti, mhux tal-paroli biss. Ejjew għandi intom li tinsabu mħabbtin u mdejqin, u jiena nserraħkom.

A: Mulej Ġesù, il-Vanġelu għandu rakkont imdaqqas fuq il-ġrajja tar-ragħajja li ġew jarawk appena twelidt. Tista' tgħidli x'laqtek fl-imġiba tar-ragħajja f'din l-okkażjoni?

B: Iva, ninnota li l-ħabib tiegħi Luqa, li rrakkonta ħafna fuq Twelidi, lir-ragħajja tahom importanza notevoli. L-iktar kwalità li tolqotni fir-ragħajja, skont dan ir-rakkont, hi l-entużjażmu li bih ġrew biex jaraw lili, u l-entużjażmu li telqu bih minn ħdejja biex jirrakkontaw l-esperjenza tagħhom lill-oħrajn. Eżempju kbir għalikom. Ħafna m'għadhomx jersqu lejja jew, jersqu lejja bla ebda interess u ħeġġa. Kulma hu reliġjuż sar idejjaqkom. Impenn personali ftit li xejn. Oħrajn saru jistħu minni u minn kull ma jmiss miegħi. Inbelgħu mis-sekularizzazzjoni tas-soċjetà. Ħudu l-okkażjoni ta' dan il-Milied biex terġgħu tqajmu ħafna iżjed konvinzjoni u entużjażmu għalija. Lil min jistqarrni quddiem il-bnedmin, jien nistqarru quddiem Missieri, li hu fis-smewwiet. Ma nafx x'jista' jkun hemm li jġegħelkom tistħu minni.

A: Mulej Ġesù, agħmilna nies li nfittxu li nkunu spiss qrib tiegħek, u li nagħtuk il-qima li tixraqlek. Fejjaqna mill-indifferenza tagħna lejn kull mhu reliġjuż u spiritwali, biex mill-viċinanza tagħna miegħek niksbu saħħa, konvinzjoni u ħeġġa. Ammen.

## (8) INTERVISTA



A: Fil-Preżentazzjoni tiegħek fit-Tempju, Xmun sejjaħlek mhux biss "glorja ta' Iżrael", imma fuq kollox "dawl tal-ġnus". X'ried jgħid biha din l-espressjoni tant qawwija?

B: Stramba hux, li daqsxejn ta' tarbija żgħira, fir-raħal moħbi ta' Betlem, jiġi dikjarat bil-quddiem "dawl tal-ġnus". Il-Maġi, fil-bidu ta' ħajti, kienu ġa sinjal ta' dan id-dawl tiegħi fuq il-ġnus. Iċ-ċenturjun Ruman li fuq il-Kalvarju stqarr li jien kont tassew l-Iben t'Alla, ikompli jikkonferma. Imma jien, fil-fatt, ftit li xejn ħriġt mill-Palestina. Dan id-dawl tal-ġnus, matul l-Istorja tad-dinja, ridt li tkunu intom. Għalhekk sejjaħt lilkom ukoll "dawl tad-dinja". Għalhekk qabel tlajt is-sema għedtilhom: "morru fid-dinja kollha". X'qed tagħmel int bid-dawl tal-Vanġelu? Qed taħbih? Qed iżżommu għalik biss? Agħraf li għandek mhux biss privileġġ li xxerred dad-dawl, imma anke responsabbiltà. Qis li tgħix dejjem fid-dawl tiegħi, u xxerrdu ma' kullimkien. Tinsiex li int kont mifhum li tkun musbieħ li jxerred id-dawl.

A: Il-Profetessa Anna, li kienet preżenti għall-Preżentazzjoni, hija eżempju ta' persuna li qdiet 'l Alla għal snin twal ħafna fit-Tempju. Kif għandna ninterpretaw dan l-eżempju?

B: Ħafna nsara, anzi wisq insara, għal żmien twil kienu jaħsbu li lili tista' taqdini biss fit-Tempju. Id-dinja kienu kważi jaħarbu minnha u jistmerruha. Imbagħad bdiet tinħoloq kuxjenza li l-għalqa tiegħi mhix biss fil-Knisja, imma anke fid-dinja. U ġustament, ħafna iżjed insara bdew jiskopru l-vokazzjoni tagħhom ta' lajċi impenjati fl-oqsma u fl-istrutturi tad-dinja. U dan kien ta' ġid kbir għall-Knisja u għad-dinja. Imma tridu tevitaw li issa tmorru estrem ieħor. Ħafna qed ifittxu li jaqduni fid-dinja, imma naqqsu jew qatgħu għal kollox il-kuntatt miegħi fil-knisja, fil-ħajja tat-talb, fil-frekwenza regolari u bis-sens tas-Sagramenti. Ħudu l-eżempju tal-Profetessa Anna, bl-emfasi tagħha ta' appostolat fil-qasam tal-knisja, u kkontribwixxu kemm tistgħu fl-istrutturi tagħha. Dak ikun ta' ġid għas-soċjeta' wkoll.

A: Mulej Ġesù, imliena b'entużjażmu kbir għall-Knisja u għad-dinja. Tħallinix ningħalaq biss bejn il-ħitan tat-Tempju. Imma tħallinix lanqas ninqata' mill-ħajja tat-talb, tas-Sagramenti u tal-Knisja, għax Knisja ħajja hi kontribut mill-ikbar anke għas-soċjeta' ċivili. Ammen.

## (9) INTERVISTA

A: Mulej Ġesù, il-Maġi, mil-Lvant, marru Ġerusalemm jistaqsu fejn twieled is-Sultan tal-Lhud. Il-Qassisin il-kbar kienu jafu sew fejn, imma baqgħu ma ġewx jiskopruk. X'jidhirlek?

B: Nieħu gost li nnutajt dad-dettall u għamiltli din l-osservazzjoni validissima. Kultant imġiba stramba ssibha f'min ma tkunx tistennieha. Fuq dan l-isfond nagħmlilkom appell. L-istudju fuqi hu importantissimu. Tgħallmu kemm tistgħu. Kunu aġġornati. Segwu korsijiet. Aqraw kotba u rivisti serji. Imma tiqfux hemm. Qisu li tfittxu lili u tiskopruni personalment, speċjalment fis-Sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni u tal-Ewkaristija. Inkella r-relazzjoni tagħkom miegħi ma titjieb qatt. Tibqgħu staġnati, bla qatt ma tagħmlu progress. Tissugrawx li ssiru tafu ħafna fuqi, u fuq Twelidi, u fuq ħajti, bla ma ssiru tafu lili. F'dal-ġranet fittxuni iżjed, mhux inqas mis-soltu. Minn relazzjoni intima miegħi tikbru fil-fidi u fil-fedeltà. Bl-istudju biss, bla talb, tibqgħu spiritwalment riġidi u wieqfa. Nistenniekom.

A: Mulej Ġesù, l-istorja tal-Maġi spiċċat billi reġgħu lura lejn djarhom, imma għaddew minn triq differenti milli gew. Taħseb li dad-dettall tal-istorja għandu għalina xi messaġġ partikulari?

B: Issa drajt, hux, tara li hemm raġuni għal kull dettall. U żgur li għandhom messaġġ. Dak li għamlu huma, hemm bżonn li jagħmluh ħafna nsara wkoll. Min jersaq lejja b'sinċerità, ikollu viżjoni ferm iktar ċara tal-ħajja. Spiss fid-dawl tiegħi l-affarijiet jibdew jidhru differenti minn qabel. Bl-għajnuna tiegħi tibdew tifhmu x'jista' jmur aħjar u xi progress jista' jsir. Allura spiss ikollha tinbidel id-direzzjoni, jiġu rranġati l-prijoritajiet, u jittieħdu miżuri differenti. Importanti li tiġu għandi b'ħafna fiduċja, u biċ-ċertezza li jien inħobbkom. Ejjew għandi b'moħħ miftuħ, u b'qalb mikxufa beraħ, ħalli tiddawlu b'għerfi u b'imħabbti, u ma tibqgħux lura milli tibdlu dak li għandu jinbidel. Veru li ġieli niskomodakom, imma għall-ġid tagħkom stess, biex ma taslux fejn f'qiegħ qalbkom ma tkunux tridu taslu.

A: Mulej Ġesù, agħtina l-grazzja li, jekk ikun hemm bżonn, nieħdu l-battikati li ħadu l-Maġi, biex niskopru lilek. Għinna nfittxu u nistaqsu u niskomodaw ruħna kemm hemm bżonn, biex nakkwistaw it-teżor kbir li huwa Inti. Għallimna napprezzawk. Ammen.

Milied 2014

# 11. MIXJA MAL-ĦMAR TAL-PRESEPJU



**Novena tal-Milied 2014**
**Parroċċa Nadur**

*Fil-presepju dejjem jidher il-ħmar. Dis-sena se nagħmlu novena mnebbħin mill-imġieba tal-ħmar li daħal fl-għar ta' Betlem. Forsi San Ġużepp kellu ħmar tiegħu u daħħlu fl-għar dment li qagħad f'Betlem. Forsi l-ħmar kellu isem u żgur li kellu kulur sabiħ. Min jaf Ġesù tarbija kemm ġie li sema' l-ħmar jinħaq. Il-ħmar isebbaħ il-presepju mhux tant bil-ġmiel tal-kulur u tas-sura tiegħu imma bl-imġieba tiegħu li għalkemm ta' annimal tfakkarna kif aħna għandna nidħlu fil-preżenza tal-Bambin Ġesù.*

## 1. L-ewwel Jum : L-UMILTÀ TAL-ĦMAR

Il-ħmar mhux xi annimal nobbli bħall-iljun, il-pagun jew iż-żiemel. Imma l-ħmar ma jixtieqx ikun wieħed minn dawn, lanqas żiemel ma jrid ikun. Huwa kuntent kif inhu. Daħal fl-għar fejn Ġesù u għalhekk ma jagħmilx ħafna storbju biex ma jbeżżax u biex ma jqajjimx lil Ġesù. Anke l-Madonna iggustatu għax ma jqajjimx lil Ġesù bil-ħanqa kbira tiegħu. Il-ħmar qagħad sieket biex Ġesù jkun jista' jorqod. F'kelma waħda l-ħmar huwa umli għax kuntent kif inhu bħala ħmar u jinsa lilu nnifsu biex ma jqajjimx jew ma jbeżżax lil Ġesù.

Hemm annimali li ssemmihom biss, ukoll ġismek jitla' xewk xewk. Min se jissaporti li joqgħod ħdejn iljun? Il-ħmar tal-presepju ma jbeżża' lil ħadd, ma jiftaħarx u l-ferħ tiegħu jsibu f'li jkun ħdejn Ġesù.

**Tagħlim:**
Il-Bibbja ssemmi lis-sultan **David** għal 926 darba. Alla ħares lejn l-umiltà ta' dan iż-żagħżugħ ragħaj u mbagħad għamlu sultan u mill-familja tiegħu twieled Ġesù. **Ġużeppi** r-raġel ta' Marija wkoll kien umli. Fil-vanġeli jidher jagħmel ix-xogħol tiegħu mingħajr ħafna storbju u tpaċpiċ. **Ġesù** wkoll huwa umli. Naqraw fil-Vanġelu li r-ragħajja sabu, "tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura" (Lq 2, 12). Ġesù libes il-ġisem dgħajjef tagħna u ried jaddatta ruħu għad-dgħufija kbira tal-bniedem. Aħna wkoll għandna nkunu umli u filwaqt li niftakru li għandna nkunu ta' servizz għall-oħrajn u ma niftaħrux bina nfusna, ninsew lilna nfusna biex ngħinu lill-proxxmu, ma ninsewx li għandna biex niftaħru għax Alla għamilna wliedu, it-tfal tiegħu.

## 2. It-Tieni Jum: WIDNEJN IL-ĦMAR

Il-ħmar fil-għar ta' Betlem qagħad b'widnejh weqfin u miftuħin beraħ. Kien joqgħod jisma' dak kollu li kienet tgħid Marija u dak li kien jgħid Ġużeppi. Waqt il-ħin tax-xogħol, il-ħmar joqgħod attent, widnejh miftuħin għal dak li jitlob minnu sidu. Meta sidu jordnalu jimxi bil-pass mgħaġġel jinduna mill-ewwel. Sidu jgħidlu, "ħaj ħaj", u erħilu l-ħmar jitilqilha bit-trott.

Il-ħmar sema' lill-Madonna tgħid li meta jikber Ġesù, in-nies kienu se jisimgħu minnu wkoll.

Mhux ta' b'xejn għandu widnejh kbar il-ħmar. Bihom huwa jisma' ħafna ħwejjeġ importanti fuq Ġesù, minn fomm Marija u Ġużeppi.

**Tagħlim**:
Biex nisimgħu minn Ġesù rridu nagħtu kas ta' dak li jrid minna u mhux nagħmlu kull ma rridu. Jekk ommi tatni l-flus biex nixtri affarijiet tal-iskola, ma nistax nixtri affarijiet oħrajn. Min iħobb lil Ġesù jisma' sewwa dak li tgħidlu l-Bibbja xħin ikun il-Knisja u fil-Mużew. Dak li jisma' minn Ġesù, iħejji qalbu biex jirċevih.

Darba minnhom, meta Ġesù kien kiber, Ġwanni l-Battista għajjat "Ħejju t-triq tal-Mulej". Hejji qalbek biex jiġi għandek Ġesù. Waqqaf widnejk għax il-Mulej ġej. Waqqaf widnejk biex tisma' l-kant sabiħ tal-Milied. Waqqaf widnejk biex tisma' ħafna affarijiet sbieħ fuq Ġesù Bambin.

## 3. It-Tielet Jum: Il-ĦMAR GĦANDU ĦAJJA SEMPLIĊI

Il-ħmar tal-għar mhuwiex bħall-iljun li jmur joqtol annimal ieħor biex jieklu. U lanqas mhu bħal dak il-qattus imħajjem li jikkuntenta ruħu biss jekk ikollu l-ikel tal-bott. Il-ħmar tagħna jikkuntenta ruħu bil-ftit tiben niexef. Il-ħmar ma joqgħodx igerger jekk sidu ma jtihx ful kuljum u lanqas igerger jekk jgħaddi jiem sħah jiekol it-tiben biss u jkollu ftit ħarrub nhar ta' Ħadd biss. Lanqas igerger il-ħmar għax id-dar li għandu mhix sabiħa ħafna.

**Tagħlim**:
Darba minnhom, wieħed żagħżugħ kellem lil Ġesù u qallu li ried isir perfett. Ġesù l-ewwel fakkru biex jobdi l-kmandamenti. Iż-żagħżugħ qallu li s'hemm kien diġa' wasal. Allura Ġesù qallu biex imur ibiegħ il-ġid li kellu, jagħti kollox lill-foqra u mbagħad imur jimxi warajh. Hawnhekk iż-żagħżugħ tnikket u ma marx wara Ġesù. Beża' jgħix hajja sempliċi.
Ġesù stess jgħallimna ngħixu ħajja sempliċi. Arawh meta twieled, għażel li jiġi f'għar, ġewwa maxtura, nieqes minn ħafna kumdità. Imma l-imħabba ta' Marija kienet kbira u għalhekk hu ma ħass ebda nuqqas f'qalbu.

Ma għandniex nistennew li l-*mummy* tixtrilna dak kollu li jiġilna f'moħħna. U lanqas għandna ngħidulha lill-*mummy*, "ma ixtrili din biex inkun bħal ħabibna"!

Mhux meta nikkuntentaw lit-tfal f'kollox inkunu qed nedukawhom. L-importanti li ntellgħuhom bil-valuri tal-Vanġelu u li nippreparawhom għall-ħajja tax-xogħol u nġibuhom jifhmu li d-dinja ma ddurx fuqhom biss. Il-Lhud ta' żmien Ġesù kienu jgħidu proverbju li jmur xi ħaġa hekk: "Min ma jgħallimx sengħa lil ibnu jkun qed jgħallmu s-sengħa ta' ħalliel". F'sens wiesgħa dan ifisser li l-ġenituri jridu jħejju lil uliedhom għall-imħabba, ix-xogħol u anke l-ispirtu ta' kollaborazzjoni mal-oħrajn.

## 4. Ir-Raba' Jum: IL-ĦMAR JOBDI LIL SIDU

Il-ħmar jobdi lil sidu. Anzi tant iħobb lil sidu li huwa lest li jsofri għalih. Il-ħmar ma joqgħodx jiddiskuti ma' sidu fuq dak li dan jordnalu. Xi drabi l-ixkejjer li jgħabbih ikunu tqal wisq imma ma jgħid xejn u kull ma jagħmel hu li jnaqqas ftit mill-pass. U lanqas ma jgerger jekk flok frott bnin u ħaxix aħdar ifuħ sidu jgħabbih bid-demel għall-għalqa. Jieħu gost ħafna xħin jerfa' lil Ġesù imma jaċċetta wkoll jekk ikun Ġużeppi li jitla' fuq dahru.

Xi darba l-ħmar ikun għajjien u moħħu jiddallam u ma jkunx irid jimxi. U hawnhekk sidu jkollu jagħtih taptipa fuq dahru.

**Tagħlim:**
Il-bniedem ubbidjenti hekk għandu jkun. Aħna nobdu lil dak li fil-presepju huwa dejjem fin-nofs, lil Ġesù.

Meta nobdu lill-ġenituri u lil dawk li huma fuqna u lil dawk li jridulna l-ġid, allura nkunu qegħdin nagħmlu r-rieda ta' Alla.

U ma ninsewx li anke Ġesù kien jobdi lil ommu Marija u lil San Ġużepp. Darba minnhom Marija tellgħetu għall-festa tal-Għid fil-belt sabiħa ta' Ġerusalemm. Ġesù ma reġax lura mill-ewwel għad-dar wara l-festa. Mhux għax ma kienx jobdi imma għax ried jisma' u jitkellem mal-għorrief li ltaqa' magħhom. Il-Vanġelu jgħidilna li meta reġa' lura lejn Nazzarett, lil Marija u Ġużeppi, "kien jobdihom" (Lq 2,51).

Il-kelma "ubbidjenza" ġejja minn kelma fil-Latin li tfisser "tisma'", jiġifieri tisma' dak li jgħidlek xi ħadd li jħobbok. Meta xi ħadd jgħidlek biex tagħmel xi ħaġa ħażina, hawnhekk, le ma nobdux. Jekk xi ħabib tiegħek jgħidlek biex tqaċċat fergħa żebbuġa minn tal-pjazza, inti ma għandekx tisma' minnu għax din mhix ħaġa tajba.

## 5. Il-Ħames Jum: IL-ĦMAR HUWA INTELLIĠENTI

Hemm annimali li meta tisma' isimhom biss, ġismek jitla' xewk xewk bil-biża'. Fil-każ tal-ħmar, dan ma jbeżżagħniex imma ħafna jgħadduh bħala annimal injurant. Imma fil-fatt il-ħmar huwa annimal intelliġenti u kapaċi jagħmel ħafna affarijiet. Ħalli nagħtikom eżempju. Fil-muntanji f'pajjiżi oħrajn, fejn il-mogħdijiet huma dojoq u perikolużi minħabba l-preċipizzji, in-nies ipoġġu l-ħmar jimxi fuq quddiem għax hu kapaċi ħafna juri t-triq mnejn wieħed għandu jgħaddi, bl-inqas periklu. Barra minn hekk il-ħmar jiftakar mnejn għandu jgħaddi biex jasal lura d-dar. Għalkemm il-ħmar ma jafx jaqra – jekk tagħtih ktieb jieklu – imma dan tgħallem minn sidu għax qagħad attent għal dak li sidu kien jgħallmu.

**Tagħlim**:
Kulħadd għandu juża l-intelliġenza tiegħu għalih innifsu u biex jgħin lill-oħrajn. Marija u Ġużeppi min jaf kemm għallmu affarijiet lil Ġesù. Meta kien żgħir nistgħu nissoponu li kien imur l-iskola mat-tfal sħabu. Il-Vanġelu jsemmi li meta kien kiber ftit, Ġesù mar fit-tempju u qagħad jiddiskuti mal-għorrief. U darba minnhom daħal fis-sinagoga u qara l-Kelma ta' Alla.

Ma ngħidilkomx tkunu intelliġenti daqs il-ħmar. Għax intom ħafna iktar intelliġenti minnu. Imma ngħidilkom, iva, biex tużaw kull intelliġenza li tana Alla ħalli nagħmlu l-ġid lill-oħrajn.
Attività: uża l-intelliġenza li għandek biex tagħmel presepju .

## 6. Is-Sitt Jum: XI DRABI L-ĦMAR JGĦEJJA

Kulħadd jgħejja. Anke l-ħmar tal-presepju. San Ġirolmu, li kien jgħix fil-bidu tal-Knisja, kiteb li meta l-ħmar jegħejja, jieqaf f'kull kantuniera. Għax ma jibqagħlux saħħa jkompli miexi. Anke l-ġenituri tagħna jegħejjew u anke l-karozza xi drabi tegħejja. U anke l-kompjuter jegħejja u jibda jimxi bil-mod. Meta l-ħmar ikun għajjien jieħu nagħsa. U sidu li jarah għajjien bix-xogħol iressaqlu lejn ħalqu xi snack tajjeb bħall-ħarrub jew karrotta. Il-karrotta qisha ċikkulata għall-ħmar.

**Tagħlim**:
Kemm huwa importanti li nistrieħu, li ma nagħmlux biss studju u *homework*, imma li mmorru d-duttrina, il-Museum u li niltaqgħu mal-ħbieb. Min joqgħod biss jagħmel ix-xogħol tal-iskola mingħajr jistrieħ jista' jegħejja ħafna.

U biex nistrieħu ma għandniex ngħaddu siegħat twal quddiem il-kompjuter bla ma nfittxu l-ħbieb. Anke meta mmorru sa għand iz-zijiet u n-nanniet jew noħorġu mal-ġenituri dan ikun ta' ġid kbir għalina, barra li nuru li nħobbu lil dawk li nżuru.

## 7. Is-Seba' Jum: IL-ĦMAR IĦOBB LIL SIDU

Il-ħmar tal-presepju ma joqgħodx hemm fl-istalla l-ġurnata kollha. Irid joħroġ jaħdem. Xħin filgħodu sid il-ħmar jiġi biex joħorġu għax-xogħol dan mill-ewwel iqum bil-wieqfa, lest biex joħroġ jagħmel il-jum tax-xogħol, iġorr it-tagħbija. U jekk il-ħmar li hemm huwa ta' San Ġużepp, xħin jerġgħu lura lejn Nazzarett ara xi vjaġġ se jkollu jagħmel mal-familja Mqaddsa.

Għax il-ħmar jirrispetta lil sidu, huwa għalhekk jipprova jkun responsabbli fix-xogħol u jbati għal sidu. Xi drabi l-ħmar jitilqilha b'ġirja u s-sid hawnhekk sidu jiġbed fis-sarima biex il-ħmar inaqqas l-i*speed*. U hekk jagħmel, għax il-ħmar iħobb lil sidu u ma jridx iweġġgħu. Il-ħmar jifraħ xħin iġibulu l-ikel u għalkemm ma jgħid xejn tarah juri li hu jrid jgħid grazzi.

Fl-għar il-Madonna ħaditlu l-maxtura lill-ħmar, biex hija tpoġġi lil Ġesù fih, fuq it-tiben. Imma l-ħmar ma qal xejn għax hu jirrispetta lil Ġesù.

**Tagħlim:**
Meta xi ħadd iħobb tassew lil xi ħaddieħor, dan mhux biss ma jiġġelidx miegħu, imma jipprova jgħinu mill-aħjar li jista'. Aħna nħobbu lill-ġenituri anke meta ma jħalluniex nagħmlu dak kollu li jiġi f'rasna.

Darba kien hemm omm u lit-tifel qaltlu biex ma jikolx il-frott kollu li kien hemm fuq il-mejda. It-tifel għamel ta' rasu u spiċċa b'uġiegħ ta' żaqq. Il-ġenituri ma jħalluniex nagħmlu li rridu għax iħobbuna.

## 8. It-Tmien Jum: LILL-ĦMAR JIKKOREĠUH

Il-ħmar għandu bżonn min jikkoreġih f'xi affarijiet. Stħajlu daqsxejn lil San Ġużepp itaptap fuq moħħ il-ħmar għax xi drabi jqajjem lil Ġesù bil-ħanqa tiegħu. U xi darba jkollu jiġbidlu widnejh ukoll. Il-ħmar jaċċettaha l-korrezzjoni għax jaf li għalkemm huwa umli xi drabi jasal li jkun rasu iebsa. Il-ħmar ma jġibhiex bi kbira għax huwa jirrispetta lill-Madonna u lil Ġużeppi u lil Ġesù. Jobdi mill-ewwel u jaċċetta t-twissija. Sid il-ħmar jikkoreġih biex ma jweġġax u biex ma tinqaliblux it-tagħbija jekk huwa jiġri ħafna.

**Tagħlim**:
Importanti li nagħmlu dik il-korrezzjoni li biha nkunu rridu ngħinu lil ħuna jikber. Il-korrezzjoni hija tajba. Naturalment ma għandniex nikkoreġu biex lil dak li jkun inbaxxuh quddiem in-nies jew qisu biex ngħidulu "Ara, jien aħjar minnek".

Fil-Bibbja nsibu stejjer fejn Alla jikkoreġi lill-bniedem għall-ġid tiegħu. U l-ktieb tal-Proverbji għandu bosta sentenzi fuq il-korrezzjoni. Waħda minn dawn is-sentenzi tgħid li għandna nisimgħu lil min jikkoreġina. Tgħid hekk: "Min iwieġeb qabel ma jisma', bluha jagħmel u mistħija jkollu" (Prov.18,13). Dan l-istess ktieb tal-Proverbji jgħid hekk: "għax il-Mulej iwiddeb lil min iħobb, u jgħakkes 'l ibnu l-maħbub" (Prov.3,12).

## 9. Id-Disa' Jum: Il-ĦMAR TAL-PRESEPJU FERĦAN!

U x'ma jifraħx meta jaf li hemm Ġesù hemmhekk ħdejh ġewwa l-għar ta' Betlem. Induna l-ħmar li Ġesù huwa xi ħadd importanti għax ra r-ragħajja ġejjin hawnhekk, iġibulu l-ikel u jsellmu lill-Madonna.

Il-ħmar huwa ferħan ħafna li kellu x-xorti li jiltaqa' ma' Ġesù. Jikkunslah il-fatt li għalkemm huwa żgħir, iħossu daqshekk kuntent.

**Tagħlim**:
Il-Milied iġib il-ferħ għalina lkoll. Il-fatt stess li tfakkar it-twelid ta' kwalunkwe tarbija dan iġib ferħ kbir fostna. Aħseb u ara meta tiftakar li dit-tarbija hija Ġesù.

Fil-Vanġelu naqraw li l-anġli qalu lir-ragħajja, "Tibżgħux għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu" (Lq 2,10).

Il-ħmar ferħan, ir-raghajja ferħanin u għalhekk ejjew inkunu ferħanin aħna lkoll. Kemm għandna għax nifirħu aħna wkoll għax nistgħu niltaqgħu ma' Alla fil-kelma u fil-proxxmu tagħna. Jekk niftakru li Ġesù qiegħed qrib tagħna u li hu għażel li jiġi hawnhekk fid-dinja ħdejna, qalbna għandna timtela bil-ferħ.

Awwissu 2014

# 12. Il-Messaġġ tar-Ragħaj



**Novena tal-Milied għat-Tfal**
Parroċċa Katidral

## 1. L-Ewwel Ġurnata: Ir-Ragħaj li JISHAR

Introduzzjoni ġenerali għan-Novena kollha mill-Arċipriet (mingħajr il-pjaneta )

It-Tifel libes ta' Ragħaj, b'xemgħa kbira f'idejh, ( titpoġġa fin-nofs fuq l-artal ) jidħol maċ-Ċelebrant u l-Abbatini. Jidħlu wkoll il-Ġurnalista u r-Ragħaj / Ragħajja.

Liturġija tal-Kelma normali…

Ġest:
a) minflok l-omelija : Intervista mar-Ragħaj Talb tal-Fidili mit-tfal tal-Grupp
b) waqt it-Talba Ewkaristika, t-tfal kollha b'xemgħa zgħira f'idejhom, ċirku jew tnejn madwar l-artal, (jintefa d-dawl kollu)…

(sens ta' sahra għax Ġesù ġej fostna… verament!.) sal-ħin tal-Paċi..(Jinxtegħel id-dawl..)

**Sinjal**: Ix-xemgħa jeħduha magħhom u jispjegaw lill-membri tal-familja li ma kienux preżenti. Waqt iċ-ċena jpoġġu x-xemgħa mixgħula fuq il-mejda.

## 2. It-Tieni Ġurnata: Ir-Ragħaj li JIBŻA'

Ir-ragħaj jidħol b'urna mimlija rmied, flimkien maċ-Ċelebrant u l-Abbatini.

Ġest:
Fl-Att Penitenzjali jsir it-tqegħid tal-Irmied fuq dawk kollha preżenti… (Spjegazzjoni: Mix-xejn tagħna nħossu l-bżonn li nikkonvertu…..Ix-xejn tagħna quddiem il-Kobor immens t'Alla….)

Kant:

Sinjal: Fl-aħħar tal-Quddies tingħata borża bl-irmied…

## 3. It-Tielet Ġurnata: Ir-Ragħaj li JISMA'

Ġest:
a) qabel il-Liturġija tal-Kelma, tifsira sewwa fuq l-Importanza tas-Smigħ tal-Kelma ( Omelija...)
b) Dħul solenni tal-Bibbja...mal-letturi, ir-Ragħaj iżomm l-Iskrittura, flimkien mat-tfal tal-Grupp b'xemgħa ftit kbira...ħamra / bajda f'idejhom li jitpoġġew fuq l-Ambone....wara l-qari tal-Vanġelu tingħata l-Barka bl-Iskrittura....
c) Minflok l-Omelija jsir il-Bews tal-Kelma....( li jfisser li naċċetta fil-ħajja il-Kelma li xxandret.... Ammen !!!)
Kant...

Sinjal: Tingħata parċmina bi frażi mill-Bibbja....

Avviż.... Biex iġibu *HAVERSACK* żgħir / tal-iskola vojt......

## 4. Il-Raba' Ġurnata: Ir-Ragħaj li JITLAQ

Wara l-Omelija

Ġest : Sinjal tal-Paċi.... Jibdlu posthom fis-siġġijiet....

Sinjal: qabel il-Barka....Jingħata Blokk b'messaġġ u rigal b'sorpriża (jiftħuh id-dar...) fil-*Haversack*.

## 5. Il-Ħames Ġurnata: Ir-Ragħaj li JSIB

Ġest : Waqt l-Offertorju jidħol il-Grupp bir-Ragħaj magħhom u jkollhom maxtura b'Bambin Iswed li jitpoġġa quddiem l-artal.

Wara t-Tqarbin bewsa lil Ġesù, *fil-baxx għarkupptejhom*....umiltà u akkoljenza...!!!

Kant: *Bambin Iswed*, ta' David Azzopardi.

Sinjal : Jingħata *sticker* tal-*Verbum Dei*...

N.B. Avviż għall-Ġurnata tal-Karità : Ikel + Karus !

## 6. Is-Sitt Ġurnata: Ir-Ragħaj li JADURA

Ġest:
b) Adorazzjoni qabel it-Tqarbin...l-ostensorju bl-Ostja kbira u s-Saċerdot jgħaddi quddiem it-tfal / l-assemblea (spazju neċessarju bejn is-siġġijiet)

Kant:

b) Qsim tal-Ostja l-kbira...( li jingħata għalina) għat-Tqarbin....

Sinjal : Tingħata panina bi *sticker* ġol-borża... ( Ikel tal-Ħajja)

## 7. Is-Seba' Ġurnata: Ir-Ragħaj li JIRREGALA

Ġest : Waqt l-offertorju jittellgħu l-offerti t'ikel, eċċ….

## 8. It-Tmien Ġurnata: Ir-Ragħaj li JĦABBAR

Ġest : *Dilka biż-żejt fejn il-Bieb* (balzmu !!!!) lil dawk kollha li joħorġu mill- bieb ta' Kristu.

Sinjal : Tingħata figura ta' Ragħaj… għal taħt il-*Christmas Tree*…

## 9. Id-Disa' Ġurnata: Ir-Ragħaj li JFAĦĦAR U JRODD ĦAJR lil Alla.

Ġest : *Waqt l-Offertorju*. Inċensazzjoni lil kulħadd fil-bankijiet tagħhom.

Sinjal : Rigal lil kulħadd.

Milied 2013

# Il-Ħames Taqsima: Skemi ta' Adorazzjonijiet għal matul is-sena mibnija fuq il-passi ta' nies li għexu ħajja qaddisa



## 13. Adorazzjoni Ewkaristika – Festa Liturġika tal-Qalb ta' Ġesù

(mibnija fuq it-talb u l-kitbiet ta' San Ġorġ Preca)

Ivan Farrugia

1. **Espożizzjoni u Kant ta' innu Ewkaristiku** (Nadurawk ja Ħobż tas-Sema)

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Għalik l-anġli dlonk titniehed,
inti l-hena tal-bnedmin.

*Rit.*: **Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema**
**frott l-imħabba l-iżjed bnin.**

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Int il-ħlewwa tal-qawwija,
int is-saħħa tal-fqajrin. ***Rit.***

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Int il-qawma ta' min raqad,
inti l-għaxja tal-ħajjin. ***Rit.***

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Jalla d-dinja tagħraf tħobbok,
fik il-qlub huma henjin. ***Rit.***

2. **Vista lil Ġesù Sagramentat** (ta' San Ġorġ Preca)

- Coram Domino – *Quddiem il-Mulej*

Lil Alla ħaj u veru - Ejjew naduraw.

Lill-Missier, lill-Iben magħmul bniedem u lill-Ispirtu s-Santu.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

Qaddis Alla, Qaddis Qawwi, Qaddis Immortali, ħenn għalina.

Lil Alla waħdu unur u glorja għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

L-Iben etern tal-Missier sar bniedem minn Marija Verġni bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u semmewh Ġesù.

<u>Episodju - Iċ-Ċena tas-Sinjur</u>

Is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, awl il-lejl qabel ma miet, miġburin miegħu it-Tnax, ħa l-ħobż fl-idejn imqaddsa u venerabbli tiegħu, u wara li refa' għajnejh lejn is-sema, lejn Alla l-Missier tiegħu omnipotenti, jirringrazzjah, bierek, qasam u ta lill-iskulari tiegħu jgħid: 'Ħudu u kulu għax dan huwa ġismi, agħmlu dan b'tifkira tiegħi.` Bl-istess mod imbagħad ħa fl-idejn imqaddsa u venerabbli tiegħu l-kalċi mimli bl-inbid imħallat bl-ilma, bħal qabel jirringrazzja 'l Alla, bierek u ta lill-iskulari tiegħu jgħid: 'Ħudu u ixorbu minnu lkoll għax dan huwa l-kalċi ta' demmi, li jixxerred għall-maħfra tad-dnubiet, agħmlu dan b'tifkira tiegħi.' *(pawsa)*

V/. Ikun imbierek Ġesu Kristu.
R/. U tkun imbierka l-Verġni Marija (x 10)

V/. Is-Sinjur Ġesù Kristu qiegħed fil-glorja tal-Missier Alla
R/. U s-Sinjura Marija, imnissla bla ħtija, saħqet ir-ras tal-misħut xitan.

Inbierku lilek Missier Qaddis.
Inbierku lilek Iben Qaddis ta' Alla magħmul bniedem.
Inbierku lilek, Spirtu s-Santu.

Sliem għalik Marija....

Irċievi, O Alla Missier, il-pjagi divini ta' Ibnek u Ħuna l-għażiż Ġesù Kristu, li aħna noffrulek issa:
sabiex nagħrfuk b'Alla veru u ħaj, u b'Padrun ta' kulħadd u ta' kollox;
sabiex nirringrazzjak għall-kbira karità u providenza tiegħek lejna l-bnedmin;
sabiex inħallsu l-Ġustizzja tiegħek minna offiża bi dnubietna;
u sabiex tagħtina l-grazzja tiegħek biex inservuk bil-fedeltà u niġu ngawduk wara mewtna. Ammen.

3. **Kant ta' innu Ewkaristiku** (Bil-qawwa ta' mħabbtek)

Nersaq lejk, Mulej,
biddel din il-qalb, mill-ġdid.
Il-grazzja qiegħda tfur minn ġo fik, Ġesù.

Jien intbaħt, Mulej,
in-nuqqas li nsib fl-għemil, jitħassar minnufih,
bil-qawwa ta' mħabbtek.

*Żommni qrib, għannaqni int b'imħabbtek,*
*ressaqni lejk, ħa nkun dejjem ħdejk,*
*bit-tama fik jien nogħla 'l fuq bħall-ajkla,*
*nogħlew it-tnejn flimkien, fl-ispirtu int u jien,*
*bil-qawwa ta' mħabbtek.*

Dawwal dawn l-għajnejn,
b'hekk narak jien wiċċ imb'wiċċ,

għarrafli mħabbtek waqt li int fija tgħix.

Ġedded dan il-moħħ,
biex nagħmel dak li inti trid, ħa ngħix jum wara jum,
fil-qawwa ta' mħabbtek.

4. **Introduzzjoni dwar il-festa u d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù**

http://www.friendsofchristjesus.com/devozzjonilejnilqalb.htm
http://i-tau.com/franstudies/articles/Spiritwalita%20Madre%20Margerita%20copy.pdf
http://www.frdonatspiteri.com/gunju_lulju2002.html

5. **Qari mill-Vanġelu ta' San Mattew (11, 25-30)**

F'dak iż-żmien Ġesù qabad u qal: "Nfaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art, għax inti dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin. Iva, Missier, għax lilek hekk għoġbok. "Kollox kien mogħti lili minn Missieri, u ħadd ma jagħraf lill-Iben jekk mhux il-Missier, kif ħadd ma jagħraf lill-Missier jekk mhux l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafhulu. "Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom. Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif."
Il-Kelma tal-Mulej.

6. **Riflessjoni fuq din is-silta minn min ikun imexxi.**

7. **Nistħajlu lil Ġesù jkompli jkellemna dwar il-qalb tiegħu kollha ħniena u tjieba:**

(Dawn is-siltiet huma meħuda mill-ktieb ta' San Ġorġ Preca *Is-Sena tas-Sinjur.* Aktarx li dan il-ktieb Dun Ġorġ kitbu fil-bidu tas-snin ħamsin. F'dan il-ktieb Ġesù hu ppreżentat bħala l-Imgħallem li jagħti lir-ruħ devota prattiċi ta' virtù. Fih paragrafu ta' ftit versi għal kuljum tas-sena. Fl-2001 kienet tqassmet kopja ta' dan il-ktieb fid-djar kollha ta' Malta u Għawdex.)

a. Ġesù Kristu jgħallem lill-iskulari tiegħu:

Ibni/Binti: il-qalb tiegħi ġiet iffurmata f'sidri mhux biss biex tfarraġ il-bnedmin, iżda wkoll biex tkun ktieb għalihom fejn jaqraw il-ġabra ta' kull virtù; għalhekk jiena stedint 'il dawk kollha li huma mtaqqlin u mgħobbijin biex jiġu għandi ħalli nserraħhom, u wegħidthom li jsibu l-mistrieħ għal ruħhom jekk jieħdu l-madmad tiegħi fuqhom u jitgħallmu minni li għandi qalb ħelwa u umli.

*Kant :* *Qalb imqaddsa ta' Ġesù*
*li berikt lit-tfal ċkejknin,*
*kebbes fina n-nar ta' mħabbtek,*
*żommna miegħek imħaddnin*

b. Ġesù Kristu jgħallem lill-iskulari tiegħu:

Ibni/Binti: Id-devozzjoni lejn il-qalb tiegħi hija neċessarja biex wieħed jidħol fis-saltna ta' Alla li għandha l-bieb imsakkar għas-suppervi u għall-vendikattivi. Ħadd mhu devot ta' din il-qalb divina kollha umiltà u kollha manswetudni jekk ma jimitawhiex. Jiena fl-Evanġelju qtajtha għal kulħadd, meta għidt: "Min ma jkunx biddel ruħu f'tifel żgħir ma għadx jidħol fis-saltna ta' Alla." Ekku l-umiltà. U "min ma jkunx ħafer lanqas Alla ma jaħfer lilu". Ekku l-manswetudni.

*Kant : Qalb imqaddsa ta' Ġesù*
*li berikt lit-tfal ċkejknin,*
*kebbes fina n-nar ta' mħabbtek,*
*żommna miegħek imħaddnin*

c. Ġesù Kristu jgħallem lill-iskulari tiegħu:

Ibni/Binti: Il-qalb tiegħi ma tissaportix li twaddab lura 'l min jersaq lejha, għaliex l-imħabba u l-ħniena tagħha lejn il-miżerabbli huma kbar wisq. Fid-dinja kelli neżerċita l-omnipotenza tiegħi biex infarraġ mara armla li jiena rajt miexja tibki wara binha żagħżugħ mejjet li kienu sejrin bih għad-difna, u biex infarraġ qlub oħra mnikkta. Din il-qalb li kelli f'sidri meta jiena kont fid-dinja għadha l-istess u tibqa' l-istess, u bosta ma jersqux lejha għax ma għarfux il-qalb tiegħi.

*Kant : Qalb imqaddsa ta' Ġesù*
*li berikt lit-tfal ċkejknin,*
*kebbes fina n-nar ta' mħabbtek,*
*żommna miegħek imħaddnin*

d. Ġesù Kristu jgħallem lill-iskulari tiegħu:

Ibni/Binti: Min jiġi għandi, sinjal li għandu kunfidenza fija. Taf min jiġi għandi? Min hu fqir, min hu umli, min hu żgħir, min hu mżeblaħ; jiġu għandi u dejjem isibu l-qalb tiegħi miftuħa għalihom. Il-kunfidenza hija l-muftieħ li jiftaħ it-teżor tal-ħniena infinita tiegħi. Min ma jiġix għandi jmur bla dubju jixrob minn għajn oħra, u jaħasra jixrob kemm jixrob ma jaqtax il-għatx, ma jgħidx 'biżżejjed', u m'għandux mistrieħ. O kemm hu glorjuż il-bniedem li jressaq midneb fejn il-qalb tiegħi!

*Kant : Qalb imqaddsa ta' Ġesù*
*li berikt lit-tfal ċkejknin,*
*kebbes fina n-nar ta' mħabbtek,*
*żommna miegħek imħaddnin*

8. **Il-qalb ta' Ġesù dejjem lesta biex tilqa' u tgħin lil kull min hu fil-bżonn. Inressqu t-talb tagħna lil din il-qalb li tinsab preżenti magħna fl-Ewkaristija.**

*Mument ta' silenzju fejn min jixtieq jista' jagħmel talbiet spontanji.*

9. **Nistaqsi lili nnifsi : jien għandi vera devozzjoni u mħabba lejn il-Qalb ta' Ġesù? F'wieħed mill-kotba tiegħu San Ġorġ Preca jagħti dawn is-sinjali ta' vera devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Nisimgħuhom u nagħmlu eżami personali jekk fiha jidhrux dawn is-sinjali.**

(Din il-kitba hija meħuda mill-ktieb ta' San Ġorġ Preca *Il-ktieb tas-Sinjali.* F'dan il-ktieb Dun Ġorġ jeżamina kull virtù u jindika s-sinjali li juru li l-virtù in kwistjoni hija pprattikata mill-individwu li fih jidhru dawn is-sinjali.)

Min huwa devot tassew lejn il-Qalb ta' Ġesù:

1. Jitgħaxxaq bix-xbiha tagħha.
2. Iżommha bħala ktieb quddiemu għall-istudju.
3. Ixerred id-devozzjoni tagħha fost il-ħbieb tiegħu.
4. Jgħix dejjem fi spirtu ta' umiltà.
5. Jitħarreġ fil-għemil ta' servizzi baxxi mal-proxxmu.

6. Għandu fiduċja kbira fiha.
7. Spiss joffriha lil Alla bil-merti kollha tagħha.
8. Jistkenn fid-dwejjaq tiegħu f'din il-Qalb, veru refuġju tal-midinbin.
9. Juża lbies umli u modest skont l-istat tiegħu.
10. Jitkellem bil-karità fuq il-proxxmu.
11. Fejn jista' ma jiċħad qatt għajnuna lill-proxxmu.
12. Dejjem riżolut li jpatti d-deni bil-ġid.
13. Jifraħ fl-okkażjoni li tiġih biex jaħfer.
14. Ibiegħed minnu kull azzjoni li ma tkunx tista' togħġob lill-Qalb ta' Ġesù.
15. Igħaqqad spiss l-azzjonijiet u t-tbatijiet tiegħu mal-merti ta' Ġesù.
16. Japprezza kulma apprezzat fid-dinja l-Qalb ta' Ġesù.
17. Joffri b'imitazzjoni l-qalb tiegħu vittma lejn Alla.
18. Jiċċaħħad fil-jum tal-Ġimgħa minn xi ħaġa onesta u permessa.
19. Ipatti u jħallas għall-offiżi li tirċievi din il-Qalb minn imġieba ħażina tal-bnedmin, speċjalment billi jitqarben fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar.
20. Jirringrazzja kontinwament lil din il-qalb b'vera ubbidjenza.
21. Iħobb jisma' lil min jitkellem fuq il-Qalb ta' Ġesù.
22. Ma jħallix il-vista tiegħu ta' kuljum lil Ġesù Sagramentat.
23. Igħożż id-devozzjoni wkoll lejn il-qalb ta' Marija Santissima.
24. Jithenna bil-ħlewwa fir-ruħ tiegħu bit-Tqarbin Imqaddes.
25. Iħoss mogħdrija għall-miżerja tal-proxxmu.
26. Jitlob għall-konverżjoni tal-midinbin.
27. Iħoss tenerezza jaħseb fuq il-Passjoni ta' Ġesù.
28. Igħożż il-ħajja ritirata u miġbura.
29. Jinġibed len in-nies baxxi speċjalment lejn it-tfal.
30. Jixtieq il-mewt biex ikun ma' Ġesù.
31. Jilmaħ lil Ġesù Kristu f'kull bniedem.
32. Jieħu sabar b'min idejjaqlu qalbu.
33. Iġarrab dispjaċir jara l-bnedmin ma' jfittxux lil Kristu.
34. Barra mid-dnub, f'kollox jilmaħ il-volontà ta' Alla u joqgħod kuntent.

### 10. Kant ta' innu Ewkaristiku (O Qalb Ħanina)

O Qalb ħanina li mill-jasar fdejt
lill-bnedmin kollha li bla tarf ħabbejt,
kebbes lil qlubna miġburin f'riġlejk
bin-nar ta' mħabbtek sabiex nersqu lejk!

Ġesù ħallina niġu ħdejk fis-skiet
biex aħna nieklu mill-Ħobż tas-smewwiet.
Fik biss il-ħajja, fik id-dawl u l-ġid,
inti ta' qlubna l-għeżeż Qalb u Sid.

Xi ġmiel xi ħlewwa, meta fuq l-artal
int tistenniena minn ġo dik id-dar.
O Qalb ħanina, għid xi tridna 'ntuk,
din qalbna ċkejkna sabiex inħobbuk.

### 11. Jingħadu flimkien dawn it-talbiet ta' Dun Ġorġ lill-Qalb ta' Ġesù

Qalb imqaddsa ta' Ġesù, agħmel il-qalb tiegħi tixbah lil tiegħek. (x3)

Qalb imqaddsa ta' Ġesù, ħenn għalina (x3)

Alla o Missier, ħares lejn il-Qalb ta' Ibnek Ġesù Kristu, li hija fformata għas-saħħa tagħna l-bnedmin, u ħenn għalina, inti li tgħix u ssaltan flimkien miegħu u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

12. **Barka Sagramentali**

13. **Wara l-barka minflok it-talb tas-soltu jista' jingħad dan il-Kantiku ta' San Ġorġ Preca**

Ikun imbierek Alla.
Imbierka l-Omnipotenza tiegħu.
Imbierka s-Sapjenza tiegħu.
Imbierka l-Providenza tiegħu.
Imbierka t-Tjubija tiegħu.
Imbierka l-Qdusija tiegħu.
Imbierka l-Ġustizzja tiegħu.
Imbierka l-Imħabba tiegħu.
Imbierka l-Ħniena tiegħu.
Imbierka l-Volontà tiegħu.
Imbierek kull Ġudizzju tiegħu.
Imbierka l-Glorja eterna tiegħu. Ammen.

Ikun imbierek Ġesù Kristu.
Imbierka l-Missjoni tiegħu fid-dinja.
Imbierka t-Trasfigurazzjoni tiegħu.
Imbierka l-Passjoni tiegħu.
Imbierka l-Kruċifissjoni tiegħu.
Imbierka l-Mewt prezzjuża tiegħu.
Imbierek il-Qawmien tiegħu mill-mewt.
Imbierek it-tlugħ glorjuż tiegħu fis-sema.
Imbierka l-Qalb umli tiegħu.
Imbierek l-Ispirtu manswet tiegħu.
Imbierek is-Saċerdozju etern tiegħu. Ammen.

Tkun imbierka Marija Santissma.
Imbierka l-Kunċizzjoni Immakulata tagħha.
Imbierka l-Maternità tagħha.
Imbierek it-tlugħ tagħha fis-sema.
Imbierka l-Verġintà tagħha.
Imbierka l-Umiltà tagħha.
Imbierka l-Imħabba tagħha.
Imbierka Santa Anna l-omm tagħha.
Imbierek San Ġwakkin il-Missier tagħha.
Imbierek San Ġużepp l-għarus veru tagħha.
Imbierka l-Qalb safja tiegħu.
Imbierka d-Dinjità glorjuża tiegħu. Ammen.

### 14. Kant tal-għeluq (Nadurawk ja Ħobż tas-Sema)

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Għalik l-anġli dlonk titniehed,
inti l-hena tal-bnedmin.

*Rit.*: **Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema**
**frott l-imħabba l-iżjed bnin.**

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Int il-ħlewwa tal-qawwija,
int is-saħħa tal-fqajrin. ***Rit.***

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Int il-qawma ta' min raqad,
inti l-għaxja tal-ħajjin. ***Rit.***

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Jalla d-dinja tagħraf tħobbok,
fik il-qlub huma henjin. ***Rit.***

# 14. ADORAZZJONI EWKARISTIKA



## NINXTEĦTU F'RIĠLEJN ĠESÚ FL-EWKARISTIJA BL-ISTESS SENTIMENTI TAL-VENERABBLI QADDEJJA TA' ALLA, MADRE MARGERITA TAL-QALB TA' ĠESÙ

Dun Ġużepp Gauci

1. Viżta

1.
Mulej Ġesú, Priġunier Divin,
ġejna quddiemek biex nadurawk;
ningħaqdu miegħek matul dal-ħin,
bl-ikbar imħabba nikkontemplawk.
    Fik, l-imħabba li mhix maħbuba
    għax mhix magħrufa minn tant erwieħ,
    din qalbna trid tkun sew mitlufa,
    u bik mehdija x'ħin tagħtik ġieħ.

2.
Mulej Ġesú, Għarus Imsallab,
nixtiequ wkoll inroddulek ħajr,
għax minn did-dinja Int ridt twarrab
lil min hu lest iwieġbek malajr.
    U fosthom kollha Int ridt lilna,
    ningħaqdu tiegħek u msallbin,
    bil-FIAT f'qalbna u f'għemilna,
    f'ħarset imħabbtek fis mitluqin.

3.
Mulej Ġesú, Inti l-Imħabba
li mhix maħbuba minn wisq bnedmin,
b'qalbna safja mimlija sogħba,
irridu npattu dejjem, f'kull ħin.
    Int ridtna nkunu għall-Qalb tiegħek,
    vittmi li jfarrġu u jpattu żgur,
    biex dejjem fik, għalik u miegħek,
    inħalluk teħodna kull fejn tmur.

4.
Mulej Ġesú, kemm ridt tiċċekken,
f'Betlem, fl-Għolja, f'tal-ħobż ix-xbiha,
bl-imħabba safja fittex żejjen
'l qlubna dgħajfa lilek mogħtija.
    Għalhekk f'dil-Qalb żommna moħbija,
    u mgħassa sewwa minn kull ħażin,
    sabiex għal kollox imsoffija,
    f'din it-Tjubija ngħumu f'kull ħin.

5.
Mulej Ġesú, forn ta' Nar Divin,
nitolbuk qanqal qlub il-bnedmin,
ħeġġiġhom dejjem b'dan l-ikel bnin,
u saltan fihom matul is-snin.
Kif ġbartna fik, fl-adorazzjoni
tal-pjan Divin tal-Missier tiegħek,
kun magħna wkoll fl-immolazzjoni,
b'riparazzjoni flimkien miegħek.

(Wara kull Talba tista' tingħad Missierna, Sliema u Glorja, jew Glorja biss)

*Imprimi potest: + Nicolaus J. Cauchi, 02/06/1993.*

## 2. Daħla

Il-Venerabbli Madre Margerita, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, kienet persważa miċ-ċentralità ta' l-Ewkaristija fil-ħajja tal-Knisja u tan-nisrani. Hi tgħallimna biex intejbu l-atteġġjament tagħna dwar dan is-Sagrament *"tal-għaġeb"*. Kienet tistieden *"fittex il-kumpanija ta' Ġesù fit-Tabernaklu tiegħu; ixrob minnu l-għajnuniet, il-faraġ u d-dwal li teħtieġ"*. L-esperjenzi li minnhom għaddiet meta bejn l-1923 u l-1929 kienet fid-Dar tal-Adorazzjoni tal-Belt Valletta, wassluha biex tbierek *"dak iż-żmien li fih għixna taħt id-dell tal-presenza reali fl-Ostja bla tabgħa! Qawwiena bis-saħħa tiegħu. Rawwimna u ħbiena taħt ġwenħajh. Oh! kemm tkun sewwa moħbija u mxejna b'dan il-mod!"* Kienet tqis bħala xorti mill-aqwa il-preżenza ta' *"Ġesù moħbi taħt il-velu ewkaristiku, fit-Tabernaklu tad-djar reliġjużi kollha tagħna"*, għax dil-preżenza hi preżenza li tibni, timmatura, iddawwal, tgħin u tfarraġ!. U għalhekk kienet titlob lir-reliġjużi tagħha biex *"ma jitilfu ebda okkażjoni li jersqu lejn il-ħelu Ġesù fil-pissidi tiegħu"*. Kienet tixxennaq, fuq kollox, li s-Sorijiet tagħha jitkebbsu *"bin-nar ewkaristiku"* li joħroġ mit-Tabernaklu, biex, imbagħad, ikebbsu bih lil dawk kollha li jaħdmu jew jiltaqgħu magħhom. Dawn ir-riflessjonijiet ewkaristiċi li nsibu spiss fil-kitbiet tal-qaddejja ta' Alla, Madre Margerita, jixhdu għall-fidi li kellha f'dan is-Sagrament tal-imħabba ta' Kristu. Kienet temmen, kif temmen il-Knisja, li l-Ewkaristija tibni lill-Knisja, lin-nisrani. Mietet fil-"Casa Madre" ta' Triq Palma, fir-Rabat, tħabbat b'idejha fuq il-ħajt li kien jifred kamritha mill-Kappella fejn Ġesù kien fit-Tabernaklu. Dawn kienu l-aħħar tislimiet li tatu f'did-dinja qabel ma ngħaqdet miegħu għal dejjem fil-Ġenna.

## 3. Ħsibijiet ta' Madre Margerita

### a. Adorazzjoni:

Nitgħallmu minn Madre Margerita x'inhi l-Adorazzjoni vera ta' Ġesù fl-Ewkaristija: mhux li sempliċiment tinżel għarkuptejk, tbaxxi rasek, jew tagħmel ġesti oħra bħal dawn, imma li tintelaq għal kollox f'idejn Ġesù biex jagħmel bik u fik dak li jrid Hu. Kienet tixtieq li Ġesù jkollu adoraturi fl-ispirtu u l-verità, kif Ġesù stess stqarr mas-Samaritana fuq il-bir ta' Ġakobb.
Nisimgħu xi ftit ħsibijiet tal-Venerabbli Madre Margerita.

Waħda mix-xewqat tagħha kienet li *"xi darba l-Għarus Ewkaristiku jkollu lil min jadurah fl-ispirtu u l-verità"(86).*

*Kienet spiss tistieden: "Morru spiss ħdejn il-qalb Ewkaristika u bl-adorazzjonijiet tagħkom fittxu li tkunu ta' faraġ u ta' riparazzjoni għall-ħafna offiżi li Hu bla waqfien jirċievi mill-bnedmin ingrati, b'mod partikulari minn dawk li huma kkonsagrati lilu"(V9).*

*Darba fissret il-mod ta' Adorazzjoni Ewkaristika tagħha f'ittra lid-Direttur Spiritwali tagħha: "Immur ħdejn il-Priġunier Re u nixteħet f'riglejh: inxerred ħafna dmugħ, għax inħoss ħtijieti u dawk l-offiżi li tant iweġġgħu l-qalb sensibbli tiegħu. Imbagħad nibqa' bħal waħda mejta għal xi siegħa jew aktar, Drabi oħra inħoss sejħa ( mhux b'widnejja) u mmur u nħoss li rrid intenni: għażiż Għarus, għażiż Għarus, b'ħafna tnehid, bħallikienu qalbi tkun trid tinqasam. Infittex li nimla l-ħin daqs kemm jirnexxili fil-ġabra u hekk ngħaddi sagħtejn, minbarra dawk mall-komunità, qrib ta' Ġesù; u f'dan il-ħin, wara att ta' adorazzjoni, ninxteħet qribu u skont il-qawwa tal-ġibda tal-preżenza tiegħu, inħallih jeħodni fejn irid", (63).*

Nitolbu lill-Mulej irawwem fina lkoll l-istess sentimenti qaddisa tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, biex kull meta nersqu lejh fl-Ewkaristija, nadurawh fl-ispirtu u l-verità, billi nintelqu f'idejh u nħalluh jaħdem fina u bina kif jixtieq hu għall-ġid tagħna.

Mulej, kabbar fina dan l-ispirtu ta' Adorazzjoni vera.

### b. Purifikazzjoni

Madre Margerita kienet temmen li mill-Ewkaristija toħroġ qawwa li kapaċi ssaffina, naturalment, jekk inkunu nixtiequ u disposti biex dan iseħħ. Nisimgħu ftit minn dawn ix-xewqat tagħha,. Biex nippruvaw nagħmluhom tagħna.

Ġieli talbet lid-Direttur Spiritwali biex waqt is-Sagrifiċċju Ewkaristiku tal-Quddiesa, joffriha mal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu biex tissaffa tassew: *"Irrikkmandani fis-Sagrifiċċju qaddis biex tingħatali l-grazzja li nkun kkunsmata kollni kemm jien fil-fjammi tal-imħabba divina"* (6), u wkoll: *"Berikni u offrini bħala vittma fis-Sagrifiċċju qaddis biex inkun ippurifkata"(11).*

Darba stqarret mad-Direttur Spiritwali: *"B'kull mod għandna napprofittaw ruħna mill-ħin li jingħatalna biex bin-nar ewkaristiku nikkunsmaw kull dell ta' ħtija sakemm jiġi l-Għarus biex jeħodna miegħu"*(52).

Ma waħda mis-Sorijiet fetħet qalbha: *"Fejn jinsab nar aktar iħeġġeġ, aktar kapaċi jikkonsma kull imperfezzjoni jekk mhux fl-imqaddes Tabernaklu?(140).*

Darb'oħra: *"Ġesù Ostja jkun dejjem is-sieħeb waħdieni tagħna u l-imħabba safja tiegħu tikkunsmana bħal xema' fin-nar tiegħu"*(86).

Nitolbu lil Ġesù fl-Ewkaristija biex iħaddem fina l-qawwa li ssaffina min-nuqqasijiet kollha tagħna, ħalli fuq l-eżempju ta' Madre Margerita, insiru offerta aktar safja u qaddisa.

Mulej Ġesù, nitolbu, saffi qlubna bin-nar ta' mħabbtek aħna u noffrulek lilek nfusna bil-miżerji u d-difetti kollha tagħna.

### c. Riparazzjoni

Madre Margerita kemm mill-ispirtu li kisbet fl-Assoċjazzjoni tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù, kif ukoll mill-oriġini tal-Kongregazzjoni tat-Terzjarji Franġiskani mibdija minn Dun Ġużepp Diacono, tgħallmet ħafna dwar il-ħtieġa tal-ispirtu ta' riparazzjoni għall-offiżi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesù.

Hi stess kienet tixxennaq: "Ma nixtieq xejn aktar ħlief li nikkonsma ruħi bħala vittma ta' riparazzjoni: għalhekk offrini fis-sagrifiċċju flimkien mal-Vittma bla tebgħa, biex inkun ippurifikata"(59).

Kienet temmen li *"Il-pjagi tal-ħelu Ġesù tagħna biss jistgħu u nittama li jirriparaw u jaħfru ħafna nfedeltajiet u ħtijiet mill-akbar"*(61). Minħabba f'hekk kellha devozzjoni kbira lejn il-Pjagi ta' Ġesù.

Lis-Sorijiet tagħha kienet tkellimhom ċar: *"iva, iva, akkost tas-sagrifiċċji kollha jeħtieġ noffru ruħna bħala vittmi tal-qalb Qaddisa"*(140).

Darba kitbet lil waħda mill-komunitajiet: *"Id-dar tagħkom hi tal-Qalb qaddisa: għalhekk bl-għaqda ta' bejnietkom u bil-fedeltà tagħkom fittxu li tirriparaw għal tant offiżi li jirċievi anke minn uliedu stess"*(135).

Darb'oħra kitbet lil komunità oħra: *"Nawguralkom l-imħabba safja, li tikkonsma fina l-imperfezzjonijiet kollha tagħna u tagħmilna vittmi riparatriċi tal-Qalb Ewkaristika aktar xierqa"*(V1).

Nitolbu lil Ġesù fl-Ewkaristija biex inissel fina xewqa qawwija li nagħmlulu dejjem tpattija xierqa għad-dnubiet li jsiru, minna u minn kulħadd.

Mulej Ġesù, ilqa', nitolbuk, it-tpattija xierqa li nixtiequ nagħmlulek, magħqudin fl-ispirtu mal-Venerabbli Madre Margerita u ma' tant ulied spiritwali tagħha mxerrdin mad-dinja kollha.

# 15. Adorazzjoni Ewkaristika



"Xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba... Imxi warajja"

*Il-Fundatur tal-Leġjun ta' Marija, il-Qaddej ta' Alla Frank Duff, jgħallimna nimxu wara Ġesù*

Leġjun ta' Marija (Għawdex)

1. ESPOŻIZZJONI TAL-EWKARISTIJA U KANT

2. VIŻTA

Inħobbu, inħobbu u nsebbħu lil Dak li minnu tiġi kull għotja tajba, jingħata lilu kull ġieħ, sebħ u tifħir għal dejjem. *Missierna. Sliema u Glorja.*

Nibqgħu mitluqin għal kollox fi ħdan il-Missier. Minn għandu jkollna l-għajnuna u l-qawwa ħalli bil-ferħ naslu għall-għaqda intima miegħu. *Missierna. Sliema u Glorja.*

Inħobbuh lit-Twajjeb Ġesù tagħna b'kull mod li bih jimxi magħna. Nitolbu għall-konverżjoni tal-midinbin. Ġesù jkun fil-qalb tagħna, isabbarna u jgħinna sal-aħħar. *Missierna. Sliema u Glorja.*

Nintelqu kolna kemm aħna fi ħdan il-Missier, fejn jinsab dak kollu li l-imsejkna ruħ tagħna tixtieq u tenħtieġ. *Missierna. Sliema u Glorja.*

Kemm jieħu gost, meta nitolbuh u niffittawh b'risq l-erwieħ! Nissagrifikaw kollox, nagħtuh kollox, kull ma għandna u kulma aħna, Hu jagħmel il-bqija. *Missierna. Sliema u Glorja.*

*(meħuda mill-Ittri ta' Madre Margerita Debrincat Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù)*

3. QEGĦDIN FIL-PREŻENZA TAL-MULEJ.

Dal-misteru, għarkopptejna,
ejjew mela naduraw
u quddiem ir-riti ġodda
suriet qodma jispiċċaw;
bit-twemmin ġo qalbna nħossu
dak li s-sensi le jaraw.

*(Jingħad <u>bil-mod</u> iżda mhux kantat)*

Ejjew ninżlu għarkupptejna quddiem Ġesù preżenti fl-Ewkaristija, filwaqt li npattu, permezz tal-fidi tagħna u l-imħabba tagħna, għat-traskuraġni, għan-nuqqas ta' ħsieb u saħansitra għall-attakki li s-Salvatur tagħna jkollu jgħaddi minnhom f'ħafna partijiet tad-dinja. Ejjew niftakru wkoll fil-persekuzzjoni li għaddejjin minnha ħafna Nsara f'ħafna pajjiżi.

O Ġesù, saħħaħ il-fidi dgħajfa tagħna. Tħallina qatt ninsew li fl-Ewkaristija hemm moħbi Int, l-Awtur tal-grazzja, Ġesù magħmul Bniedem għalina.

L-Ewkaristija hija misteru kbir. Anzi hija l-Misteru tal-Fidi. L-Ewkaristija hija rigal li ma jistax jitfisser bil-kliem. Hija rigal li l-Knisja Kattolika rċiviet minn għand il-Għarus tagħha Ġesù Kristu bħala turija tal-imħabba mmensa li għandu lejha. Dan ir-rigal il-Knisja tgħożżu bħala teżor l-iktar prezzjuż.

## 4. QARI MILL-EVANĠELJU

Ejjew nisimgħu kliem Ġesù stess dwar l-Ewkaristija.
Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann Kap 6:

"Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi li jingħata għall-ħajja tad-dinja. ...
Ħafna dixxipli tiegħu, meta semgħuh, qalu: "Iebes dan il-kliem! Min jiflaħ jisimgħu? ... Minn dak in-nhar bosta mid-dixxipli tiegħu telquh u ma baqgħux imorru warajh. Imbagħad Ġesù qal lit-Tnax: "Tridux titilqu intom ukoll?" Wieġbu Xmun Pietru: "Mulej, għand min immorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, ... "

L-Ewkaristija hija l-bidu tal-qdusija. Hija wkoll l-ikel li għandna bżonn biex nikbru iżjed fil-qdusija. Li nieħdu sehem fl-Ewkaristija m'għandu jkollu l-ebda effett ieħor ħlief li ninbidlu f'Dak li nirċievu.

Ħajja ewkaristika kienet is-sigriet li mbuttat tant qaddisin u erwieħ tajba oħra biex jagħtu lilhom infushom għall-proxxmu tagħhom. Ilkoll kienu ħbieb tal-qalb ma' Ġesù fl-Ewkaristija.

## 5. Skiet

Issa nogħqdu ftit FIS-SKIET quddiem Ġesù u f'qalbna nitolbuh biex isaħħaħ fina iktar il-fidi biex fl-ebda mument ma ninsew li quddiemna fit-tabernaklu hemm Ġesù veru Alla u veru Bniedem.

## 6. Riflessjoni

Aħna nemmnu li OMMNA L-KNISJA HIJA QADDISA għax Kristu, li waqqaf il-Knisja Tiegħu fuq l-art, huwa qaddis. Anzi huwa l-bidu u l-mudell tal-qdusija.
Qaddisa wkoll huma l-Grazzja t'Alla u s-Sagramenti li l-Knisja toffrilna biex nersqu dejjem iżjed lejn il-perfezzjoni.

Qaddisa wkoll hija d-duttrina tal-Knisja, li hi rċiviet minn għand Ġesù Kristu. Il-Knisja dejjem lesta biex tiddefendi din id-duttrina biex hekk tkun tista' tgħaddiha bla mittiefsa lil uliedha u lid-dinja kollha.

Mhux hekk biss.

Minn żmien għal żmiem, il-Knisja tressqilna quddiemna wħud minn uliedha li jkunu mxew tant 'il quddiem fil-ħajja spiritwali li tiddikjarahom qaddisin biex ikunu mudelli għalina.
Ikun hemm erwieħ tajba oħra, imsejħin Qaddejja t'Alla, li jkunu għadhom fil-proċess biex il-Knisja tiddikjarahom qaddisin. Wieħed minn dawn il-Qaddejja t'Alla huwa Frank Duff.

Frank Duff ifakkarna fil-kmand li Alla ta lil Mosè meta qallu:"Għid lill-ġemgħa kollha ta' wlied Iżrael: Għandkom tkunu qaddisin, għax qaddis jien, il-Mulej Alla tagħkom."

Iktar minn disgħin sena ilu Frank Duff waqqaf il-Leġjun ta' Marija u l-iskop tal-Leġjun huwa l-glorja t'Alla permezz tal-qdusija tal-membri tiegħu.

Kien għadu ta’ 27 sena meta Frank Duff ħareġ l-ewwel ktieb tiegħu. Kien ktieb żgħir li kien jismu, ’Nistgħu aħna nsiru Qaddisin?”

Ejjew, fil-preżenza ta’ Ġesù fl-Ewkaristija, naraw ftit ħsibijiet minn dan il-ktejjeb. Żgur li Ġesù ikun kuntent bina waqt li qegħdin niflu ftit mit-tagħlim ta’ wieħed mill-qaddejja tiegħu.

F’dan il-ktejjeb Frank Duff jgħidilna li fil-qalb ta’ kull Nisrani, Alla poġġa xewqa għall-qdusija. Iżda ftit huma dawk li jagħtu kas ta’ din ix-xewqa. Forsi ħafna jaħsbu li qaddis hu dak li jagħmel penitenzi ħorox u sa jasal biex jagħmel il-mirakli. Biss fil-ħajja ta’ kuljum hemm opportunitajiet biżżejjed biex nagħmlu penitenza. Biżżejjed ngħidu li kultant ikun sagrifiċċju kbir għalina biex nrażżnu ilsienna!

Ikun qaddis dak li, bil-ħsieb li jogħġob lil Alla, iwettaq id-dmirijiet tiegħu ta’ kuljum b’mod tajjeb kemm jista’. Wieħed jista’ jgħix ħajja bħal din mingħajr ma joħloq l-ebda kurżità madwaru u forsi jmut u jintesa. Biss bniedem bħal dan ikun wieħed mill-ħbieb fidili ta’ Alla.

Frank Duff kien jammira ħafna lill-kardinal John Henry Newman. Dan kien qassis anglikan li wara sar kattoliku. Frank ifakkarna fil-kliem tal-kardinal Newman meta dan qal li il-

”Bniedem li filgħodu ma joqgħodx jitnikker fis-sodda; li l-ewwel ħsieb tiegħu fil-bidu tal-jum ikun f’Alla; li jagħmel viżta lil Ġesù Sagramentat; li jgħid l-Anġelus bid-devozzjoni; li jiekol u jixrob bil-qies għall-glorja t’Alla; li jgħid ir-Rużarju mingħajr ħafna għaġġla; bniedem li jfittex ħin biex jirrifletti; li jkeċċi l-ħsibijiet ħżiena minn moħħu; li ma’ tmiem il-jum joqgħod jimmedita ftit fuq il-ħajja nterjuri tiegħu u jeżamina lilu nnifsu kuljum; bniedem li jmur jorqod biex ikun jista’ jistrieħ biżżejjed għall-jum li jkun ġej, bniedem bħal dan diġà qiegħed fit-triq li twasslu għall-qdusija.”

Frank Duff ikompli jgħidilna li kull min jitwieled huwa msejjaħ biex ikun qaddis. U ma noqogħdux ngħidu li fil-ħajja li ninzertaw qegħdin ngħixu ma jistax ikun li nkunu qaddisin. Alla jagħti lil kulħadd il-grazzji meħtieġa biex nersqu lejn il-qdusija. Biss hemm bżonn li nwieġbu għal dawn il-grazzji.

Biex żgur insibu mudelli li nimxu fuqhom lejn il-qdusija, Ommna l-Knisja tikkanonizza bħala qaddisin bnedmin minn kull kwalità ta’ ħajja. Saċerdoti, reliġjużi u lajċi. Għonja u fqar. Bnedmin li kienu f’pożizzjonijiet għolja kif ukoll oħrajn li kienu fl-iktar xogħol umli. Irġiel u nisa. Kbar u żgħar.
Mis-saħħa u mill-mard, mill-faqar u mill-ġid, minn dak li jidher tajjeb u minn dak li jidher ħażin, il-bniedem ta’ rieda tajba jislet ġid spiritwali. San Pawl stess jgħidilna li:
”Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skont il-providenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom.”

Hemm bżonn li jkollna fidi wkoll li Alla, ta’ Missier ħanin li hu, qatt ma jibgħatilna salib li ma jkollniex saħħa nġorruh. Iżda meta naħbtu naqtgħu qalbna sewwa niftakru fil-kliem ta’ Kristu stess meta qalilna:

"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom. Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif."

Il-ġurnata kollha aħna nkunu mehdijin b’ħafna ħsibijiet. Ħafna minnhom, bħala bnedmin, ma nistgħux ngħaddu mingħajrhom u għandna dmir li naħsbu fuqhom. Iżda nagħmlu sewwa li fost dawn il-ħsibijiet kollha ma nsibux ħin naħsbu wkoll fuq Dak li ħalaqna, Dak li għandu f’idejh l-eternità? Sikwit jiġrilna li ma nagħrfux kemm jiswa li nkunu ħbieb t’Alla. Biss jekk naslu biex nifhmu s-siwi u l-ġmiel ta’ din it-triq, imbagħad nibdew nagħmlu minn kollox biex naslu għaliha.

Hawnhekk Frank Duff iġibna ftit f'sensina.

Kultant hemm bżonn li nieqfu ftit u naħsbu sewwa fuq xi sitwazzjonijiet li żgur xi darba se jiġu fuqna. Mewt. Eternità.

Kemm tidher qasira ħajjitna ħdejn l-Eternità!
Kemm jista' jkun fil-qrib dak il-mument li se jidditermina kollox!
Għandna ngħożżu l-ħin li għandna f'idejna għax minn dak li nagħmlu issa nkunu għażilna aħna stess kif se tkun l-Eternità tagħna.
Dawn huma fatti li ma jista' jaħrabhom ħadd.

Nitolbu lil Ġesù biex jagħtina l-kuraġġ għax mhux daqstant ħafif li nwettqu dejjem u sewwa dmirijietna ta' kuljum. Anzi kultant ħidma bħal din hija ħidma erojka.

7. **Skiet**

8. **Il-Verġni Marija**

MAĠENB ĠESÙ KIEN HEMM DEJJEM OMMU MARIJA u għalhekk il-Verġni Mbierka tgħidilna: 'Ejjew ħalli nwassalkom għand Ġesù."

Frank Duff ried li l-membri tal-għaqda li waqqaf jagħmlu kollox f'għaqda ma' Marija. Ried li f'kollox jiddependu minn Marija biex hekk il-għeruq ta' kull ħidma tagħhom ikunu marbutin ma' Kristu.

San Ġwanni Pawlu II, Papa, isejjaħ lill-Madonna bħala l-Mara tal-Ewkaristija. U bir-raġun għax Ġesù fl-Ewkaristija huwa l-frott tal-ġuf safi ta' Marija. Marija hija wkoll il-Medjattriċi tal-grazzji kollha u speċjalment tal-Ewkaristija li hija l-ikbar grazzja. U min iktar minn Marija jista' jurina min hu Ġesù u jgħinna biex inkunu nistgħu nirċivuh ta' kuljum fl-Ewkaristija.

Kull min wasal għal qdusija żgur li kellu lill-Verġni Mbierka timxi pass, pass miegħu. W'hekk jasal biex ifittex li jimita l-aktar l-umiltà profonda tagħha, l-ubbidjenza sħiħa tagħha, il-ħlewwa anġelika tagħha, it-talb tagħha bla heda, it-tgħakkis tagħha f'kollox, is-safa tagħha bla ebda tebgħa, is-sabar erojku tagħha, il-għerf tagħha tas-sema, l-imħabba qalbiena tagħha lejn Alla li wasslitha sas-sagrifiċċju personali, u fuq kollox il-fidi tagħha.

Bil-għajnejn tal-fidi tagħna aħna nkunu preżenti għall-istess Sagrifiċċju tal-Kalvarju li, permezz ta' kull Quddiesa, qed ikompli jitwettaq fost il-bnedmin. Omm Ġesù kienet hemm ma' Binha fuq il-Kalvarju.
Wieqfa kienet, imbikkija,
l-Omm ħdejn Binha
fit-tbatija, fuq salib imdendel.

Bil-għajnejn tal-fidi tagħna għandna naraw li Marija għadha tkun hemm magħna f'kull Quddiesa bħalma kienet wieqfa ħdejn is-salib.

Ma' Marija fuq il-Kalvarju kien hemm ukoll iċ-ċenturjun man-nies tiegħu. Dawn "kif raw l-art titheżżeż u jiġri dak kollu, imtlew b'biża' liema bħalu u qalu: "Dan kien tassew Bin Alla!"" Il-grazzja t'Alla kienet niżlet b'qawwa kbira fuqhom. U min jgħidilna li dan ma kienx frott tat-talb ta' Marija bħala Omm il-bnedmin kollha. Il-għajnejn ta' Marija dejjem ikunu miftuħin beraħ biex tinduna mall-ewwel bil-bżonnijiet ta' wliedha l-bnedmin. Kemm għandha x'tgħallimna Ommna Marija!

Il-Quddiesa hija fuq kollox ċelebrazzjoni ta' fidi, dik il-fidi li titwieled u tissaħħaħ fina permezz tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Niftakru li meta tinqara l-Iskrittura fil-knisja, Alla stess ikun qed ikellem lill-poplu tiegħu.
Aħna u nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma, għandna nħarsu lejn Marija bħala l-mudell tagħna għaliex " hija l-Verġni attenta li tirċievi l-kelma t'Alla bil-fidi".

Marija għexet ma' Kristu. Ferħet miegħu u sofriet miegħu. Kienet tisma' wkoll it-tagħlim tiegħu. Mhux hekk biss. Imma "Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha."

Hekk ukoll aħna. Ikun sewwa li nibqgħu ngħożżu l-Kelma t'Alla u ngħixuha bħalma għamlu ħafna bnedmin li matul ħajjithom f'din id-dinja għexu bħala veri ħbieb t'Alla.

## 9. TALBIET

Ġesù fit-tabernaklu huwa skola ta' mħabba. Huwa prietka mingħajr kliem. Ejjew inżuruh sikwit. Anke għal ftit ħin.
*Għinna nitolbuk Mulej.*

Nitolbuk Mulej biex l-Ewkaristija tkun dejjem fuq quddiem nett fi ħsibijietna, fl-imħabbiet tagħna u f'kulma nagħmlu.
*Għinna nitolbuk Mulej.*

Hemm bżonn li naqsam ma' Marija x-xewqa kbira li għandha biex il-erwieħ kollha, speċjalment tiegħi, ma jdumux ma jilħqu l-milja tal-ħajja Nisranija.
*Għinna nitolbuk Mulej.*

Agħtini fidi ħajja, mixgħula bl-imħabba, li biha nkun nista' ntemm l-għemil kollu tiegħi mħeġġeġ mill-imħabba safja lejk, u nagħraf u naqdi dejjem lilek fil-proxxmu tiegħi.
*Għinna nitolbuk Mulej.*

Marija tagħmilha ta' omm tal-erwieħ b'mod li tagħllimni biex f'kull ruħ nara u naqdi lill-Mulej bħalma kienet tarah u taqdih Marija.
*Għinna nitolbuk Mulej.*

O Ġesù jien inħobbok, mhux biss hawnhekk fil-paċi u s-skiet ta' knisja għall-kenn tat-Tabernaklu, iżda nħobbok f'kull min jidħol f'ħajti mingħajr ma nħalli lil ħadd barra.
*Għinna nitolbuk Mulej.*

Hemm bżonn li jkolli "Fidi ħajja, mixgħula bl-imħabba", li Marija tista' tgħinni biex nuri mħabba u mogħdrija mal-proxxmu tiegħi.
*Għinna nitolbuk Mulej.*

Ta' sikwit noqgħod fuq is-siġġu ta' Pilatu u nagħmilha ta' mħallef tal-proxxmu tiegħi. Nitolbok Mulej biex qatt ma ninsa kif kienet kieku ġġib ruħha Marija b'dawk il-għajnejn tagħha kollha ħniena.
*Għinna nitolbuk Mulej.*

Mulej, nissel fija dik il-milja ta' fidi fik li tista' tirbaħ id-dinja.
*Għinna nitolbuk Mulej.*

Alla Missier, Inti bgħattilna kotra ta' bnedmin li kienu jgħixu fid-dinja bħalna u li rnexxielhom ikunu ħbieb veri Tiegħek. Għinna nimxu fuq il-passi tagħhom biex hekk naslu fejn waslu huma.
*Għinna nitolbuk Mulej.*

10. BARKA SAGRAMENTALI

11. INNU TAL-GĦELUQ

# 16. Adorazzjoni Ewkaristika – Nagħrfu l-vera Mħabba



(skema ta' adorazzjoni fit-triq ta' Santa Gianna Beretta Molla)

Azzjoni Kattolika, Għawdex

1. Espożizzjoni u Innu

2. Viżta

(i) M Ikun imbierek kull mument
R/ Is-Santissmu Sagrament
M O Ġesù lqajna l-istedina li ngħaddu ftit ħin ħdejk: kebbes fina l-imħabba għall-preżenza tiegħek f'das-sagrament
*Missierna, Sliema u Glorja*

(ii) M Ikun imbierek kull mument
R/ Is-Santissmu Sagrament
M O Ġesù lqajna l-istedina li ngħaddu ftit ħin ħdejk: tħalliniex naqgħu fil-bruda jew nikkuntentaw bid-drawwiet
*Missierna, Sliema u Glorja*

(iii) M Ikun imbierek kull mument
R/ Is-Santissmu Sagrament
M O Ġesù lqajna l-istedina li ngħaddu ftit ħin ħdejk: għinna nagħrfuk fil-proxxmu tagħna
*Missierna, Sliema u Glorja*

(iv) M Ikun imbierek kull mument
R/ Is-Santissmu Sagrament
M O Ġesù lqajna l-istedina li ngħaddu ftit ħin ħdejk: ħeġġiġna biex ma nitilfu l-ebda opportunità li nwassluk lill-oħrajn
*Missierna, Sliema u Glorja*

(v) M Ikun imbierek kull mument
R/ Is-Santissmu Sagrament
M O Ġesù lqajna l-istedina li ngħaddu ftit ħin ħdejk: dawwalna biex dejjem nisimgħu u nilqgħu s-sejħat tiegħek
*Missierna, Sliema u Glorja*

M Ningħaqdu mal-fehma tal-Papa, inklużi l-intenzjonijiet tal-Apostolat tat-Talb għal dax-xahar: *Missierna, Sliema u Glorja*

3. Ftit skiet ta' riflessjoni

4. Riflessjonijiet

Q1 Giovanna Francesca Beretta twieldet ġo familja tassew nisranija qrib Milan, b'ġenituri li kabbruha fil-fidi u fid-devozzjoni marjana. Tgħallmet tirrispetta l-ħajja bħala rigal meraviljuż ta' Alla, tafda fil-Provvidenza u tifhem l-importanza tat-talb. Mal-Preċett sabet fl-Ewkaristija Dawl għall-

kumplament ta' ħajjitha. Il-ħajja spiritwali tagħha ppermettitilha tegħleb sitwazzjonijiet diffiċli bħal saħħa pjuttost dgħajfa u l-mewt tal-ġenituri.

Q2 Fis-snin tal-Università baqgħet assidwa fl-apostolat, l-iktar fit-tagħlim u fil-ħidma mal-anzjani u l-batuti. Saret tabiba, speċjalizzata fil-pedjatrija. Din il-professjoni kienet taraha bħala missjoni - u żiedet l-impenn bħala diriġenta fost iż-żgħar tal-Azzjoni Kattolika. L-interessi tagħha fil-mużika, il-pittura u l-muntanji jikkonfermaw kemm kienet tħobb il-ħajja u tapprezza s-sbuħija tal-ħolqien. Sadattant baqgħet titlob biex tagħraf il-vokazzjoni: wara li saħħitha żammitha milli tmur missjunarja l-Brażil ma' ħuha patri, id-direttur spiritwali għenha tifhem is-sejħa li tifforma familja nisranija.

Q1 Gianna żżewġet lil Pietro Molla u tweldulhom tliet itfal. Kmieni fi tqala oħra, żviluppalha tumur. Minkejja l-periklu għal ħajjitha, saħqet mal-kirurgu fl-operazzjoni biex isalva t-tarbija f'ġufha - u ntreħiet f'idejn il-Providenza u fit-Talb, bla ma waqfet minn dmirijietha u ħidmietha fix-xhur li kien jonqos. Fil-ġranet qabel it-twelid reġgħet enfasizzat: "jekk ikollkom bżonn tagħżlu bejnha u bejni, agħżlu t-tarbija!"

Q2 Mat-twelid ta' Gianna Emanuela, bdiet agunija ta' tbatijiet li ntemmet bil-mewt tal-omm fit-28 t'April 1962 - mank kienet għalqet l-40. Illum it-tabiba Gianna Emanuela hi mitfugħa biex ixxerred id-devozzjoni lejn ommha - magħrufa sew f'bosta pajjiżi bħala protettriċi favur il-Ħajja. Il-fama ta' qdusija fil-fatt xterdet mill-ewwel. Ġwanni Pawlu II ddikjaraha Beata bħala Omm ta' Familja fl-1994 u kkanonizzaha fl-2004 - l-aħħar tiegħu. U kkwota frażi minn ittra tagħha: *L-imħabba hi l-isbaħ sentiment li l-Mulej poġġa f'ruħna.* (Santa Gianna u San Ġwanni Pawlu ntgħażlu Patruni tal-Laqgħa Mondjali tal-Familji 2015).

5. Kant u ftit skiet ta' riflessjoni personali

6. Qari mill-Kelma ta' Alla

Q1 Qari mill-ewwel Ittra ta' San Ġwann Appostlu (3,14-18)
Ħuti, nafu li għaddejna mill-mewt għall-ħajja; dan nafuh għax inħobbu lil ħutna; min ma jħobbx jinsab fil-mewt. Kull min jobgħod lil ħuh hu qattiel, u intom tafu li ebda qattiel ma għandu fih il-ħajja ta' dejjem. B'dan naslu biex nagħrfu x'inhi l-imħabba: li Ġesù Kristu ta ħajtu għalina. Aħna wkoll mela għandna nagħtu ħajjitna għall-aħwa...Uliedi, ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa.
Il-Kelma tal-Mulej.

7. Talb

M Ningħaqdu f'dawn it-talbiet billi nwieġbu: *Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(i) Q1 Santa Gianna kienet dejjem lesta li turi mħabbitha għal kull min ikollu bżonnha: bl-interċessjoni tagħha, ħeġġiġna Mulej biex naħtfu l-opportunitajiet kollha li jiġuna.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(ii) Q2 Santa Gianna għażlet il-professjoni ta' tabiba biex tista' tkun ta' għajnuna għall-proxxmu; bl-interċessjoni tagħha, ħeġġiġna Mulej biex noffru t-talenti tagħna f'kull okkażjoni.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(iii) Q1 Santa Gianna baqgħet attiva fl-apostolat minkejja l-impenji tax-xogħol u tal-familja; bl-interċessjoni tagħha, ħeġġiġna Mulej biex ma nħallux dawn ir-responsabiltajiet iwarrbuna mill-impenn fil-parroċċa u fil-Knisja.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(iv) Q2 Santa Gianna kellha interess qawwi fil-missjonijiet; fuq l-eżempju tagħha, ħeġġiġna Mulej biex anki aħna ngħinu b'kull mezz.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(v) Q1 Santa Gianna hi magħduda bħala protettriċi tat-tobba nsara; fuq l-eżempju tagħha, dawwal Mulej lil dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa biex ma jinsew qatt il-fidi f'ħidmiethom.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

8. Qari mill-Kelma ta' Alla

Q2 Qari mill-Vanġelu skont San Mattew (16:24-7)
"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja. Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha, imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isibha. Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu? " Il-Kelma tal-Mulej R/

9. Talb

M Inkomplu nirriflettu fuq kif għexet Santa Gianna Beretta Molla billi nwieġbu: *Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(vi) Q1 Santa Gianna rat il-jedd li tiddefendi saħħitha bħala anqas importanti mill-jedd għall-ħajja ta' bintha; fuq l-eżempju tagħha, għenna Mulej biex inkunu lesti dejjem għas-sagrifiċċju.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(vii) Q2 Santa Gianna sa minn żgħuritha drat tfittex dejjem ir-rieda t'Alla; fuq l-eżempju tagħha, għenna Mulej biex nirsistu ħalli ż-żgħar tagħna jitilgħu magħquda miegħek.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(viii) Q1 Santa Gianna fittxet pariri u talbet biex tagħraf l-istat tal-ħajja li kellha tagħżel; fuq l-eżempju tagħha, għenna Mulej biex infittxu nifhmu il-pjan tiegħek għalina.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(ix) Q2 Santa Gianna setgħet tasal għall-għażla erojka tal-aħħar minħabba li ħajjitha kienet mibnija fuq is-sod; fuq l-eżempju tagħha, għenna Mulej biex nidraw nikkontrollaw il-ġibdiet u x-xewqat tagħna.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(x) Q1 Santa Gianna trawmet f'familja nisranija u bniet oħra fuq il-prinċipji nsara; fuq l-eżempju tagħha, dawwal Mulej lil dawk responsabbli biex ma jagħmlu xejn kontra is-sħuħija tal-familja kif tridha int.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

10. Ftit skiet ta' riflessjoni u Kant

11. Santa Gianna Beretta Molla

M Nisimgħu issa lil Santa Gianna mill-kitbiet tagħha:

(i) Q1 "Irrid nibża' mid-dnub mejjet: aħjar immut milli noffendi lill-Mulej...O Ġesù nwegħdek li noqgħod għal kull ma tippermetti li jseħħli - kemm turini xi trid minni" (M kien għad mank għandha sittax)

(ii) M Fl-istess żmien stqarret:
Q2 "Marija, nintelaq għal kollox fl-idejn materni tiegħek...Ħares lejja u ħarisni, o ħelwa Marija, u laqqagħni ma' Ġesù f'kull mument ta' ħajti".
(M infatti ommha darritilhom imħabba Marjana, bir-Rużarju kull fl-għaxija.)

(iii) M Din kienet magħquda ma' qima ħajja Ewkaristika bil-Quddiesa, Tqarbina u Adorazzjoni:
Q1 "It-Tqarbin hu l-ikel ta' kull jum li ma nistax ngħaddi mingħajru."

(iv) M U ftehmet mal-għarus li jippreparaw għat-Tieġ bi tridu ta' Quddies u Tqarbin fil-knejjes rispettivi tagħhom. Kitbitlu ukoll:
Q2 "Inti dejjem miegħi, sa minn filgħodu x'ħin fil-Quddiesa noffri ma' tiegħi x-xogħol tiegħek, il-ferħ tiegħek, it-tbatija tiegħek - u tibqa' f'moħħi sa fl-għaxija".

(v) M Fl-ittri lil Pietro hemm spiritwalità mill-isbaħ:
Q1 "Bl-għajnuna u l-barka t'Alla nagħmlu kollox biex il-familja tagħna ssir Ċenaklu żgħir fejn Ġesù jirrenja dejjem fuq xewqatna u ħidmietna...insiru kollaboraturi m'Alla fil-ħolqien; nistgħu nagħtuh tfal li jħobbuh u jaqduh".

M Nirringrazzjaw 'l Alla ta' din il-qaddisa li tista' sservi ta' eżempju qawwi għat-tfal, xebbiet, miżżewġin, ommijiet u ħaddiema - u mhux nisa biss: Għażiż Ġesù, għenna nxerrdu l-interess f'din il-mara ta' żmienna biex iktar jimitawha fl-għażliet tagħhom u l-mod kif jgħixu s-sitwazzjonijiet kollha ta' ħajjithom.

**12. M Nitolbu bis-Salm 112; fi tmiem kull versett nirrispondu ma' xulxin: Int Mulej il-Blata tagħna**

Q2 Hieni l-bniedem li jibża' mill-Mulej, li jitgħaxxaq ħafna bil-kmandamenti tiegħu!
R/ Int Mulej il-Blata tagħna

Setgħan fuq l-art ikun nislu; nisel it-tajbin ikun imbierek.
R/ Int Mulej il-Blata tagħna

Ġid u għana jkunu f'daru; għal dejjem tibqa' l-ġustizzja tiegħu.
R/ Int Mulej il-Blata tagħna

Dawl fid-dlam ifeġġ għat-tajbin; twajjeb u ħanin il-bniedem sewwa.
R/ Int Mulej il-Blata tagħna

Tajjeb il-bniedem li jħenn u jislef, li jmexxi ħwejġu bir-reqqa.
R/ Int Mulej il-Blata tagħna

Għax il-bniedem ġust qatt ma jitfixkel; għal dejjem tibqa' t-tifkira tiegħu.
R/ Int Mulej il-Blata tagħna

Xejn ma jibża' minn aħbar ħażina; qalbu qawwija bit-tama tal-Mulej; qalbu qawwija, m'għandux mniex jibża'.
R/ Int Mulej il-Blata tagħna

Iqassam u jagħti lill-foqra; għal dejjem tibqa' l-ġustizzja tiegħu; rasu merfugħa bil-ġieħ.

R/ Int Mulej il-Blata tagħna

13. Talb

M Nerġgħu nwieġbu: *Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(xi) Q1 Santa Gianna kellha tbissima għal kulħadd u kollox; fuq l-eżempju u bl-interċessjoni tagħha, għamel Mulej li nuru l-Ferħ tal-Vanġelu f'ħajjitna kollha.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(xii) Q2 Santa Gianna kienet tara l-kobor tal-Ħallieq fis-sbuħija tan-natura; fuq l-eżempju u bl-interċessjoni tagħha, għamel Mulej li niddefendu l-ambjent naturali ta' madwarna.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(xiii) Q1 Santa Gianna kienet tapprezza l-arti u l-mużika; fuq l-eżempju u bl-interċessjoni tagħha, għamel Mulej li l-kultura tagħna ma tinsiex l-għeruq insara li sawruha.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(xiv) Q2 Santa Gianna trabbiet f'familja b'vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi; fuq l-eżempju u bl-interċessjoni tagħha, għamel Mulej li l-familji tagħna jkunu mixtla ta' żgħażagħ li jaċċettaw bil-ferħ is-sejħat tiegħek.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

(xv) Q1 Santa Gianna kellha esperjenzi ta' problemi fit-tqala; fuq l-eżempju u bl-interċessjoni tagħha, dawwal Mulej lin-nisa u l-ommijiet biex jagħżlu biss soluzzjonijiet moralment tajba.
*Għażiż Ġesù, isma' talbna.*

14. Kant tal-Barka

15. M **Waqt li nirċievu l-Barka Sagramentali, nifthu qalbna għas-sejħiet u l-imħabba ta' Ġesù; lest dejjem biex ixerred il-Grazzji tiegħu fuqna, skond ix-xewqat u l-bżonnijiet reali tagħna materjali u spiritwali.**

*Santi u iktar informazzjoni dwar Santa Gianna Beretta Molla jinkisbu mill-Azzjoni Kattolika (Dar Ċentrali, Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria). Ftehim dwar żjarat bir-relikwa ta' Santa Gianna jsir ma' diriġenti tal-Azzjoni Kattolika (jew billi tikteb fl-istess indirizz).*

Mexxej
Kantur
Qarrej 1, 2

# 17. Adorazzjoni Ewkaristika



*(mibnija fuq it-tagħlim ta' San Ġwann Bosco)*

Sorijiet Ulied Marija Awżiljatriċi, Għawdex

## 1. Preżentazzjoni

San Ġwann Bosco, magħruf iżjed bħala Dun Bosco, m'għandux bżonn ta' introduzzjoni, kollha nafu l-istorja u episodji minn ħajtu.

Dun Bosco għex 72 sena ta' attivitá kontinwa: ippjana u segwa l-bini ta' oratorji u skejjel professjonali; fetaħ 52 dar fl-Italja, Spanja, Arġentina, Uruguay, Brażil, Ċile, Ingilterra u Equador; kiteb madwar 4000 ittra; 150 kotba u faxxikoli; għadda sigħat sħaħ iqarar; qatta' ħin twil jitkellem maż-żgħażagħ, magħhom lagħab fil-playground; irċieva persuni ekkleżjali u mijiet ta' persuni minn kull livell tal-ħajja li kienu jmorru għandu biex jitolbuh pariri; għamel ħafna vjaġġi fl-Italja ( għal Ruma biss, iżjed minn 20 vjaġġ), Franza u Spanja bil-karozza, tren u baħar; huwa l-fundatur tas-Sależjani u Wlied Marija Għajnuna tal-Insara; organizza 12- il vjaġġ lejn l-artijiet missjunarji li fihom telqu 152 sależjani u 50 soru Wlied Marija Għajnuna tal-Insara..... u ovvjament, kien hemm il -ġurnata ta' kuljum bil-ħsebijiet tagħha speċjalment biex imantni n-numru kbir ta' żgħażagħ li kienu jgħixu fl-oratorji tiegħu.

F'nofs din l-attività diversa u kontinwa, Dun Bosco kellu ħin jitlob? Din kienet il-mistoqsija fundamentali waqt il-proċess ta' Beatifikazzjoni u Kanonizazzjoni tal-Qaddis. Ir-risposta ġiet minn għand uliedu s-sależjani stess. It-3 suċċessur ta' Dun Bosco, il-Beatu Filippu Rinaldi, jgħidilna: "Dun Bosco kien proprju bniedem t'Alla, magħqud kontinwament m'Alla fit-talb. It-talb ta' Dun Bosco kien profond u ta' sikwit. Kemm għandna testimonjanzi ta' nies li kienu jħabbtu fuq il-bieb ta' kamartu u xħin ma jirċevux risposta jiftħu u jsibuh mitluf fit-talb u xi drabi anki f'estasi! Il-qaddis stess jispjega li d-djar tiegħu sejħilhom 'Oratorji' biex juri ċar li t-talb hu l-unika arma fuqhiex għandna nibbażaw kull xogħol li nagħmlu.

## 2. Qari għar-riflessjoni: Salm 37, 3-11

## 3. Meditazzjoni qasira fuq is-Salm

Dun Bosco, matul ħajtu, iltaqa' ma' ħafna għawġ. Ta' inqas minn sentejn tilef lil missieru. Ħuh, Antonio ma kienx jaħmlu jistudja u wasal biex kellu jitlaq mid-dar u jmur jaħdem f'razzett ta' familja ħbieb tagħhom. Biex daħal is-seminarju kellu jittallab. Wara li laħaq saċerdot ma kellux fejn ilaqqa' lit-tfal u ż-żgħażagħ u daru ħafna postijiet qabel ma ssettiljaw f'Valdocco f'Turin fejn hemm il-Bażilka maestuża ta' Marija Għajnuna tal-Insara. Kellu saċerdoti u saħansitra l-isqof tiegħu kontrih. Dan wasal biex anki jneħħilu l-qrar. Għaddewh b'miġnun; lanqas ix-xitan ma kien iħallih kwiet – kien isawtu, jaqliblu l-linka fuq dak li jkun kiteb. Imma Dun Bosco, bħall-awtur tas-salm, kien jafda f'Alla u fil-Madonna. Fl-aħħar ta' ħajtu, lil uliedu s-sależjani qalilhom:" Kollox Hi għamlet".

## 4. Ħsibijiet mill-ħajja ta' Dun Bosco

Minn mindu kont żgħir ommi għallmitni nitlob.
Titlob ifisser tgħolli ħsibijietek lejn Alla.
Itlob, itlob bil-qalb u żgur issalva.
Meta titolbu immaġinaw li Alla huwa preżenti, li jarakom u jismagħkom.

It-talb huwa l-kawża tal-ferħ anki f'din id-dinja.
Jekk trid tirċievi trid titlob.
Biex tosserva l-kastità trid taħdem u titlob. Iva, talb u sagrifiċċju.

## 5. Riflessjoni fis-skiet

Ġakulatorji li kien iħobb jirrepeti Dun Bosco

Mulej, xi tridni nagħmel?
Għallimni nagħmel ir-rieda tiegħek, għax inti Alla tiegħi.
Mulej, ejja għinni, għinni minħabba tjubitek.
Bl-għajnuna tiegħek, Mulej, neħles minn kull tentazzjoni.
Mulej Alla tiegħi, irrid infaħħrek għal dejjem.
Ikun imbierek l-isem tal-Mulej issa u għal dejjem.
Marija, għinni.
Ġesù, Ġużeppi, Maria, għinuni nsalva ruħi. Id-demonju jibża' wisq minn dawn it-tliet ismijiet
Maria, Għajnuna tal-Insara, itlob għalija.
Glorja 'l Qalb Imqaddsa ta' Ġesù issa u dejjem.

## 6. Talb tal-Komunità

O missier u mgħallem taż-żgħażagħ, San Ġwann Bosco, li tant ħdimt għas-salvazzjoni tal-erwieħ, kun int il-mexxej tagħna biex nagħrfu insibu l-ġid ta' ruħna u ta' għajrna. Tina l-għajnuna biex negħlbu t-tentazzjonijiet u l-mistħija fit-taħriġ tar-ruħ. Ixgħel f'ruħna l-imħabba lejn Ġesù Sagramentat, lejn Marija Għajnuna tal-Insara u l-Papa, u aqlgħalna l-grazzja mingħand Alla biex nagħmlu mewta tajba u niġu ngawdu miegħek fil-ġenna. Ammen.

# Is-Sitt Taqsima: Reċta tal-Milied



## 18. L-GĦAĠEB TAL-PRESEPJU

Leġġenda Maltija

**Kitba ta' Dun Ġwann Sultana**

Jieħdu Sehem:

| | | |
|---|---|---|
| Narratur A | : | ________________________________ |
| Narratur B | : | ________________________________ |
| Bastjan (Bidwi) | : | ________________________________ |
| Donna Elena (Barunessa} | : | ________________________________ |
| Qaddejja | : | ________________________________ |
| | | ________________________________ |
| Bdiewa | : | ________________________________ |
| | | ________________________________ |
| | | ________________________________ |
| Nagħaġ | : | ________________________________ |
| | | ________________________________ |
| | | ________________________________ |
| | | ________________________________ |
| | | ________________________________ |
| | | ________________________________ |
| | | ________________________________ |
| | | ________________________________ |
| Tfajjel (vuċi) | : | ________________________________ |
| Narratur | : | ________________________________ |
| | | ________________________________ |

## *Xena 1* Fid-dar ta' Donna Elena

Narratur A: Ġewwa Għawdex madwar tliet mitt sena ilu, kienet toqgħod waħda Barunessa, armla, jisimha Donna Elena.

Narratur B: Kellha dar sabiħa ħafna. Kellha bitħa, ġnien u bir fin-nofs. Peress li kienet sinjura ħafna, kellha l-bdiewa jaħdmu fl-għelieqi tagħha u jieħdu ħsieb il-merħliet. Lil dawn il-bdiewa kienet tħobbhom ħafna, qishom uliedha. Fid-dar kellha kamra għalihom.

Narratur A: Kull Milied Donna Elena kienet tiġbor lill-bdiewa u tagħmlilhom ikla, bħalma kien jagħmel il-Baruni, ir-raġel tagħha, qabel ma miet.

Narratur B: Dan il-Baruni kien iħobbu ħafna l-Milied għax għalih kien festa ta' kulħadd. Minn bosta ġranet qabel il-Baruni kien joħroġ Bambin kbir tax-xemgħa l-ġmiel tiegħu u jqiegħdu fuq il-gradenza fil-kamra tal-ikel. Ħdejh kien ipoġġi xi nagħaġ u xi ftit pasturi.

Qaddejja 1: Sinjura l-ikel lest u nistgħu nibdew inservu.

Qaddejja 2: Anke l-bdiewa diġa ġew lura mill-għelieqi u n-nagħaġ ġabruhom fl-imqajel. Tridx insejħilhom sinjura ħalli nibdew inservu?

Donna Elena: U żgur! Dawk min jaf kemm huma bil-ġuħ imsieken, wara ġurnata fl-għelieqi u ġo dak il-bard kollu jindukraw in-nagħaġ.

Bidwi 1: Il-Milied it-tajjeb, Sinjura.

Bidwi 2: Il-Bambin ibierkek u jimliek b'kull ġid, Sinjura.

Donna Elena: Grazzi, grazzi, awguri lilkom ukoll. U grazzi tas-servizz li dejjem tagħtuni.

Bidwi 3: Dak dmir tagħna, Sinjura.

Bidwi 1: In-naħaġ diġa ġbarnihom u jekk Alla jrid, is-sena d-dieħla jkollna aktar nagħaġ x'nieħdu ħsieb.

Donna Elena: Poġġu, poġġu bilqiegħda, għax l-ikel lest.

Bidwi 2: Kemm għandek Bambin sabiħ Sinjura.

Donna Elena: Iva dak kien xtraħ mill-Belt, żewġi l-Baruni, Alla jaħfirlu. Kemm kien għal qalbu, kien jistħajlu l-Bambin ħaj.

Bdiewa flimkien: (*minbarra Bastjan*): Veru, qisu Bambin ħaj!

Donna Elena: U int Bastjan x'jidhirlek mill-Bambin, mhux qisu ħaj?

Bastjan: Jien ma nemminx li xi darba l-Bambin kien tad-demm u l-laħam bħalna.

Narratur A: Għal dan il-kliem Donna Elena nħasdet. Lil Bastjan kienet tafu b'raġel tar-ruħ u qatt ma stenniet li tisma' kliem bħal dan minn fommu.

Bastjan: (*jitbissem*): Jien nibda nemmen meta dal-Bambin tiegħek jibgħat iż-żewġ nagħġiet li hemm maġenbu man-nagħaġ tiegħi.

Narratur B: Bastjan ma kienx qed jiċċajta. Kien iħobbu l-Milied kif kien iħobb kull festa oħra. Għalih kien okkażjoni biex jixrob u jixxala u ma tantx kien iħabbel rasu x'kien il-veru sens tal-Milied.

*Xena 2* Bastjan fl-għelieqi

Narratur A: Jum wieħed, lejlet il-Milied, Bastjan mar bħas-soltu bin-nagħaġ tiegħu fix-xagħri. Ħin bla waqt, iżda, bla ma jaf kif, is-sema mtela' bis-sħab u f'kemm ilna ngħidu, infetħu bibien is-sema. U bdiet nieżla xita bil-qliel.

Bastjan: Dan l-ajru iswed minn fejn inqala'? U donnha ġejja x-xita. Aħjar nara fejn nistkenn, għax malajr nixxarrab għasra u nlaqqat xi riħ. (*Lin-nagħaġ*) Ejja suq ħa mmorru, ejja s-sewda, fejn sejra? Int dejjem ta' rasek trid tagħmel. Ejja ħa ħa, ejja ħa mmorru.

## Xena 3 Fil-kappella fil-kampanja

Narratur A: Ġera Bastjan, hu u n-nagħaġ tiegħu. U sab kenn f'daqsxejn ta' kappella fil-qrib, sab il-bieb tagħha miftuħ, imbotta x-xatba, u daħal hu l-bhejjem tiegħu biex ma jixxarbux.

Bastjan: Ħa nidħol hawn ġew, hekk ma nixxarrabx. Ara hawnhekk hawn Bambin ukoll. Sabiħ dan il-Bambin u x'żewġ nagħġiet għandu! Xi ħadd m'ilux li kien hawn għax il-musbieħ għadu milmi biż-żejt.
Ħa nintefa' f''rokna fl-art u ma noħroġx minn hawn qabel ma tgħaddi l-maltempata.

Narratur B: Hekk għamel Bastjan. Iżda għajnu marret bih u raqad. In-nagħaġ għamlu bħalu. Intasbu fl-art u tgeddsu miegħu kif setgħu.

Narratur A: Ħin bla waqt faqqgħet sajjetta u l-knisja mtliet nar qisha ħuġġieġa.

Bastjan: Dan x'ġara. Dak x'ħoss ħu, u dan id-dawl minn fejn ġie? Qed nibża'! Ara anke n-nagħaġ qed jibżgħu u jitgerrxu. Il-musbieħ ukoll intefa'. Imma barra hemm dlam ċappa. Aħjar nara kif nagħmel u ninġabar lejn id-dar u ndaħħal in-nagħaġ, għax min jaf is-sinjura kemm ilha tistennieni!

Xena 4 **Fil-bitħa tas-Sinjura**

Narratur B: Hekk għamel Bastjan. Ħaffef il-pass lejn id-dar u n-nagħaġ erħewlha għal warajh. Fil-bitħa tad-dar, Bastjan sab lis-Sinjura tistennieh.

Donna Elena: Fl-aħħar wasalt Bastjan. Kemm ilni nistenniek u ninkwieta. Żġur ġralek xi ħaġa!

Bastjan: Le Sinjura, minn daqshekk ma ġrali xejn. Iżda ma stajtx nasal bix-xita u l-maltemp u kelli nidħol nistkenn fil-kappella.

Donna Elena: Ħa niftaħlek ix-xatba u qabel ma ddaħħal in-nagħaġ, għoddhom biex tkun ċert li ġew kollha.

Bastjan: Ħalli f'idejja sinjura. Serraħ moħħok li n-nagħaġ kollha hawn qegħdin, għax dawk fejn immur jien, jiġu huma. Mhux għaxar nagħġiet għandna u l-għaxra jkunu hawn.

Donna Elena: Jien dieħla ġewwa għax il-lejla hawn kesħa xxoqq il-għadam.

Bastjan: Ħa ngħodd in-nagħaġ, sinjura. Xi waħda nieqsa jista' jkun hawn, iżda iżjed minn għaxra żgur li le. Waħda, tnejn, tlieta. Issa 'l ġewwa, ejja, ara s-sewda ejja 'l hawn! Tmienja, disa' għaxra, ħdax, tnax! Ħdax? Tnax? Ħdax? Tnax? Imma jien għadni ma legligtx inbid illejla! (*Jgħodd fuq subajgħ*) Ħdax! Tnax! U le ma jistax ikun. Ħa nerġa' ngħoddhom.

Narratur A: Bastjan, mifxul reġa' ħareġ in-nagħaġ mill-maqjel u reġa' beda jgħodd.

Bastjan: Waħda, tnejn, tlieta … għaxra, ħdax, tnax. Ma jistax ikun, ma jistax ikun.
(*Jieqaf, ħosbien, miblugħ, imbezza'*).
Ma jistax ikun. Qed noħlom, dak mhux veru, dak tax-xemgħa.

Narratur B: Dak il-ħin deherlu li sema' leħen ieħor. Leħen misterjuż jidwi fil-baħħ ta' ruħu, jgħidlu:

Tfajjel: Le! Le! Mhux tax-xemgħa! Dak tad-demm u l-laħam!

Naratur A: Imħawwad minn din il-vuċi, ir-raħħal qabad il-fanal, libes kappell u telaq jgħaġġel lejn il-knisja ż-żgħira. Il-bieb kien għadu miftuħ kif ħallih!

## Xena 5 Fil-kappella fil-kampanja

Narratur B: Ir-raħħal għamel il-ħila u daħal fil-kappella. Għajnejh minnufih marru fuq l-artal.

Narratur A: Mhux kollox, imma kien bħal qabel. Flok il-Bambin tax-xemgħa kien hemm tarbija l-ġmiel tagħha, iż-żewġ nagħġiet li kellu ħdejh il-Bambin ma kenux għadhom hemm! U dlonk il-qniepen ta' dik il-knisja ċkejkna ħallew ilsienhom u bdew idoqqu...

Narratur B: U dak il-ħin Baskal ftakar f'dak li darba kien qal lit-twajba Donna Elena.

Narratur A: Dak il-ħin is-saħħa f'saqajh telqitu. Neħħa l-kappel minn rasu u nxteħet għarkuptejh jibki u jitlob maħfra.

Baskal: Mulej! Jien nemmen! Jien nemmen! Aħfirli Mulej! Aħfirli!

Donna Elena: Baskal! Baskal!

Bidwi 1: Kemm ilna nfittxuk.

Bidwi 2: Xi ġralek, Baskal?

Baskal: Jien nemmen, jien nemmen. Ara l-Bambin sar tarbija u n-nagħaġ tiegħu qegħdin mal-merħla tiegħi!

Narratur B: U għal dan il-kliem kulmin kien f'dik il-kappella niżel jadura lil dik it-Tarbija ta' Betlem.

Bidwi 3: Ejja ħa mmorru ngħidu lil kulħadd fir-raħal b'dak li rajna u smajna llum.

## *Xena 6* Fid-dar ta' Donna Elena

Narratur A: L-għada sebaħ il-Milied. U fid-dar ta' Donna Elena saret festa kbira, ikbar minn dik li kien jagħmel il-Baruni.

Donna Elena: Qed tara Bastjan, kif il-Bambin veru tal-laħam.

Bastjan: Iva Sinjura, kemm kont iblaħ meta ma kontx nemmen.

Donna Elena: U biex kulħadd jibqa' jiftakar f'dak li ġralek, se nibda npoġġi pastur li juri dak li kont int ilbieraħ, Bastjan, quddiem dik it-tarbija hekk ħelwa. Dan il-pastur se nsemmih: L-GĦAĠEB TAL-PRESEPJU.

# WERREJ

Daħla ........ 1

L-Ewwel Taqsima:
Tħabbira tal-Avvent

1. Il-Kebbies tal-Fanali ........ 2

It-Tieni Taqsima:
Teoloġija Biblika

2. Is-Salmi bħala Talba għal Kulħadd ........ 4
3. L-Ispirtu tat-Talb fil-Vanġelu ta' San Luqa ........ 10
4. It-Talba tal-Missierna ........ 12
5. Il-Faqar u l-Foqra fil-Bibbja ........ 15

It-Tielet Taqsima:
Teoloġija u Spiritwalità

6. Ħarsa qasira lejn It-Teoloġija tat-talb fil-Missirijiet tal-Knisja ........ 18
7. San Ġorġ Preca u t-Talb ........ 23
8. Madre Margerita – Bniedma li saret Talba ........ 27

Ir-Raba' Taqsima:
Noveni tal-Milied

9. Avvent: żmien ta' stennija ........ 34
10. Intervisti ma' Ġesù Adult dwar il-Milied ........ 58
11. Mixja mal-Ħmar tal-Presepju ........ 67
12. Il-Messaġġ tar-Ragħaj ........ 72

Il-Ħames Taqsima:
Skemi ta' Adorazzjonijiet għal matul is-sena mibnija fuq il-passi ta' nies li għexu ħajja qaddisa

13. Adorazzjoni Ewkaristika (San Ġorġ Preca) ........ 75
14. ADORAZZJONI Ewkaristika (Venerabbli Madre Margerita De Brincat) ........ 82
15. Adorazzjoni Ewkaristika (Frank Duff) ........ 86
16. Adorazzjoni Ewkaristika (Santa Gianna Beretta Molla) ........ 92
17. Adorazzjoni Ewkaristika (San Ġwann Bosco) ........ 97

Is-Sitt Taqsima:
Reċta tal-Milied

18. L-Għaġeb tal-Presepju ........ 99